[Nota: Jekk regola hi miktuba bl-aħmar ifisser li m'għadhiex tiswa għax ħaditilha postha regola ġdida; f'dak il-każ, ara l-ġabriet tar-regoli li ħarġu wara. U jekk tiltaqa' ma' xi żball tat-tipa, jekk jogħġbok ikteb lil *info@akkademjatalmalti.com* biex nirranġawh.]

**TAGĦRIF FUQ IL-KITBA BIL-MALTI**

Dan ix-xogħol magħmul mill-Kummissjoni, magħżula mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, hu miġbur f'żewġ taqsimiet:

L-Ewwel Taqsima titħaddet fuq l-Ortografija jew kif wieħed għandu jikteb sewwa l-Malti.

Ortografija hi kelma mill-Grieg u ġejja mill-kelmiet *orthos* li tfisser *sewwa*, u *grapho nikteb*. F'din it-taqsima huma mogħtijin fil-qosor ir-Regoli tal-Ortografija b'eżempji u b'xi tifsira magħhom.

Dawn ir-Regoli huma mqassmin f'għaxart irjus li huma:

1. L-Alfabett
2. Is-Sillaba
3. L-Aċċent
4. Taqsim tas-Sillabi
5. Il-Ħoss u l-Aċċent tal-Vokali
6. Tiswir il-Kelma
7. Il-Leħen u l-Ħoss tal-Vokali ma' xi Konsonanti
8. L-Ittri J u W bħala Konsonanti
9. Id-Dittong
10. Għeliem fil-Kitba Maltija

It-Tieni Taqsima titħaddet iżjed bir-reqqa fuq it-tiswir u l-bini ta' kull kelma li tidħol fit-taħdit Malti. Din it-taqsima nistgħu nsejħulha l-Morfoloġija tal-Ilsien Malti jew Tagħlim fuq kif isiru jew jingħamlu l-kliem fl-Ilsien Malti.

Il-Ktieb jagħlaq b'żieda ta' regoli miġbura fil-qosor fuq il-kitba tal-għajn (għ) b'tifsir fil-wisa' fuq l-Alfabett u b'eżempji tal-Kitba Maltija mxebbha u mibnija fuq ir-Regoli mogħtija f'dan il-ktieb.

**L-EWWEL TAQSIMA**

L-ALFABETT

L-Alfabett Malti, kif inhu magħruf illum fi lsienna mill-kittieba tal-Malti jgħodd disgħa u għoxrin ittra: ħamsa Vokali u erbgħa u għoxrin Konsonanti.

1. Il-Vokali huma: a, e, i, o, u.

**T.ċ.** [Tagħrifa ċkejkna] L-ittri *â* u *ê*, bil-ħoss imkarkar, jitfissru bil-leħen u s-sura ta' *ie*, fil-kelmiet bħalma huma: *ġieb, ġiena, ġiehom* flok *ġâb, ġâna, ġâhom*; *diem, sieb* flok *dâm, sâb*; *ktieb* flok *ktâb*; *basliet* flok *baslât*, *jiena* flok *jâna*. *Baliena* flok *balêna*; *piena* flok *pêna*; *mieta* flok *mêta*. Skont il-grammatika, din il-kisra ta' leħen (ta' *ie* flok *â* jew *ê*) għandha titfisser b'ittra waħda; iżda, biex ma nfittxux reqqa żejda fl-istampa, dehrilna li għandna nħalluha timxi bħal qabel, sakemm 'il quddiem tista' tingħaqad f'ittra waħda. M. A. Vassalli (*Grammatica della Lingua Maltese* 1827) kien daħħal l-ittra Y (bl-aċċent ^ fuqha) flok *ie*.

(1) *a* għandha leħen ta' *a* maħtufa f'kelmiet bħalma huma *Alla*, *sajda*, *qatgħa*. Għandha leħen ta' *a* mkarkra f'kelmiet bħalma huma: *ħmâr, dâr, dâ, tâ, râ, sâ, ħâ, dâm, sâm*.

(2) *e* għandha leħen ta' *e* maħtufa f'kelmiet bħalma huma *héna*, *séna*, *télaq*, *tèllaq*; ta' *e* mkarkra f'kelmiet bħalma huma *xêna*, *ċêna*, *Frêdu* u fil-kelma Maltija *lê*.

(3) *i* għandha leħen ta' *i* maħtufa f'kelmiet bħalma huma *ìġbor*, *bíni*, *kíri*; ta' *i* mkarkra f'kelmiet bħalma huma *bîr*, *dî*(*n*), *fîni*, *bîni* (eż.: *bîni l-ġuħ*).

(4) *o* għandha leħen ta' *o* maħtufa f'kelmiet bħalma huma *òrdni*, *òqgħod;* ta' *o* mkarkra f'kelmiet bħalma huma *kôk, vôpa, xkôra, skôla, môla, rôta, ġô (ġewwa).*

(5) *u* għandha leħen ta' *u* maħtufa f'kelmiet bħalma huma *kùll, tiegħu, miegħu;* ta' *u* mkarkra f'kelmiet bħalma huma *sûra, ûġa', blû, lûra, (ilbiraħt) lûla.*

2. Il-Konsonanti huma:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| b | bil-leħen ta' | be | fil-kelmiet: | bajtra, bieb |
| ċ | " | ċe | " | ċajta, ċempel |
| d | " | de | " | dar, dubbiena |
| f | " | effe | " | ċoff, fdâl, ċafċaf |
| ġ | " | ġe | " | ġewż, għasluġ |
| g | " | gâ | " | gustuż, geżwira, garġi, igdem |
| għ | " | għajn | " | għarb, dmugħ, dgħajjef, għiri |
| h | " | he | " | hena, fih, fiha |
| ħ | " | eħħe | " | ħawsla, ħurħâra |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| j | " | ja | " | jiena, dejjaq |
| k | " | kappa | " | karkar, ċkejkna, kċina |
| l | " | elle | " | lejla, lewlu |
| m | " | emme | " | mnieħer, mfisser |
| n | " | enne | " | minġur, nidem |
| p | " | pe | " | Peppu, ċappas |
| q | " | qa | " | qawwi, qartas, qerq, daqqa |
| r | " | erre | " | ragħad, rogħda |
| s | " | esse | " | sassla, sinsla |
| t | " | te | " | tewma, tlieta |
| v | " | ve | " | ċavetta, venven |
| w | " | wa | " | widna, werwer, waħdu, wieħed |
| x | " | exxe | " | xemx, xewwex |
| z | " | zeta | " | zunnarija, zokk, zakak, zekzek |
| ż | " | żeta | " | żarżar, żunżan |

3. Il-għamla u x-xeħta ta’ dan l-Alfabett jimxu ma’ dak li nisel il-kelma jrodd f’kull tiswira, fejn l-ittri konsonanti, li fuqhom tinbena l-kelma, jibqgħu dejjem sħaħ u l-vokali aktarx jitbiddlu. Ara: *rabat, rbit*; *demgħa, dmugħ*; *Għawdex, Għawdxi*; *iblah, belha, boloh*; *xebah, xbieha*; *raġel, rġiel*; *ħataf, ħatfa*; *qattus, qtates*; *għarbiel, għeriebel*, fejn kull ittra konsonanti ta’ nisel il-kelma baqgħet tidher sħiħa, waħda wara l-oħra, waqt li l-vokali tbiddlu.

Għalhekk dawn l-ittri konsonanti jissejħu l-għeruq tal-kelma u għandhom jidhru sħaħ. Minn dan innisslu u niġbru r-regoli:

L-EWWEL REGOLA

Kull ittra konsonanti tal-Alfabett għandha tidher għal leħen wieħed.

Għalhekk sewwa tikteb *nikseb* u mhux *nixeb*; *nikser* u mhux *nixer*, ngħidu aħna bix-*x* bil-leħen ta’ *x* fil-Latin (*ks*) bħal fil-kelmiet *pax, rex, dixit*.

IT-TIENI REGOLA

Kull leħen għandu jitfisser b’ittra konsonanti waħda, jew b’sura ta’ konsonanti waħda.

Għalhekk ikteb: *kelma* u mhux *chelma*; *xkupilja* u mhux *xkupiglia* u inqas *xkupiglja*; *dinja* u mhux *digna*; *xemx* u mhux *scemsc*; *gendus* u mhux *ghendus*; kif ukoll *jekk* u mhux *jech*; *tiegħek* u mhux *tiegħech*; *kċina* u mhux *chċina*. Hekk ukoll *għandi* u mhux *għandi* jew *ghandi* bil-*g* u l-*ħ* jew l-*h* magħżulin, iżda bil-*għ* magħqudin f’ittra waħda.

**T.ċ.** M. A. Vassalli għal-leħen tal-*għajn* (*Gram. Malt.*) kien għażel ittra waħda, sura ta’ *u* maqluba.

Kif urejna, il-leħen taż-żewġ vokali *ie* mhux ħlief il-kisra tal-ittra *â* jew *ê* bil-leħen imkarkar, jew minn daqqiet ta’ *a* bħal fil-kliem *werqa*, *xebba* miksur f’*ie*: *werqiet*, *xebbiet*.

Fil-kitba Maltija l-ittra *a* (*alif* Għarbija) hi magħduda bħala vokali, għalkemm skont il-grammatika għandha tgħodd mal-konsonanti dgħajfin meta tidher bħala waħda mill-għeruq tal-kelma jew bħala ittra, imsejħa mill-grammatiċi, *servili*. Ara: *Alla*, *dâr*, *agħmel*, fejn l-*a* ta’ *Alla* u ta’ *dâr* hija ta’ għerq il-kelma u l-*a* ta’ *agħmel*, hija miżjuda biex taqdi s-sura tal-*verb*. Fi kliem bħalma huma *dâm*, *sâb*, *tuffiħât*, *ħât*, *werqât*, l-*a* għandha tgħodd ukoll bħala konsonanti dgħajfa. Billi dlonk titbiddel (ara t-Tlettax-il Regola) u tinħass ukoll *ie*: eż.: *diem*, *sieb*, *tuffiħiet*, *ħiet*, *werqiet*, u l-alfabett Ruman ma jagħti ebda għelm ieħor li biha jitfisser dan it-tagħwiġ ta’ leħen, din l-ittra *â* (*ie*) tibqa’ titfisser biż-żewġ ittri vokali *ie* li ’l quddiem jistgħu jingħaqdu f’ittra waħda bħall-*æ* u l-*œ* tal-Latin.

IT-TIELET REGOLA

Kull leħen ta’ konsonanti għandu dejjem jitfisser bis-sura tal-istess ittra.

Għalhekk l-ittra *ċ* qatt ma għandha tidher flok il-*k* u lanqas il-*k* flok il-*q* u lanqas il-*q* flok il-*k*. Ikteb *karta* u mhux *carta*; *klamar* u mhux *clamar*; *kċina* u mhux *ccina* u lanqas *chcina*; *kwienen*, *kwiekeb* u mhux *qwienen*, *qwieqeb*; *qattus* u mhux *kattus*. Hekk ukoll l-ittra *h* fil-leħen tagħha f’*hena*, *deher*, *tidher*, *fiha*, *fih*, *tixbiha*, *tixbih*, qatt ma għandha tidher flok l-*ħ* ta’ *ħarħar*, *saħħa*, *xiħa*, *sabiħ* u niktbu *harhar*, *sahha*, *xiha*, *sabih*. Ma għandna lanqas ninqdew bl-ittri *c* u *g* mingħajr punt flok l-ittri *ċ* u *ġ* (bil-punt) quddiem il-vokali *e* u *i*: ma għandniex, ngħidu aħna, niktbu: *cempel*, *circ*, *gellewż*, *giżi* flok *ċempel*, *ċirċ*, *ġellewż*, *ġiżi*. Hekk ukoll l-*u* flok il-*w*: *uieħed* flok *wieħed*; l-*i* flok l-*j*, *iiġbor* flok *jiġbor*, *iena* flok *jiena*. Għalkemm dawn l-aħħar ittri jagħtu leħen wieħed ma għandhom qatt joqogħdu u jidhru bis-sura ta’ ittri vokali ħlief meta jaqa’ fuqhom l-aċċent, kif ’il quddiem infissru.

Xi ittri konsonanti fit-tiswira tal-kelma jbiddlu l-leħen tagħhom u għalhekk mhux dejjem jidhru biex ifissru *leħen wieħed*. Taħt ir-regola li ġejja dawn il-konsonanti jibqgħu bis-sura ta’ għerq il-kelma.

IR-RABA’ REGOLA

Kull konsonanti ta’ għerq il-kelma, għalkemm tbiddel il-leħen tagħha fit-tiswir tal-kelma, għandha dejjem tidher sħiħa fis-sura tagħha ewlenija.

(1) Il-konsonanti li jitbiddlu fil-leħen ta’ xulxin huma:
Konsonanti qawwijin: b, v, d, ż, ġ, g, għ, h.
Konsonanti rotob: p, f, t, s, ċ, x, k, ħ.

(2) Il-konsonanti *b*, *d*, *ġ*, *ż* quddiem konsonanti ħafifa jew meta jaħbtu fl-aħħar tal-kelma jrattbu l-leħen tagħhom li jkun donnu dak tal-ittri sħabhom: *p*, *t*, *ċ*, *s*: għalhekk minn *bieba* u *bitħa*, inħossu u jidhrilna li għandna niktbu: *biep* u *ptieħi*; minn *daħal*, *tħalt*; minn *ġifen*, *żebbuġ*: *ċifen*, *żebbuċ*; minn *żifen*, *ħobża*, *qabża*: *sfin*, *ħobs*, *qabes*; minn *ħadida*, *ħadit*; minn *kelba*, *kelp*.

Għalhekk mur mar-regola u ikteb: *bieb*, *btieħi*, *dħalt*, *ġfien*, *żebbuġ*, *żfin*, *ħobż*, *qabeż*, *ħadid*, *kelb*.

(3) Il-konsonanti *k* (*ca*, *che*, *chi*, *co*, *cu* Taljani), *f*, *s*, *t*, *x*, quddiem ittri konsonanti qawwija jħaxxnu l-leħen tagħhom u jinħassu bħall-ittri sħabhom *g*, *v*, *ż*, *d*, *ġ*, ngħidu aħna bħal *gbîr*, *gbâr*, *vdal*, *v'ġieħ*, *żdieri*, *iżboq*, *ġbajt*, imnisslin minn *kiber*, *fadal*, *f'ġieħ*, *sidrija*, *sebaq*, *xaba'* u li għalhekk skont din ir-regola għandhom jinkitbu *kbir*, *kbar*, *fdal*, *f'ġieħ*, *sdieri*, *xbajt*, *isboq*. Hekk ukoll niktbu *tbatija* u mhux *dbatija*, billi t-*t* hija ittra li tridha l-grammatika biex taqdi t-tiswira tal-kelma bħal fil-kelmiet *tnissila*, *trobbija*. Hekk ukoll niktbu *tgawdija* u mhux kif tinstema' fil-widna *dgawdija*.

(4) Il-konsonanti *h* u *għ* meta jaħbtu fl-aħħar tal-kelma jrattbu l-leħen tagħhom u jinstemgħu bħal *ħ* u għalhekk il-kliem ta' ġens mara (femminil) *fiha*, *biha*, *rawha*, *ħdejha*, *qatluha*, jinħassu fil-maskil bħallikieku għandhom jinkitbu *fiħ*, *biħ*, *rawħ*, *ħdejħ*, *qaluħ*. Hekk ukoll jiġri li jinkitbu ħażin kelmiet bħal dawn: *maqtuħ*, *dmuħ*, *qluħ*, *merfuħ* minflok *maqtugħ*, *dmugħ*, *qlugħ*, *merfugħ*, li biż-żieda tal-vokali *a* jsiru *maqtugħa*, *demgħa*, *qalgħa*, *merfugħa*.

## IS-SILLABA JEW IT-TAQSIMA TAL-KELMA

Is-Sillaba, fil-Malti, tista' tkun vokali weħidha jew vokali flimkien ma' konsonanti waħda jew iżjed. Ara: *u*, *ma'*, *ta'*, *min*, *minn*, *kelb*, *ġild*, *rajt*, *xbajt*, *rbatt*, *mort*, *sajd*.

### IL-ĦAMES REGOLA

Kull sillaba, jew taqsima ta' kelma, ma tistax tinħass u tinkiteb mingħajr il-vokali li ssawwarha.
Jiġri għalhekk illi konsonanti waħda, tnejn, tlieta jew erbgħa flimkien, mingħajr vokali magħhom, ma jistgħu qatt jinħassu jew jinkitbu f'taqsima ta' kelma.

Jagħmel ħażin:
(1) min f'taqsima ta' kelma bejn żewġ ittri konsonanti sħaħ iħożż l-ittra *j* jew *w* minflok l-ittri *i* u *u*, u jikteb, ngħidu aħna, *bjr*, *sjd*, *ġjd* minflok *bîr*, *sîd*, *ġîd*, jew *bwr*, *swr*, *rwħ* flok

*bûr*, *sûr*, *rûħ*.

(2) min f'taqsima ta' kelma jħożż l-ittra konsonanti *j* mingħajr il-vokali magħha, ngħidu aħna jikteb *jsta'*, *jstâd*, *jrkeb*, *jdħaq* (iqassam *js-ta*, *js-tâd*, *jr-keb*, *jd-ħaq*) flok *jista'*, *jistâd*, *jirkeb*, *jidħaq* (*jis-ta'*, *jis-tad*, *jir-keb*, *jid-ħaq*) jew jikteb *j* flok *i* bħal *bja* (*bj-a*) flok *bija* (*bi-ja*), *ħtja* (*ħtj-a*) flok *ħtija* (*ħti-ja*).

Għalhekk bħalma niktbu *jaħrat* (*jaħ-rat*), *jarfagħ* (*jar-fagħ*), *jehmeż* (*jeh-meż*), *jogħdos* (*jogħ-dos*), *juġagħ* (*ju-ġagħ*) bil-vokali *a*, *e*, *o*, *u* fit-taqsima tal-kelma bejn il-konsonanti, hekk ukoll inqisu li niktbu sewwa: *jishar* (*jis-har*), *jibki* (*jib-ki*), *jixher* (*jix-her*), *jikteb* (*jik-teb*) bil-vokali *i* bejn il-konsonanti tal-ewwel sillaba. Hekk ukoll bħalma niktbu *fiha*, *tiha*, *biha* mqassmin kull waħda fiż-żewġ sillabi ta' *fi-ha*, *ti-ha*, *bi-ha*, nagħrfu wkoll niktbu kliem bħal dawn: *dija*, *bqija* fejn l-ittra konsonanti *j* għandha l-istess setgħa u qadi tal-*h* fl-eżempji ta' qabel. Hekk ukoll *rġulija*, *ħmerija* u mhux *rġulia*, *ħmeria*.

IS-SITT REGOLA

Żewġ vokali wara xulxin ma jistgħux joqogħdu f'sillaba waħda; jew aħjar: kull sillaba ma jistax ikollha ħlief vokali waħda.

Jikteb ħażin:

(1) min bejn l-ittra *x* u l-vokali *a*, *o*, *u* jdeffes il-vokali *i* biex isemma' l-leħen ta' *x* u jikteb *xiuxia*, *rixia*, *ħaxixia*, *xiorta*, *taxxia* flok *xuxa*, *rixa*, *ħaxixa*, *xorta*, *taxxa*.

(2) min bejn l-ittra *ċ* u *ġ* u l-vokali *a*, *o*, *u* jdeffes il-vokali *i* biex jagħtihom il-leħen ta' *cia*, *cio*, *ciu*; *gia*, *gio*, *giu* Taljani u jikteb *ciarruta*, *ciong*, *ciuqlajta*, *giandar*, *giolf*, *giuf* flok *ċarruta*, *ċong*, *ċuqlajta*, *ġandar*, *ġolf*, *ġuf*.

(3) min għal-leħen ta' *j* u ta' *w* quddiem jew wara vokali, jinqeda bil-vokali *i* u *u*, u jikteb, ngħidu aħna: *beit*, *fein*, *abiad*, *iaħdem*, *taiieb*, *tajieb*, *iżied*, *daul*, *dual*, *suued*, *dauual* flok *bejt*, *fejn*, *abjad*, *jaħdem*, *tajjeb*, *iżjed*, *dawl*, *dwal*, *suwed*, *dawwal*.

**T.ċ.** Tajjeb għalhekk tikteb: *Iz-zokk u l-weraq tas-siġra* u mhux *iz-zokk u il-weraq tas-siġra* fejn il-konsonanti *u* flimkien mal-artiklu *l-* jagħmlu sillaba waħda għalihom b'żewġ vokali wara xulxin *u* u *i*. Għal min irid jikteb bir-reqqa u jsemma' l-vokali tal-leħen *i*, jista' jikteb *w il-weraq*, jew *wil-weraq*.

IS-SEBA' REGOLA

Bejn il-vokali ta' sillaba u l-vokali tas-sillaba ta' wara jrid ikun hemm dejjem konsonanti.

Għalhekk jagħmel ħażin min jikteb: *mia*, *dia*, *tarbia*, *għalia*, *mistoqsia*, *fia*, *mgħollia*,

*dua*, *hua*, *stasia*, *fernеżia* flok *mija*, *dija*, *tarbija*, *għalija*, *mistoqsija*, *fija*, *mgħollija*, *duwa*, *huwa*, *stasija*, *fernеżija*, fejn kull waħda, li titqassam f'dawn is-sillabi teħtieġ li bejn il-vokali tas-sillaba u ta' dik li tiġi wara jkun hemm konsonanti: eż. *mi-ja*, *di-ja*, *tar-bi-ja*, *għa-li-ja*, *du-wa*, *hu-wa*, eċċ.

Il-konsonanti li tidħol bejn il-vokali ta' sillaba u l-vokali ta' oħra, tista' tkun *h*, kif tidher f'dawn il-kelmiet: *deher*, *deheb*, *fiha*, *fihom*, *raha*, *bluha*, *kruha*, *sabuha*. Din il-konsonanti xi wħud jibdluha mal-konsonanti *għ* u oħrajn mal-konsonanti *j* u xi drabi ma' *w* jew *u* meta taħbat wara l-vokali *i* jew *u*, u għalhekk dlonk isemmgħu u jiktbu ħażin: *figħa*, *ħadugħom*, *sabugħom*, *sabugħa* jew ukoll *fija*, *ħaduwom*, *sabuwom*, *sabuuom*, *sabuwa* flok *fiha*, *ħaduhom*, *sabuhom*, *sabuha*.

Nagħrfu għalhekk nagħżlu bejn *fija* u *fiha*, *bija* u *biha*, *għalija* u *għaliha*. Fejn tidħol il-*j*, il-kelma għandha x'taqsam ma' *jiena*, u fejn tidħol il-*h*, għandha x'taqsam ma' *hi*.

Il-ġens mara ta' *fih*, *bih*, *għalih* tat-tielet persuna jissawwar biż-żieda tal-vokali *a*, bħal minn *bieb*, *kelb* ġens raġel, għandna *bieba*, *kelba* bħala ġens mara: għalhekk niktbu *fiha*, *biha*, *għaliha* għat-tielet persuna, jiġifieri għal *dik* li nkunu nitkellmu fuqha, waqt li *fija*, *bija*, *għalija*, biż-żieda ta' *ja* mal-partiċelli *fi*, *bi*, *għali*, insawru l-ewwel persuna, jiġifieri *dik* li tkun titkellem għaliha nfisha.

#### IT-TMIEN REGOLA

Konsonanti mtennija ġewwa l-kelma, dejjem timxi bil-vokali qabilha.

Bħalma niktbu *nsellmu*, *ngerrmu*, *nrabbtu*, *mtenni* minn *sellem*, *gerrem*, *rabbat*, *tenna* bil-vokali qabel il-konsonanti mtennija, hekk ukoll nagħrfu niktbu kelmiet bħal dawn: *ngħallmu* minn *għallem*, *ngħaddi* minn *għadda*, *ngħabbu* minn *għabba* u mhux *nagħllmu*, *nagħddi*, *nagħbbu*, mingħajr vokali qabel l-ittri *l*, *d* u *b* imtennijin.

#### ID-DISA' REGOLA

Fi kliem ta' sillaba waħda, il-vokali tal-aħħar tinħass u tinkiteb imkarkra.

Għalhekk jagħmel ħażin min jikteb: *ħà, sà, tà, dà, rà, ġà, ġè, pà, tè, lè* bil-ħoss maħtuf flok bil-ħoss imkarkar. Għalhekk niktbu: *ħâ* jew *ħa, sâ* jew *sa, tâ* jew *ta, lê* jew *le,* eċċ.

#### IL-GĦAXAR REGOLA

Fi kliem ta' sillaba waħda, vokali ħossha maħtuf u sħiħ, tieħu dejjem warajha konsonanti mtennija, jew iżjed minn konsonanti waħda.

Għalhekk ħażin tikteb *mín* flok *mìnn*; *dáq* flok *dàqq*; *żmák* flok *żmàkk* u bħalma niktbu *èlf*, *bàrd*, *àrt*, *bèlt* b'iżjed minn konsonanti waħda wara vokali ħossha maħtuf u sħiħ, għandna niktbu wkoll *għòdd*, *sàrr*, *mòdd*, *mràdd*, *xòtt*, *qàtt* u *qàdd* (pl. *qaddejn*), *ħadd* (pl. *ħdud* u *ħaddejn*) b'konsonanti mtennija wara l-vokali.

Joħorġu minn din ir-regola l-ittri konsonanti dgħajfin *j* u *w* meta f'taqsima ta' kelma jiġu wara vokali maħtufa.

Għalhekk għandna niktbu: *raj*, *ħaj*, *ġej*, *għaddej*, *ħdej(n)*, *mulej*, *jew*, *ġew*, *ħlew*, *sew* (minn *sewwa)*, *tnew*, *nsew*, *krew*, *bkew*, *għaddew*, u mhux *rajj*, *ħajj*, *ġejj*, *għaddejj*, *ġeww*, *ħleww*, *seww*, eċċ.

IL-ĦDAX-IL REGOLA

F'taqsima ta' kelma, vokali ħossha mkarkar tieħu warajha konsonanti waħda.

Għalhekk niktbu u nagħżlu wkoll: *min* (pronom) minn *minn* (prepożizzjoni). Eż. *Min hu? Minn dan*.

Hekk ukoll *minnu*, *minnha*, *minnhom*, *mill-bieraħ* imnisslin minn *minn-*(*h*)*u*, *minn-ha*, *minn-hom, minn-il-bieraħ*.

Fuq din ir-regola jissawru kelmiet ta' din ix-xorta: *mâr*, *tfâl*, *żgħâr*, *sâr*, eċċ. u għalhekk nagħżlu *sâr* minn *sàrr*; *battâl* minn *battàlt*; *ġâr* minn *ġàrr*; *sâm* minn *sàmm*, *tâl* minn *tàll* (qasma); *ħâl* minn *ħàll*.

Għalhekk niktbu u nagħżlu wkoll: *għâl* minn *għàll-*; *lîl* minn *lìll-*; *bħâl* minn *bħàll-*. Meta ma' tarf *għâl*, *bħâl* u *lîl* inżidu *l-* (artiklu), il-vokali ta' qabel tbiddel il-ħoss tagħha u tagħmlu maħtuf.

L-AĊĊENT

L-Aċċent hu dik is-saħħa aqwa li nagħmlu fuq waħda mill-vokali tal-kelma. Ara fil-kelmiet *ħàrbat*, *tiġríja*, *ġarġîr*, *féraq*, fejn l-aċċent jinħass fuq l-ewwel u fuq it-tieni u terġa' fuq it-tieni u fuq l-ewwel vokali tal-erba' kelmiet li tajna wara xulxin.

Għal dawn l-aċċenti ninqdew bil-ħażż (`) jew (´) meta l-vokali tkun b'leħinha maħtuf, tal-ewwel aċċent sħiħ, tal-aħħar nofs aċċent jew ħelu; ninqdew bil-ħażż (^) meta l-vokali tkun b'leħinha mkarkar jew twil.

IT-TNAX-IL REGOLA

L-Aċċent tal-kelma għandu jkun dejjem fuq vokali u qatt fuq konsonanti.

L-aċċent fil-kelmiet *twîl*, *sikwît*, *tiswîr*, *tisjîr*, *tagħwîġ*, *tgeġwîġ*, *tipjîp*, jaqa' u jinħass fuq il-vokali tal-aħħar taqsima u għalhekk l-ittra vokali *i* tal-aċċent ma tistax titfisser bil-konsonanti *j*.

Ħażin min jikteb bl-ittra *j*: *twjl*, *sikwjt*, *tiswjr*, *tisijr*, *tagħwjġ*, *tgeġwjġ*, *tipijp* flok *twîl*, *sikwît*, *tiswîr*, *tisjîr*, eċċ.

**T.ċ.** Meta niġu biex nagħżlu liema miż-żewġ ittri tal-leħen *ui* u *iu* għandha tinkiteb konsonanti, nieħdu dik il-waħda li fuqha ma jaqax l-aċċent. Għalhekk il-kelma *biut* insewwuha *bjut* u mhux *biwt*, hekk ukoll *bisuit, sikuit, tuil* insewwuhom *biswit, sikwit, twil* u mhux *bisujt, sikujt, tujl*; *ħiut, ħjut*; *żiut, żjut*. Hekk ukoll il-kelma *liuia* niktbuha *liwja* u mhux *ljuja*. Xi wħud jgħiduha u jiktbuha ħażin: *lilwa* mingħajr ma jqisu li ġejja mill-kelma *lewa* u li hi l-femminil ta' *liwi* li jagħmel *liwja*.

Jiġri li l-ewwel ittra tal-kelma daqqa ssarraf vokali u daqqa konsonanti. Din it-tibdila ssir bejn il-konsonanti *j* u l-vokali tal-istess leħen *i*; bejn il-konsonanti *w* u l-vokali tal-istess leħen *u*:

(1) Jekk fuq l-ewwel leħen tal-kelma jinħass l-aċċent, bejn *i* vokali u *j* konsonanti, għal dak il-leħen agħżel l-ittra *i*. Eż. *iġbed*, *inżel*, *ibqa'*, *iżjed*, *iktar*, *isbaħ*.

(2) Jekk fuq l-ewwel leħen tal-kelma ma jinħassx aċċent, għal dak l-ewwel leħen bejn *i* vokali u *j* konsonanti agħżel *j*. Eż. *jaqbad*, *jaħdem*, *joħroġ*, *jinżel*, *jġib*, *jrid*, *jfur*, *jfieraq*. Biss, jekk dan l-ewwel leħen jinħass qiegħed bejn żewġ konsonanti, iktbu *i*. Eż. *mar iġib*, *kien irid*, *ried ifieraq*, imma mbagħad ikteb: *meta jġib*, *malli jġorr*, *malli jġibu*, *marru jsibu* u mhux *meta iġib*, *malli iġorr*, *malli iġibu*, *marru isibu*.

**T.ċ.** (1) Il-leħen *i* flok l-ewwel konsonanti tat-tieni persuna tal-imperattiv bħall-ittri *a, e, o* fil-verbi *arfa'*, *erħi*, *orqod* jidher ukoll bis-sura ta' ittra vokali *i* fi kliem bħalma huma: *isa*, *inżel*, *imxi*, *iġbed* kif ukoll *isaw*, *inżlu*, *imxu* u mhux *jsa*, *jnżel*, *jmxi*, *jġbed* jew *jsaw*, *jnżlu*, *jmxu* (ara t-Tlettax-il Regola).

(2) Il-leħen *i* fil-bidu tal-kelma jidher ukoll vokali fi kliem bħalma huma: *isbaħ*, *ikrah*, *iżjed*, *iġmla*, *isqra*, li ma jinkitbux *jsbaħ*, *jkrah*, *jżjed*, *jġmla*, *jsqra* fejn l-ittra *i* qiegħda flok *a* (*alif*) (ara t-Tlettax-il Regola).

(3) Il-leħen *i* fil-bidu tal-kelma jidher ukoll miktub vokali meta jidħol bħala riffied, bejn il-konsonanti tal-kelma ta' qabilha u l-konsonanti ta' warajha. Għalhekk niktbu: *sebat irġiel*, *ftit irmied*, *raġel imqit*, *kien imsiefer*, *mar l-iskola*, *ċarrat ilbiesu*, *dawn l-imwejjed*, *l-imwieżen*.

(4) Il-leħen *i* ma jidher b'xejn meta għandu quddiemu vokali oħra u l-kelma ta' wara tibda b'żewġ konsonanti jew bl-istess konsonanti mtennija. Għalhekk niktbu: *issa nqum*, *ħafna lfiq*, *ġejna ndoqqu*, *morna nġorru*, *mortu ssibu*, *rajtha żżur*, *meta ġġib*.

(1) Jekk fuq l-ewwel leħen tal-kelma jinħass l-aċċent, bejn *u* vokali u *w* konsonanti, għal dak il-leħen agħżel l-ittra *u*. Eż. *ûsa'*, *ûġa'*, *u*.

(2) Jekk fuq l-ewwel leħen tal-kelma ma jinħassx aċċent, għal dak l-ewwel leħen bejn *u* vokali u *w* konsonanti agħżel *w*. Eż. *waddab*, *werwer*, *weġgħa*, *wasal*, *wħûd*, *wċûħ*, *wkòll*. Biss jekk dan l-ewwel leħen jinħass qiegħed bejn żewġ konsonanti iktbu *u*: *mort lura*, *intom ukoll*, *kif uqafna*, *rajt uċuħ*.

(3) Dan il-leħen jinkiteb bl-ittra konsonanti *w* meta qabel taħbat vokali. Eż. *ħafna wċuħ*, *ħafna wlied*, *aħna wkoll*, *konna waqafna*, *ġejna weħidna*, *malli wasalna*.

### IT-TLETTAX-IL REGOLA

L-ittra *a* tas-sura fil-bidu tal-kelma toqgħod flok il-konsonanti tal-istess leħen (fl-Għarbi *alif*) u tieħu wkoll il-leħnijiet ta' *e*, *i* jew *o*.

Dawn il-leħnijiet flok *a* (konsonanti dgħajfa), jaqa' jew ma jaqax fuqhom l-aċċent, f'taqsima ta' kelma, jistgħu joqogħdu wara vokali oħra. Għalhekk niktbu: *kunu âfu*, *morru èrfgħu*, *weġagħni àbti*, *ħadtlu aħbar*, *kienu aħjar*, *lewnu àħdar*, *ħwejġi èqdem*, *oqogħdu òrbtu*, *iktar u ìktar*, *sema u àrt*, *agħma ìżraq*, *ir-ruħ u Alla*. Terġa' wkoll: *ejja iġbìdhom*, *morru oqògħdu*, *oqogħdu isimgħúhom*.

**T.ċ.** L-ittri vokali ta' bidu l-kelmiet: *afu*, *erfgħu*, *orbtu*, *iġbidhom*, *isimgħuhom*, *abti*, *aħbar*, *aħjar*, *aħdar*, *eqdem*, *iktar*, *art*, *iżraq*, *Alla*, biċċa tridhom il-grammatika biex juru s-sura lill-verb u biċċa huma ittri li jsarrfu daqs l-ittri konsonanti l-oħra li fuqhom tinbena l-kelma; kollha kemm huma mbagħad qegħdin flok l-ittra konsonanti dgħajfa *a* u għalhekk f'taqsima ta' kelma jidhru wkoll wara vokali, jaqa' jew ma jaqax l-aċċent fuqhom.

### L-ERBATAX-IL REGOLA

Il-kelma ma jistax ikollha ħlief aċċent wieħed; u meta tiżdied b'xi sillaba jew b'xi sillabi oħra, l-aċċent jiġi li jmur fuq is-sillaba ta' wara u jiġi li jibqa' floku.

Għalhekk mill-kelma *Màlta*, bl-aċċent fuq l-ewwel vokali *a*, għandna *Maltîn* bl-aċċent fuq il-vokali *i* tas-sillaba miżjuda. Hekk ukoll minn *òrbot* għandna *orbòtna*, minn *tálab*, *talàbna*, minn *salîb*, *salìbkom*, dejjem b'aċċent wieħed.

**T.ċ.** Nistgħu nfissru wkoll illi "barra minn f'kelmiet ta' sillaba waħda bħal *îd* u f'kelmiet li għandhom l-aċċent fuq it-tieni sillaba bħal *salîb*, l-aċċent jibqa' floku jekk mal-kelma tiġi tmiss vokali u jaqbeż fuq l-oħra jekk mal-kelma tiġi tmiss konsonanti".

Eż. (1) minn *qábad* għandna *qàbdu, qàbdek*; minn *ísem* għandna *ìsmi, ìsmek, ìsmu*.

(2) minn *qábad* għandna *qabàdni*, *qabàdkom*, *qabàdha*, *qabàdhom*. (Ara taħt "Tiswir il-kelma").

IL-ĦMISTAX-IL REGOLA

Wara l-aċċent, il-kelma ma jistax ikollha ħlief sillaba jew taqsima waħda.

Għalhekk il-Malti, biex dejjem iżomm l-aċċent fuq is-sillaba jew it-taqsima ta' qabel l-aħħar, minn *ġíbed* jgħid u jikteb *ġibdu* u mhux *ġíbedu*, *ġìbdek* u mhux *ġíbedek*. Minn *qátel* jgħid u jikteb *qàtlu*, *qatìlha*, u mhux *qátelu*, *qátelha*.

U bħalma ngħidu u niktbu *ìbnu*, *qàbru*, *rìġlu* minn *íben*, *qábar*, *ríġel* dejjem b'sillaba waħda wara dik tal-aċċent, hekk ukoll minn *séhem*, *déheb*, *dáhar*, *xágħar*, *xahar* ngħidu u niktbu *sèhmu*, *dèhbu*, *dàhru*, *xàgħru*. Hekk ukoll kif niktbu *vènvnu*, *ċèkċku*, *tèmtmu* minn *venven*, *ċekċek*, *temtem*, nagħrfu wkoll niktbu *qàrwżu*, *wèrwru*, *kàrwtu* u mhux *qàrweżu*, *wèrweru*, *kàrwatu* minn *qarweż*, *werwer*, *karwat* u lanqas kif xi wħud dlonk isemmgħu u jiktbu *qárużu*, *wéruru*, *kárutu* bil-vokali *u* flok it-tielet konsonanti tal-għerq *w*, li għandha l-istess saħħa tat-tielet konsonanti *v*, *ċ*, *t* fil-kelmiet tal-istess għamla *venvnu*, *ċekċku*, *temtmu*.

Taħt din ir-regola jiġri li kliem barrani, li għandu żewġ sillabi wara dik tal-aċċent, jieħu l-għamla u x-xeħta Maltija, billi, meta tidħol fl-ilsien Malti, il-kelma ma ssemmax ħlief sillaba waħda wara dik tal-aċċent. Kif min *ġibed*, *iben*, *sehem*, *venven* insemmgħu *ġibdu*, *ibnu*, *sehmu*, *venvnu* bin-nuqqas tat-tieni vokali *e*, hekk ukoll minn *popolo*, *stomaco*, *animo* nsemmgħu *pôplu*, *stònku*, *àlmu* bin-nuqqas tal-vokali fit-tieni taqsima tal-kelma barranija biex dejjem inżommu sillaba waħda wara dik tal-aċċent.

Għall-istess ħsieb niġu li nqabbżu l-aċċent fuq is-sillaba ta' qabel l-aħħar u nsemmgħu *dispûta* flok *dìsputa*, *pûbilku* minn *pùbblico*, *patrija* minn *patria*, *wardija* minn *guàrdia*.

## TAQSIM TAS-SILLABI

Il-kelma tinqasam f'sillabi sew fuq il-ħoss (twil jew maħtuf) kemm ukoll fuq l-aċċent tal-vokali.

IS-SITTAX-IL REGOLA

F'kelmiet ta' żewġ sillabi: (1) is-sillaba tinfired wara vokali li jkollha l-ħoss jew l-aċċent imkarkar, jew (2) vokali ta' ħoss jew aċċent twil jew imkarkar tingħażel mill-konsonanti ta' warajha.

Għalhekk inqassmu: *râ-ġel*, *rî-ħa*, *qrâ-da*, *qrâ-ti*, *ħâ-res*, *ftî-ra*, *sû-ra*, *mî-tra*, *fî-fra*.

**T.ċ.** Iżda l-konsonanti *l*, *m*, *n*, *r*, *għ* (imsejħin *likwidi*) jekk warajhom ikollhom konsonanti oħra, billi jridu dejjem vokali magħhom, imorru mal-vokali ta' qabilhom u għalhekk jitqassmu: *ħár-su* u mhux *ħà-rsu*, *gûm-na* u mhux *gû-mna*, *qâr-sa* u mhux *qâ-rsa*.

F'kelmiet ta' bi tnejn, kull waħda minn dawn tmur għaliha. Għalhekk fil-kelmiet: *ħadna*, *sabna*, *ġiebha*, *ġiebhom*, *ħadek*, *ħadhom*, *rasna*, *rasha*, *fuqna*, *fuqhom*, kull waħda magħmula minn verb, nom jew prepożizzjoni u żieda ta' pronom, it-tqassim tas-sillaba jsir hekk: *ħad-na*, *sab-na*, *ġieb-ha*, *ġieb-hom*, *ħad-ek*, *ħad-hom*, *ras-na*, *ras-ha*, *fuq-na*, *fuq-hom*.

Jekk iż-żieda tkun ta' ittra waħda, din tibqa' magħquda mal-aħħar sillaba tal-kelma. Għalhekk inqassmu *ra-si* u mhux *ras-i*, *ħal-lih* u mhux *ħal-li-h* fejn l-ittri miżjuda huma l-pronomi (*suffissi*) *i* u *h*.

IS-SBATAX-IL REGOLA

F'kelmiet ta' żewġ sillabi, jekk fl-ewwel taqsima hemm vokali maħtufa, is-sillaba tinfired wara l-konsonanti li tiġi wara dik il-vokali; ngħidu aħna, vokali ta' leħen maħtuf tiġbed magħha l-konsonanti ta' warajha.

Għalhekk inqassmu: *Jis-tad*, *fer-ħa*, *ġib-da*, *sed-daq*, *qab-ad*, *qab-bad*, *feh-ma*, *war-da*, *bagħ-la*, *ħol-qa*, *ġew-ża*, *ġaw-har*, *riġ-el*, *żib-eġ*, *fer-aq*.

IT-TMINTAX-IL REGOLA

F'kelmiet ta' żewġ sillabi li għandhom l-aċċent twil jew sħiħ fuq l-aħħar taqsima, is-sillaba tinfired mill-konsonanti li taħbat qabel il-vokali tal-aċċent.

Għalhekk inqassmu: *ħa-fíf*, *ħa-bíb*, *għo-tòrt*, *ħa-rûf*, *xi tán*, *su-bien*, *dub-bien*, *fer-għûn*.

ID-DSATAX-IL REGOLA

F'kelmiet ta' iżjed minn żewġ sillabi, is-sillabi jitqassmu kif urejna skont il-leħen u l-ħoss tal-vokali.

Għalhekk inqassmu: *ħa-fi-fa*, *sa-ri-ma*, *żar-bu-na*, *qas-ri-ja*, *tiġ-ri-ja*, *max-tu-ra*.

## IL-ĦOSS U L-AĊĊENT TAL-VOKALI

Il-vokali ħosshom twil jew imkarkar għandhom dejjem l-aċċent fuqhom. Dawn huma:
(1) Il-vokali *a*, *i* u *u*. Eż. *dâr*, *xurbân*, *ġîr*, *tabîb*, *bût*, *qanfûd*.

(2) Il-vokali *o* u *e* fi kliem meħud minn ilsna barranija. Eż. *kôk*, *lôk*, *xêna*, *ċêna*, u fi kliem Malti fejn dawn iż-żewġ vokali jinħassu flok il-vokali *a* bħal fil-kelmiet *għôlja* (aġġettiv), *kôs*, *mêla* (imma-la), *lê* (la).

**T.ċ.** (1) Il-vokali *a* twila tiġi li tinbidel fil-leħen ta' *ie* (dittong) li, kif għedna, *għandha tqis ruħha* ittra waħda bil-leħen twil u għalhekk dejjem bl-aċċent fuqha. Għaldaqstant ngħidu u niktbu: *sieb*, *diem*, *jiena*, *ġiebha*, *ma riedx*, *ma sabhiex*.

(2) L-*ô* ta' kliem barrani fil-Malti tiġi li titbiddel fil-leħen ta' *û*: *pûm* minn *pomo*, *tudûn* minn *tordone*, *muntûn* minn *montone*, *ballûn* minn *pallone*, *sapûn* minn *sapone*.

(3) Il-vokali *ê*, ta' kliem barrani, fil-Malti tiġi li tieħu l-leħen ta' *ie* jew *î* bħal fil-kelmiet *pena*, *segola*, *decreto* li bil-Malti jinstemgħu u jinkitbu *piena* jew *pîna*, *siegla*, *digriet*.

IL-GĦOXRIN REGOLA

Vokali b'aċċent twil jew imkarkar, fis-sillaba li tkun, tieħu warajha konsonanti waħda. (Ara wkoll il-Ħdax-il Regola).

Għalhekk niktbu: *ġieb*, *dâq*, *sâr*, *ħâres*, *qârar*, *megħrież*, *sîd*, *muntûn*, *pjaċîr*, *vît*, *miet*, *digriet*, *sajjied*, *bajjâd*, *sikrân*, *bierek* kollha b'konsonanti waħda wara l-vokali b'aċċent twil jew imkarkar. Għalhekk nagħżlu bejn *sâr* u *sàrr*, *dâq* u *dàqq*, *ħât* u *ħàtt*, *râs* u *ràss*, *ġâr* u *ġàrr*, *dâm* u *dàmm*, *għâd* u *għàdd*.

Vokali ħosshom maħtuf jista' jkollhom żewġ xorta ta' aċċenti: wieħed *sħiħ* u l-ieħor *ħelu* jew *nofs aċċent*.

L-aċċent *sħiħ*, biex nuruh, ninqdew bil-ħażż ta' (`) għelm miksur lejn il-lemin: *tlàbt*, *sìbna*, *ħàrbixt*.

L-aċċent ħelu jew nofs aċċent, biex nuruh, ninqdew bil-ħażż ta' (´), għelm miksur lejn ix-xellug. Eż. *télaq*, *féraq*, *ġíbed*, *súwed*, *bógħod*, *għóġol*.

IL-WIEĦED U GĦOXRIN REGOLA

Vokali bl-aċċent sħiħ trid warajha żewġ konsonanti. (Ara wkoll l-Għaxar Regola).

Għalhekk ngħidu u niktbu: *kònt*, *ġìbt*, *mòrna*, *qàrben*, *ħòlma*, *ftakàrt*, *berìkt*, *berìkna*. Għalhekk ukoll għandna niktbu: *ġèjt*, *bèjt*, *sèjf*, *xbàjna*, *nèwl*, *ħàwt*, bil-konsonanti *j* u *w* u mhux bil-vokali *i* u *u*, bħalma xi wħud jiktbu ħażin: *ġeit*, *seif*, *xbaina*, *neul*, *ħaut*, eċċ.

Għalhekk ukoll għandna niktbu bil-konsonanti mtennija kliem minn din ix-xorta ta' ħoss

il-vokali: *mòħħ, qàdd, qàtt, ròss, skìtt, slìtt*, kif ukoll il-kelma *kòss*, meta l-vokali tagħha nsemmgħuha b'leħen maħtuf u mhux bil-leħen imkarkar (*kôs*) bħalma ħafna dlonk jgħiduha.

Għalhekk ukoll niktbu ż-żewġ konsonanti *dt* fi kliem minn din ix-xorta: *ħàdt, ġbìdt, qrìdt, qgħàdt, qegħìdt, żìdt, għèdt, begħìdt, xerrìdt*. B'hekk nagħżlu bejn *sîd* u *sìdt*, *żîd* u *żìdt*, *ħât* u *ħàdt*, *għîd* u *għèdt*.

### IT-TNEJN U GĦOXRIN REGOLA

Vokali b'aċċent ħelu trid urajha konsonanti waħda.

Għalhekk niktbu: *rábat, sílet, ġíbed, tífel, tílef, xórob, qátel, sáram, séqer, ħádem*, kollha b'konsonanti waħda wara l-ewwel vokali ta' aċċent *ħelu*, waqt li kelmiet oħra bħal dawn jinħassu u jinkitbu b'żewġ konsonanti wara vokali li fuqha jaqa' aċċent *sħiħ* jew *qawwi*: *sèllet, ġèbbed, tèllef, ħàbbat*.

Billi, sew il-vokali ta' leħinha mkarkar kemm ukoll dik ta' leħinha maħtuf b'aċċent ħafif jew ħelu jmorru b'konsonanti waħda warajhom, hu tajjeb li nagħrfu nagħżlu bl-għelm tiegħu, kif urejna, kliem li jixxiebah, bħal dawn: *għâdu* u *għádu*, *ġâra* u *ġára*, *qâleb* u *qáleb*.

### IT-TLIETA U GĦOXRIN REGOLA

Vokali ta' bla aċċent tieħu wkoll warajha konsonanti waħda.

Għalhekk niktbu: *ġàrrab*, *għòlbot*, *dèjjem*, *xèrred*, *súwed*, kollha b'konsonanti waħda wara t-tieni vokali ta' mingħajr aċċent. Fuq hekk nibnu kliem ta' din ix-xorta: *ġèmgħet, żèbgħet, òbgħod, òqgħod, rèġgħet, jòqgħod* bil-konsonanti *għ* qabel l-aħħar vokali ta' bla aċċent u mhux *ġémegħt*, *żébegħt*, *óbogħd*, *óqogħd*, *réġegħt*, *jóqogħd*, għax hekk wara l-vokali ta' bla aċċent jidhru żewġ konsonanti li ma għandhomx jidhru.

**T.ċ.** Minn dan kollu li għedna fuq il-ħoss u l-aċċent tal-vokali niġbru u nitgħallmu wkoll illi f'*taqsima ta' kelma*:

(1) Il-leħen ta' *je* jiġi li jkollu u jiġi li ma jkollux l-aċċent, u ngħidu *jèdd, sjètt, biljètt,* fejn il-leħen ta' *je* għandu l-aċċent, u ngħidu *sàjjem, dèjjem, ìżjed* fejn il-leħen ta' *je* jinstema' mingħajru.

(2) Il-leħen ta' *je* meta jaqa' l-aċċent fuqu (bħal fil-kelma *jèdd, sjètt*) huwa leħen maħtuf u sħiħ u għalhekk (skont il-Għaxar u l-Wieħed u Għoxrin Regola) jiġbed warajh żewġ konsonanti. Għalhekk wara l-*je* bl-aċċent insemmgħu żewġ konsonanti fil-kelmiet *jèmmen, jèrħi* u niktbu konsonanti mtennija f'kelmiet bħal *jèdd*, *sjètt, biljètt*.

(3) Il-leħen ta' *je* meta fuqha ma jaqax l-aċċent (skont it-Tlieta u Għoxrin Regola) ma jiħux warajh ħlief konsonanti waħda. Għalhekk insemmgħu: *iżjed* u mhux *iżjedd*, *dejjem* u mhux *dejjemm*.

(4) Il-leħen ta' *ie* (il-kisra ta' *â* mkarkra f'*diem*, *sieħ*, *milied*, eċċ. u dik ta' *ê* f'*piena*, *ċiera*, eċċ.) għandu dejjem fuqu l-aċċent bħal fil-kelmiet: *miet*, *żied*, *degriet*, *sinċier*, *pied* (fit-Taljan *piede* mil-Latin *pes*, *pedis*).

(5) Il-leħen ta' *ie* huwa leħen ta' aċċent imkarkar, u għalhekk (skont il-Ħdax u l-Għoxrin Regola) jiġbed warajh konsonanti waħda u mhux iżjed. Għalhekk insemmgħu *miet* u mhux *miett*, *ġiet* u mhux *ġiett*, *daqqiet* u mhux *daqqiett*, *xebbiet* u mhux *xebbiett*.

(6) Il-leħen ta' *ie* li kif għedna hu leħen ta' aċċent imkarkar u dejjem irid warajh konsonanti waħda, ma jistax joqgħod flok il-leħen ta' *jè* ta' aċċent maħtuf u sħiħ b'żewġ konsonanti warajh (eż. *jèdd*, *sjètt*) jew ta' *je* ta' bla aċċent (eż. *ìżjed*, *dèjjem*, *bhèjjem*) b'konsonanti waħda wara t-tieni vokali ta' bla aċċent.

Inqisu għalhekk li nagħżlu u ma nħalltux il-kitba ta' *ie* f'*je* f'kelmiet ta' din il-għamla: *ħbieb*, *żied*, *tieġ*, *firien*, *subien*, *ġirien*, *dubbien*, *għajjien*, *fieraq*, *xieraq*. Nagħżlu wkoll u ma nħalltux il-kitba ta' *je* ma' dik ta' *ie* f'kelmiet ta' din il-għamla l-oħra: *ifjen*, *tajjeb*, *sajjem*. Għalhekk ma għandna qatt niktbu *ħbjeb* flok *ħbieb*, *tjeġ* flok *tieġ*, *firjen* flok *firien*, *għajjen* flok *għajjien*, *xjeraq* flok *xieraq*, kif ukoll *ifien* flok *ifjen*, *tajieb* flok *tajjeb*, eċċ. Nagħrfu nagħżlu wkoll bejn il-kitba ta' *żied* u *iżjed*, ta' *itjeb* u *tjieb*.

### L-ERBGĦA U GĦOXRIN REGOLA

Meta jaqa' l-aċċent fuq l-ewwel taqsima tal-kelma, il-leħen ta' *je* fl-aħħar taqsima għandu jinkiteb *je* u mhux *ie*.

Għalhekk niktbu *ìfjen*, *sàjjem*, *bhèjjem*, *għàjjen*.

### IL-ĦAMSA U GĦOXRIN REGOLA

Meta l-aċċent jaqa' fuq l-aħħar taqsima tal-kelma, il-leħen ta' *je* (*ie*), f'din l-aħħar taqsima, għandu jinkiteb *ie* u mhux *je* u anqas *ê*.

Għalhekk niktbu *sajjied* u mhux *sajjêd*, *għajjien* u mhux *għajjên*, *tfajliet* u mhux *tfajlêt*, *mijiet* u mhux *mijêt*, *ommijiet* u mhux *ommijêt*, *missirijiet* u mhux *missirijêt*, *sorijiet* u mhux *sorijêt*.

### IS-SITTA U GĦOXRIN REGOLA

Meta l-aċċent jitwarrab minn fuq vokali f'taqsima ta' kelma, jiġri li jew iwaqqa' nkella jbiddel il-ħoss u l-leħen tal-vokali bl-aċċent.

Eż. *Féraq*, *nòfroq* fejn il-vokali tal-aċċent waqgħet.
*Ġíbed*, *ġbìdna* fejn l-*i* bl-aċċent waqgħet.
*Dieħel*, *deħlîn* fejn l-*ie* ħossha twil tbiddlet fil-ħoss u l-leħen maħtuf ta' *e*; u

għalhekk ikteb *deħlin*, *beżlin*, u mhux *dieħlin*, *bieżlin*.

*Bàsla, basliet; ġèbla, ġebliet; nésa*, *ma nesiex* fejn il-vokali tal-aċċent fl-ewwel taqsima tilfu l-ħoss tagħhom.

**T.ċ.** F'dawn l-aħħar eżempji naraw ukoll illi:

(1) Meta l-aċċent imur fuq l-aħħar vokali *a*, din titbiddel fil-leħen twil ta' *ie* u għalhekk minn *basla* ssir *basliet*, minn *ġebla* ssir *ġebliet*. Dan jiġri aktarx fil-kliem kollu li jispiċċa bl-ittra *a*, meta fuqha jaqbeż l-aċċent. Għalhekk minn *ħadha* niktbu *ħadhielu*, minn *ġibna*, *ġibnieh*.

(2) Il-vokali *a* ma tinbidilx ħlief fil-ħoss tagħha meta qabilha (jew warajha miftiehma) ikollha konsonanti *għ*. Għalhekk minn *seta*(*għ*) nsemmgħu u niktbu *ma tistâx* mhux *ma tistiex*. Hekk ukoll minn *roqgħa, xebgħa, laqgħa, ġimgħa, weġgħa, dulliegħa,* nagħmlu l-plural *roqgħât, xebgħât, laqgħât, ġimgħât, weġgħât, dulligħât.*

L-istess jiġri aktarx meta qabel l-*a* tal-aħħar jaħbtu l-konsonanti *ħ* jew *h*. Eż. *fwieħa*, *fwiħât*; *xbieha*, *xbihât*; *ferħa*, *ferħât* jew *ferħiet*; *tuffieħa*, *tuffiħât* jew *tuffiħiet*.

F'xi kliem ieħor, wara xi konsonanti oħra, il-vokali *a* tibqa' l-istess: *Alla*, *allât*; *qassata*, *qassatât*.

(3) Rajna li l-vokali *a* tal-aħħar, meta fuqha jmur l-aċċent, titbiddel fil-ħoss u l-leħen twil ta' *ie*. Għalhekk minn *fehma* nagħmlu *fehmiet*, minn *ġebla, ġebliet*. Għalhekk ukoll minn *rajna* għandna niktbu *rajnieh*, minn *ġibna, ġibnieh*, u mhux *rajnih* u *ġibnih*.

(4) Insibu wkoll li meta l-leħen ta' *ie* f'taqsima ta' kelma jitlef l-aċċent dan il-leħen isir *e* jew *i*. Għalhekk minn *bierek* niktbu *berikt* u mhux *bierikt*, minn *msiefer*, *msefrin* u mhux *msiefrin*, minn *missier*, *missirijiet* u mhux *missierijiet*, minn *ħsieb*, *ħsibijiet* u mhux *ħsiebijiet*, minn *qiegħ*, *qigħân* u mhux *qiegħân*, minn *dieħel*, *deħlin*, minn *bieżel*, *beżlin*.

## TISWIR IL-KELMA

### IS-SEBGĦA U GĦOXRIN REGOLA

Iż-żieda ta' ittra jew ittri mas-sura ewlenija tal-kelma tbiddel il-għamla u l-kitba tal-istess kelma: din it-tibdila ssir sew fl-aċċent sew fil-vokali kemm ukoll fil-qagħda tal-konsonanti.

Ara: minn *ġábar* (sura ewlenija) biż-żieda ta' ittra jew ittri, innisslu: *ìġbor, ìġbru, nìġbru, nìġbor*, *tìġbor*, *jìġbor*, *nìġbru*; minn *għámel* (sura ewlenija), *għamìlna, àgħmel, nàgħmel*; minn *qásam*, *òqsma*; minn *ġémel*, *ìġmla*.

### IT-TMIENJA U GĦOXRIN REGOLA

Vokali (weħidha jew b'konsonanti qabilha) miżjuda fil-bidu tal-kelma twaqqa', fl-ewwel taqsima, vokali ta' aċċent ħafif jew ukoll ta' bla aċċent.

Ara: *féraq, séraq, tálab, rábat*, li l-ewwel vokali tagħhom tgħib meta jsiru *òfroq, ìsraq, ìtlob, òrbot*; *nòfroq, tòfroq, jòfroq*; *nìsraq, tìsraq, jìsraq*; *nìtlob, tìtlob, jìtlob*; *nòrbot, tòrbot, jòrbot*.

Hekk ukoll minn *ħámel, ħásel, ħáfer* ngħidu u niktbu: *àħmel, àħsel, àħfer,* u għalhekk ukoll minn *għámel*, *għáder*, *għáżaq*, *qágħad*, *għáfas* ngħidu u niktbu: *àgħmel*, *àgħder*, *àgħżaq*, *òqgħod*, *àgħfas*.

Għalhekk nagħrfu nagħżlu bejn il-kitba ta' *(hu) għamel* u *agħmel (int);* ta' *(hu) għader* u *agħder (int);* ta' *(hu) għażaq* u *agħżaq (int);* ta' *(hu) qagħad* u *oqgħod (int);* ta' *(hu) għafas* u *agħfas (int).* Ara wkoll: *sabiħ, qadim, ħafif* ta' bla aċċent fl-ewwel taqsima li jagħmlu *ìsbaħ, èqdem, èħfef* u għalhekk minn *għażiż* għandna *ègħżeż*.

ID-DISGĦA U GĦOXRIN REGOLA

Vokali (weħidha jew b'konsonanti warajha) miżjuda f'tarf il-kelma twaqqa', fit-tieni taqsima, vokali ta' bla aċċent.

Għalhekk minn *bajtar* għandna *bajtra*, minn *qastan* għandna *qastna,* minn *ħarbat* għandna *ħarbtu*, minn *feraq*, *ferqu*, minn *telaq, telqu*; kif ukoll *ħarbtek, telqek* fejn, f'kull kelma ż-żieda ta' vokali f'tarf il-kelma, waqqgħet it-tieni vokali ta' ġewwa l-kelma.

Hekk ukoll minn *ġibed*, *seħet*, *battal*, nagħmlu *ġibdu*, *seħtu*, *battlu*, kif ukoll minn *qajjem* għandna *qajmu, qajmek,* minn *għallaq, għaddas, geddes, qaddes, karwat, werwer, seddaq*, *qartas, għatas* ngħidu u niktbu wkoll *għallqu, għaddsu, geddsu, qaddsu, karwtu, werwru*, *seddqu*, *qartsu*, *għatsu*.

Biex jiktbu l-kelma *ġemgħet* minn *ġama*(*għ*), *baqgħet* minn *baqa*(*għ*), *refgħet* minn *refa*(*għ*) u ħafna ta' din il-għamla, xi wħud jiktbu: *ġemegħt*, *baqegħt*, *refegħt*. (Ara wkoll it-Tlieta u Għoxrin Regola). Skont li wrejna: *ġama*(*għ*) biż-żieda ta' *et* għandha tinkiteb *ġemgħet*; *baqa*(*għ*), *baqgħet*; *refa*(*għ*), *refgħet*. It-tieni vokali *a* ta' bla aċċent taqa' u b'hekk titnissel din il-kitba.

**T.ċ.** Kif minn *qafel* niktbu *qaflet* u mhux *qafelt,* hekk ukoll minn *ġama*(*għ*) niktbu *ġemgħet* u mhux *ġemegħt*, eċċ.

IT-TLETIN REGOLA

Konsonanti (weħidha jew b'ittri oħra qabilha) miżjuda fil-bidu tal-kelma ma ttiefes xejn lis-sura.

Għalhekk minn *qabad* għandna niktbu *(i)nqabad,* minn *ħataf* għandna *(i)nħataf,* minn *ħares, tħares*; minn *miegħek, tmiegħek*, hekk ukoll *(i)ngħafas, (i)ngħorok, (i)ngħażel*, eċċ. Hekk ukoll nagħrfu nagħżlu bejn il-kitba ta' *naħmel* (it-Tmienja u Għoxrin Regola) u *(i)nħamel* (din ir-Regola). Kif ukoll bejn *(jiena) nagħmel, (jiena) nogħrok, (jiena) nagħfas* u *(hu) ingħamel, (hu) ingħorok, (hu) ingħafas.* Kif ukoll bejn *(jiena) nagħraf, (jiena) nagħżel;* u *(jien) ningħaraf, (jien) ningħażel* bħalma nagħżlu bejn il-kitba ta' *(jien) noqtol* u *(jien) ninqatel* fejn il-qagħda tal-konsonanti *q* titbiddel kull darba bħal dik tal-konsonanti *għ* fil-kelmiet *għaraf* u *għażel*.

IL-WIEĦED U TLETIN REGOLA

Konsonanti (weħidha jew b'vokali warajha) miżjuda f'tarf il-kelma, twaqqa', fl-ewwel taqsima, vokali ta' aċċent ħafif.

Għalhekk minn *féraq, sélaħ, ġíbed, qáfel*, biż-żieda tal-konsonanti *t* f'tarf il-kelma, għandna *fràqt, slàħt, ġbìdt, qfilt* fejn l-ewwel vokali b'aċċent ħafif waqgħet.

**T.ċ.** Hawn naraw li l-vokali tal-aħħar tiegħu l-aċċent sħiħ u aktarx titbiddel fil-leħen.

Fuq il-kitba ta' dawn, minn *féhem, déher, xégħel, bágħad* għandna wkoll nibnu *fhimt, dhert, xgħelt, bgħadt*. Kif ukoll minn *xaba(għ), waqa(għ), tala(għ), refa(għ), ġama(għ), raġa(għ)* għandna niktbu *xbajt, wqajt, tlajt, rfajt, ġmajt, rġajt* fejn l-*għ* tal-aħħar tbiddlet fil-konsonanti *j*.

Hekk ukoll biż-żieda ta' konsonanti b'vokali warajha (sillaba) minn *feraq, selaħ, talab, silef, ġibed,* nagħmlu: *fraqna, fraqtu*; *slaħna, slaħtu*; *tlabna, tlabtu*; *slifna, sliftu*; *ġbidna, ġbidtu*; hekk ukoll minn *tala(għ), sama(għ), raġa(għ),* niktbu *tlajna, smajna, rġajna*, eċċ.

**T.ċ.** (1) Joħorġu minn din ir-Regola dawk il-verbi ta' aċċent ħafif meta jingħaqdu maż-żieda tal-pronomi mnisslin *-ni, -ha, -na, -kom* u *-hom*. Ara: *ġabar, qatel, xorob* li jagħmlu *ġabarni, ġabarha, ġabarna, ġabarkom, ġabarhom*; *qatilni, qatilha, qatilna,* eċċ.; *xorobni, xorobha, xorobna,* eċċ. u mhux *ġbarna, ġbarha, ġbarkom, ġbarhom,* eċċ.

(2) Taħt din ir-Regola, fuq il-kitba ta' *ġibed, ġbidt, ġbidna, ġbidtu,* bl-ewwel żewġ konsonanti mlaqqgħin (*ġ* u *b*), bil-vokali ta' bejniethom imwaqqgħa, għandna wkoll nibnu kliem minn din ix-xorta li jibda bl-*għ* bħal *għamel, għodos, għatas, għotor, għażel*, eċċ. u niktbu *għmilt, għdost, għtast, għtort, għżilt,* eċċ. imma l-konsonanti *għ* ma tistax fil-Malti tinstema' mingħajr il-vokali tagħha u din il-vokali tiegħu kemm il-leħen ta' *a*, ta' *o*, ta' *e*, eċċ. Għall-ħeffa ta' min jikteb u ta' min irid jaqra u jagħraf il-leħen, niktbu: *għamilt, għodost, għatast, għotort, għażilt*, eċċ. Hekk ukoll biex nagħżlu *għóla* minn *għéla* niktbu *għolejt* u *għelejt* mhux *għlejt* li tista' toqgħod għat-tnejn. Din il-kitba tista' wkoll timxi fuq dik ta' *wasalt, waqaft, wiritt* li jinkitbu flok *wsalt, wqaft, writt.*

IT-TNEJN U TLETIN REGOLA

Konsonanti (weħidha jew b'ittri oħra warajha) miżjuda f'tarf il-kelma, jekk l-ewwel vokali tkun ta' aċċent twil jew sħiħ, tbiddlilha ħossha f'maħtuf u tqabbeż l-aċċent fuq il-vokali tal-aħħar taqsima.

Għalhekk minn *bierek*, *ġèbbed* għandna *berìkt*, *ġebbìdt*. U fuq dawn, minn *fieraq*, *qiegħed*, *xiegħel*, *biegħed* ngħidu u niktbu: *feràqt*, *qegħìdt*, *xegħìlt*, *begħìdt*. Għalhekk ukoll, wara li nagħżlu l-kitba ta' *xiegħel* minn *xégħel*, ta' *żiegħel* minn *żégħel*, ta' *qiegħed* minn *qágħad*, ta' *biegħed* minn *bágħad*, nifhmu wkoll li minn *bierek* niktbu *berìkt* u minn *xégħel*, *xgħèlt*, minn *żiegħel*, *żegħìlt* u minn *żégħel*, *żgħèlt*, minn *qiegħed*, *qegħìdt* u minn *qágħad*, *qgħàdt*, minn *biegħed*, *begħìdt* u minn *bágħad*, *bgħàdt*; kif ukoll nagħrfu niktbu *xegħìlna*, *xegħìltu* (fix-xogħol) u *xgħèlna*, *xgħèltu* (il-lampa); *qegħìdna*, *qegħìdtu* (dil-ġebla) u *qgħàdna*, *qgħàdtu* (bilqiegħda).

Fuq it-tiswir ta' *ħàllas* li tagħmel *ħallàsna*, *ħallàskom*, *ħallàshom* għandna wkoll niktbu kliem tal-istess aċċent bħal *ħòtba*, *xèwqa* li jissawru u jinkitbu: *ħotbìtna*, *xewqìtna*; *ħotbìtkom*, *xewqìtkom*; *ħotbìthom*, *xewqìthom* u fuq dawn imbagħad kliem bħalma huma *sògħba*, *ġìmgħa* li jinkitbu *sogħbìtna*, *sogħbìtkom*, *sogħbìthom*; *ġimgħètna*, *ġimgħètkom*, *ġimgħèthom* (u mhux *ġìmegħtna*, *ġìmegħtkom*, eċċ.).

IT-TLIETA U TLETIN REGOLA

Ġewwa l-kelma, tliet konsonanti flimkien, meta tan-nofs tkun waħda mill-ittri (likwidi) *l*, *m*, *n*, *r* u *għ*, ma jistgħux jinħassu jekk qabel tan-nofs ma nqegħdux vokali.

**T.ċ.** Dawn l-ittri jissejħu *likwidi* għax donnhom joħorġu minn taħt l-ilsien u billi m'għandhomx saħħa kbira daqs l-oħrajn. Meta dawn jaħbtu bejn żewġ konsonanti li ma humiex sħabhom, jiġri li ma jistgħux jinħassu u għalhekk jieħdu qabilhom vokali tal-leħen.

Għalhekk minn *feraq* għandna *noforqu* u mhux *nofrqu*, minn *seraq*, *nisirqu* u mhux *nisrqu* u għalhekk ma jaqblux mas-sura ta' *rabat* li jagħmel *norbtu* u mhux *norobtu*, ta' *ġibed* li jagħmel *niġbdu* u mhux *niġibdu*.

Għalhekk ukoll ngħidu u niktbu:

| | | |
|---|---|---|
| *joħorġu* | mhux | *joħrġu* |
| *nidinbu* | " | *nidnbu* |
| *nixegħlu* | " | *nixgħlu* |
| *nidilku* | " | *nidlku* |
| *niġimgħu* | " | *niġmgħu* |

*noboghdu*   "   *nobghdu*

bil-vokali mdeffsa qabel il-konsonanti tan-nofs.

Hekk ukoll *mixegħla*, *mibegħda*, *maħanqa* li ma jimxux mas-sura ta' sħabhom *mansba*, *mixtla*, *miżbla* li ma jiħdux vokali qabel il-konsonanti tan-nofs ġewwa l-kelma.

**T.ċ.** Titbiegħed minn din ir-Regola:

(1) L-ittra konsonanti *m*, meta qabilha jew warajha jaħbtu waħda mill-ittri sħabha *l*, *n* jew *r* bħal fil-kelmiet *iġmla, jaħmlu, jagħmlu, iżmna, qarmċu, bermċu, germdu*.

(2) L-ittra *l* meta qabilha jiġi li jkollha l-ittra seħbitha *m* bħal fil-kelmiet *fetaħhomlkom*, *ġibidhomlkom*, *ħadithomlkom*, *sabithomlna*.

(3) L-ittra *għ* meta taħbat bejn żewġ *likwidi* bħalha, kif fil-verbi *bergħnu*, *għargħru* (minn *għargħar*) jew meta wkoll taħbat qabilha l-ittra *r*, bħal minn *għargħax* insemmgħu u niktbu *ngħargħxu, tgħargħxu, jgħargħxu.*

## IL-LEĦEN U L-ĦOSS TAL-VOKALI MA' XI KONSONANTI FIL-KELMA

### L-ERBGĦA U TLETIN REGOLA

Il-vokali *i* mkarkra qabel il-konsonanti *h*, *ħ*, *għ* u *q* ta' tarf il-kelma, tinstema' bħal *ie*: imma għandha tinkiteb *i*.

Għalhekk ikteb *fih* u mhux *fieh*, *bih* u mhux *bieh*, *għalih* u mhux *għalieh*, *riħ* u mhux *rieħ*, *qligħ* u mhux *qliegħ*, *riq* u mhux *rieq*. Iżda ikteb *frieħ*, *mlieħ* plurali ta' *ferħ*, *melħa*, kif ukoll *siegħ*, *qiegħ*, *driegħ*, *sieq*, *tuffieħ*, *dulliegħ* (singular *dulliegħa*) fejn il-leħen ta' *ie* mhux ħaġ'oħra ħlief il-kisra ta' *â*.

Għalhekk nagħrfu nagħżlu wkoll bejn *(int) ħallih (ħalli lilu)* u *(hu) ħallieh (hu ħalla lilu).* Ikteb ukoll *stennieh (stenna lilu)* u mhux *stennih*, sew bħala imperattiv kemm ukoll bħala passat.

**T.ċ.** Il-leħen ta' *i* mkarkra u oħrajn ta' dawn l-għamliet jinkixfu fil-leħen imgħawweġ ta' *ei* (*dittong*) f'ħalq in-nies tar-raħal: fejn ir-raħli jsemma' *feih*, *sabeiħ*, *reiħ*; *kbeir*, *żgħeir*, ikteb dejjem *fih*, *sabiħ*, *riħ*, *kbir*, *żgħir*.

Għamla ta' kliem bħal *qtigħ*, *riq*, *bettiħ*, *sabiħ* hija l-istess bħal dik ta' *qtil*, *tin*, *ġir*, *ħafif*, kollha bl-aċċent twil fuq il-vokali *i*.

### IL-ĦAMSA U TLETIN REGOLA

Il-vokali *u* mkarkra qabel il-konsonanti *h*, *ħ*, *għ* u *q* ta' tarf il-kelma, tinstema' bħal *uo*: imma għandha tinkiteb *u*.

Għalhekk ikteb: *sabuh* mhux *sabuoh*, *tuh* mhux *tuoh*, *lagħbuh* mhux *lagħbuoh*, *ruħ* mhux *ruoħ*, *ġuħ* mhux *ġuoħ*, *suq* mhux *suoq*.

IS-SITTA U TLETIN REGOLA

Il-vokali *i* wara *għ* tinstema' bħal *ei* inkella *ai*: imma għandha tinkiteb *i*.

Ara: *migħei*, *migħai*, *għeid*, *għaid*, *driegħei*, *drigħai*, *ngħeir*, *ngħair*, *jgħeib*, *tgħeid*, *beżżigħai*, *xgħeir* li għandhom jinkitbu *miegħi*, *għid*, *driegħi*, *ngħir*, *jgħib*, *tgħid*, *beżżiegħi*, *xgħir*.

IS-SEBGĦA U TLETIN REGOLA

Il-vokali *u* wara l-konsonanti *h* u *għ*, tinstema' bħal *ou* jew *eu*: imma għandha tinkiteb *u*.

Ara: *ħout*, *ħeut*, *għoum*, *għeum*, *belgħou*, *semgħou*, *għouda*, *għeuda*, *tiegħou*, *miegħou*, *qattgħou*, li għandhom jinkitbu *ħut*, *għum*, *belgħu*, *semgħu*, *għuda*, *tiegħu*, *miegħu*, *qattgħu*.

---

Għalhekk jiġi li fuq il-kitba ta':
*Rix*, *żir*, *bik*, *fik* nibnu wkoll *riħ*, *riq*, *bih*, *fih*.
*Dlik*, *fqir*, *kbir* nibnu wkoll *qligħ*, *qtigħ*, *smigħ*, *xiħ*, *rqiq*.
*Ħafif*, *ħanin*, *għalik* nibnu wkoll *sabiħ*, *qatigħ*, *għalih*.
*Fur*, *sur* nibnu wkoll *suq* (verb), *suq* (nom), *ġuħ*, *ruħ*.
*Ġid*, *sid* nibnu wkoll *għid* (verb), *għin*, *għix*, *għîd* (nom).
*Dud*, *duda* nibnu wkoll *għud*, *Lhud*, *ħut*, *ħuta*, *għuda*.
*Lbies*, *lbiesi*, *lbiesu* nibnu wkoll *driegħ*, *driegħi*, *driegħu*.
*Qatel*, *qatlu* nibnu wkoll *bala(għ)*, *belgħu*.
*Ġibed*, *ġibdu* nibnu wkoll *sama(għ)*, *semgħu*.

IT-TMIENJA U TLETIN REGOLA

Il-vokali *u* fi kliem ta' sillaba waħda, jew meta taħbat fl-aħħar taqsima ta' kliem ta' iżjed minn sillaba waħda, qatt ma jkollha warajha konsonanti mtennija jew iżjed minn konsonanti waħda.

Għalhekk: *but*, *ħut*, *xhud*, *sellum*, *ġibjun*, *sabuh*, *qatluh*.

**T.ċ.** Toħroġ minn din ir-regola: (1) il-kelma *kull*. (2) l-*û* fi qwiel imseħbin mal-*ma* u magħqudin mal-pronom *h* u mal-kelma *x* (*xejn*) fit-tarf, bħalma ngħidu: *ma sabuhx* (*ma sabu-h-x*).

## L-ITTRI *J* U *W* BĦALA KONSONANTI FIL-KITBA MALTIJA

Fil-kitba Maltija, l-ittri *j* u *w* għalkemm għandhom il-leħen ta' vokali u jieħdu wkoll is-sura ta' vokali, isarrfu daqs konsonanti.

**T.ċ.** L-ittra *a* tista' wkoll tidher flok konsonanti (fl-Għarbi l-konsonanti *alif*): imma billi dlonk tbiddel leħinha fl-erba' vokali l-oħra ta' *e, i, o, u* — eż. *erħi, ismar, iġbor, oħroġ, uri*, kif ukoll ta' *ie*: *bieb, ġieb, sieħ* flok *bâb, ġâb, sâb*, nistgħu nqisuha bħala l-iktar dgħajfa fost it-tlieta.

L-ittri *a, j* u *w* bħala konsonanti huma ittri konsonanti dgħajfa: waqt li l-erbgħa u għoxrin l-oħra huma ittri konsonanti sħaħ.

L-ittri konsonanti *j* u *w* meta jissieħbu ma' vokali jiġi li jagħmlu *dittong* (jinħassu f'leħen ta' żewġ ittri): meta mbagħad jinxorbu f'leħen wieħed isiru vokali twal.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Għalhekk | *j* | bil-vokali | *e* | magħha ssir | *ej*. |
| " | *w* | " | *e* | " | " | *ew*. |

Għalhekk infissru wkoll illi minn:

| | | | |
|---|---|---|---|
| *bejr* | (*ej*) | tnisslet | *bîr* (*bijr*) |
| *fqejr* | (*ej*) | " | *fqîr* (*fqijr*) |
| *rejħ* | (*ej*) | " | *rîħ* (*rijħ*) |
| *ħewt* | (*ew*) | " | *ħût* (*ħuwt*) |
| *sejr* | (*ej*) | " | *sîr* (*sijr*) |
| *trejq* | (*ej*) | " | *trîq* (*trijq*) |
| *tewt* | (*ew*) | " | *tût* (*tuwt*). |

### ID-DISGĦA U TLETIN REGOLA

L-ittri *j* u *w* jinkitbu *j* u *w* (ittri konsonanti) u mhux *i* u *u*, meta qabilhom jew warajhom ikollhom vokali li magħha jissieħbu fil-leħen ta' dittong (bħall-ittri *j* u *u* f'*Jam* u *Deus* tal-Latin).

Dan jiġri sew fil-bidu kemm ukoll ġewwa u f'tarf il-kelma f'taqsima ta' kelma. Għalhekk niktbu *jonħor* u mhux *ionħor*, *jara* u mhux *iara*, *wera* u mhux *uera*, *jisma'* u mhux *iisma'*, *tfajla* u mhux *tfaila*, *għawweġ* (*għaw-weġ*) u mhux *għauueġ*, *dgħajjef* (*dgħaj-jef*) u mhux *dgħaiief* jew *dgħaijef*, *ġej* u mhux *ġei*, *sew* u mhux *seu* (kif *sewwa* u mhux *seuua*).

Għalhekk fit-taqsim ta' dawn il-kliem naraw li sew l-ittra *j* kemm l-ittra *w* jidhru u jinħassu bħala konsonanti: *taj-jeb*, *qaj-jem*, *bqaj-na*, *ja-ra*, *jis-ma'*, *jon-for*, *wa-qa'*, *daw-war*, *saw-war*, kif ukoll *ġej*, *ħaj*, *sew*, *mlew*, *tfew*.

Minn dan it-taqsim jidher ukoll illi:

L-ERBGĦIN REGOLA

F'taqsima ta' kelma, kull waħda mill-ittri konsonanti *j* jew *w* tmur mal-vokali li tissieħeb magħha.

Għalhekk fuq it-taqsim ta' *tfaj-jel*, *ħaj-jar*, *sej-jer*, *daw-war*, *daw-wal*, *ġej-ja*, *sew-wa*, *ħdej-ja* bl-ittra *j* u *w* li jissieħbu mal-leħen ta' kull vokali f'taqsima ta' kelma, niktbu *tfajjel*, *ħajjar*, *sejjer*, *dawwar*, *dawwal*, *ġejja*, *sewwa*, *ħdejja*, waqt li fuq it-taqsim ta' *tfaj-la*, *ħaj-ra*, *sej-ra*, *daw-ra*, *dawl*, *ġej*, *sew* bl-ittri *j* u *w* li jissieħbu mal-vokali tal-ewwel taqsima jew ta' taqsima waħda, niktbu *tfajla*, *ħajra*, *sejra*, *dawra*, *dawl*, *ġej*, *sew* u mhux *tfajjla*, *ħajjra*, *sejjra*, *dawwra*, *dawwl*, *ġejj*, *seww*.

Għalhekk ngħidu wkoll:

IL-WIEĦED U ERBGĦIN REGOLA

F'taqsima ta' kelma sew l-ittra konsonanti *j* kemm ukoll l-ittra konsonanti *w*, ma jistgħux jingħaqdu mal-vokali bil-ħoss ta' ittra mtennija.

Għalhekk *newlu* u mhux *newwlu*, *qajmu* u mhux *qajjmu*, *sawru* u mhux *sawwru*, għalkemm ġejjin minn *newwel*, *qajjem*, *sawwar*. Hekk ukoll *raj* u mhux *rajj*, *taw* u mhux *taww*.

IT-TNEJN U ERBGĦIN REGOLA

L-ittri konsonanti *j* u *w* jitilfu s-sura ta' ittri konsonanti u jinkitbu vokali *i* u *u*, meta:
(1) fuq leħinhom jaqa' l-aċċent.
Eż. *îd*, *sîd*, *bîr*, *ûri*, *ûġa'*, *ûsa'*, *fûqha*.

(2) meta sew fil-bidu kemm ukoll f'tarf il-kelma, il-konsonanti *j* u *w* ma għandhomx qabilhom jew warajhom vokali li tingħaqad magħhom b'ħoss ta' żewġ ilħna (dittong).

Għalhekk niktbu: *biex idoqq*, *biex imur* u mhux *biex jdoqq*, *biex jmur*.

Għalhekk ukoll aħna niktbu *(huma) ġabru*, *(huma) qatlu*, *(huma) sabu* u mhux *ġabrw*, *qatlw*, *sabw* waqt li mbagħad ngħidu u niktbu *flew*, *ġew*, *stennew*, *stħaw*, *bdew*. Hekk ukoll *rimi* u mhux *rimj*, *xiri* u mhux *xirj*, *mixi* u mhux *mixj*, waqt li mbagħad *rimja*, *xirja*, *mixja* u mhux *rimia*, *xiria*, *mixia*.

---

Minn dawn ir-regoli nnisslu u niġbdu:
(1) illi l-vokali *â, î* u *û* bl-aċċent twil qegħdin dejjem flok ittra jew ittri konsonanti tal-istess leħen jew ilħna mixrubin f'leħen wieħed.

Eż. *mâr, sâr, târ, bîr, tîr, ġîr, bût, xhûd, ħût,* kollha mnisslin minn suriet oħra ta' *mawar, sawar, sajar, tajar, bijr,* eċċ.

(2) illi l-vokali *a, i, u* f'tarf il-kelma huma aktarx ittri li jsarrfu daqs konsonanti u għalhekk jiġi li f'tiswir il-kelma jieħdu s-sura ta' konsonanti jew ta' aċċent twil. Għalhekk minn *mela* (verb), *mliet*; *kelma, kelmiet*; *xebba, xebbiet*; *beda, bdiet,* ukoll *bdejna*. Għalhekk minn *rimi* nagħmlu *rimja*; minn *mixi, mixja* bil-konsonanti *j* flok *i* meta taħbat tingħaqad ma' vokali.

Għalhekk ukoll minn *ħelu, ġeru, felu* nagħmlu *ħelwa, ġerwa, felwa,* kif ukoll minn *ħadu (huma),* nagħmlu *ħadûh (huma ħadu lilu)* l-*u* tbiddlet f'*û* b'aċċent twil.

Nagħżlu għalhekk bejn l-*u* ta' *(hu) ħadu (hu ħa lilu)* fejn l-*u* bħala pronom hija vokali, u l-*u* ta' *(huma) ħadu* fejn din l-ittra hija żieda ta' ittra konsonanti *(servili)* li taqdi t-tielet persuna fl-għadd imkattar tal-verb (passat) u li skont ir-regola li tajna tieħu s-sura tal-vokali billi qabilha jew warajha m'għandhiex vokali.

**T.ċ.** Bħalma nsemmgħu *saddew, mlew, mxew* jiġi wkoll li f'ħalq in-nies tar-raħal tinkixef il-għamla tal-ittra konsonanti f'tarf il-kelma u flok *qatlu, ġibdu* jinstema' l-leħen ta' *w* bil-vokali magħha f'*qatlew, ġibdew*.

## ID-DITTONG FIL-KITBA MALTIJA

Fl-ilsien Malti u fil-kelma Maltija m'għandniex dak li tassew nistgħu nsejħulu *dittong* (jiġifieri l-ħoss ta' żewġ vokali f'sillaba waħda) ħlief il-kisra tal-leħen twil ta' *â* f'*ie* bħal fi *ktieb, bieb, żied, miet,* eċċ., żewġ ittri li flimkien jidhru għal leħen wieħed.

L-oħrajn ma humiex ħlief għaqda ta' vokali ma' waħda mill-konsonanti dgħajfin jew ta' konsonanti dgħajfa ma' vokali f'taqsima ta' kelma.

### IT-TLIETA U ERBGĦIN REGOLA

Id-*Dittong* isir meta waħda mill-ittri konsonanti *j* jew *w* tissieħeb ma' waħda mill-vokali sew fil-bidu kemm fit-tarf kemm ukoll f'nofs it-taqsima jew sillaba tal-kelma.

Fil-bidu tas-sillaba: *jon-for, kun-jom, joħ-roġ, fir-jol, Lul-ju, ban-ju, war-da, jaħ-tar, wa-*

*sa', jem-men, jiġ-ri, wiż għa*.

Fit-tarf tas-sillaba: *ar-ja, stor-ja, azz-jo-ni, un-jo-ni, vjo-la, vjo-lin, ne-goz-ju, stu-dju, ru-żar-ju, dil-lu-vju, tar-bi-ja*.

F'nofs is-sillaba: *fizz-jal, dun-djan, nazz-jon, re-liġ-jon, mil-jun, kwar-ta, ħajt, bejt, ħwat, mwiet, swat*.

Il-leħnijiet ta' *glia*, *gna*, *gno* fi kliem misluf mit-Taljan fil-Malti jieħdu l-leħen u jinkitbu *lja*, *nja* u *njo*. Il-leħen ta' *glio* f'tarf il-kelma jsir *ll*, ta' *gno*, *nn*.

Għalhekk minn *famiglia* niktbu *familja*, minn *maglia*, *malja*, minn *campagna*, *kampanja*, minn *cognome*, *kunjom*. Hekk ukoll *familji*, *malji*, eċċ. fil-plural. Minn *scoglio* nagħmlu *skoll*, minn *maglio*, *mall*, minn *taglio*, *tall* u minn *disegno*, *disinn*.

GĦELIEM FIL-KITBA MALTIJA

L-għeliem li bihom ninqdew fil-kitba Maltija jimxu mal-ittri tal-Alfabett tagħna, sew (1) għall-ħoss tal-vokali, (2) kemm biex nuru fejn tonqos ittra, (3) kemm ukoll biex norbtu kelma ma' oħra u (4) jew nagħżlu u nifirdu taħdit minn ieħor.

(1) Il-ħoss tal-vokali kif fissirnieh fl-aċċent hu ta' tliet xorta: sħiħ (\`), ħafif (´) u twil (^): *fèrraq*, *féraq*, *ħâres*.

Dan l-għelm mhux meħtieġ ħlief fit-tagħlim tal-kitba u meta rridu nagħżlu kelma minn oħra tal-istess għamla ta' tifsir ieħor: *bàħħar*, *baħħâr*; *għâlja* (aġġettiv), *għàlja* (nom).

(2) L-*Appostrofu* juri nuqqas ta' ittra vokali u tal-konsonanti *għ* f'tarf il-kelma: *f'idi*, *x'għandek?*, *m'humiex*, *x'minnek?*, *baża'*, *ġama'*, *ma'*, *ta'*, *erba'*, *disa'* (*ħabbiet*), flok *fi idi*, *xi għandek? ma humiex*, *xi minnek?*, *bażagħ*, *ġamagħ*, *magħ*, *tagħ*, *erbagħ*, *disagħ* (*ħabbiet*).

(3) Fil-kitba Maltija l-*qatgħa* (-) hi għelm ta' rabta jew għaqda bejn kelma u oħra u għalhekk niktbu *il-għarix* jew *l-għarix*, *fil-għaxija*, *il-għeruq* jew *l-għeruq*, *iż-żmien*, *fit-triq*, *bu-suf*, *kemm-kemm*, *ftit-ftit*, *kemm-il darba*, *tnax-il darba*.

(4) Il-*virgola* (,), il-*punt* (.), iż-*żewġ punti* (:), il-*punt u virgola* (;), l-*interrogattiv* (?) jew *għelmet il-mistoqsija*, l-*ammirattiv* (!) jew *għelmet il-għaġeb*, għandhom l-istess qadi u tifsir fil-Malti kif f'ilsna oħra li huma mfissrin b'ħażż ta' ittri bħal tagħna.

*

**T.ċ.** Meta konsonanti tissaħħaħ fil-leħen tagħha fil-kitba Maltija tidher imtennija. Għalhekk minn *feraq* nagħmlu *ferraq*, minn *telaq*, *tellaq*. Il-qawwa li b'hekk nagħtu lill-konsonanti tan-nofs turi wkoll tifsir ieħor ta' għemil.

Skont ma trodd il-grammatika Maltija, din iż-żieda ta' konsonanti ma nistgħux ngħodduha ħlief bħala sinjal ta' leħen qawwi mogħti fuq waħda mill-konsonanti ta' għerq il-kelma. Għalhekk f'kelmiet bħalma huma *ferraq*, *niżżel*, il-konsonanti ta' tiswir il-kelma ewlenija jibqgħu *f-r-q*, *n ż l* u mhux *f-r-r-q*, *n-ż-ż-l*.

Iż-żieda tat-tielet konsonanti *r* u *ż* hi għelm ta' dik is-saħħa l-kbira li nagħmlu fuq il-konsonanti tan-nofs biex inbiddlu t-tifsir jew il-għamla tal-verb ewlieni. Fil-kitba Għarbija dan il-ħoss jiġi mfisser b'għelm – imsejjaħ *texdid* – fuq l-ittra konsonanti.

## IT-TIENI TAQSIMA

It-Tieni Taqsima hija msejħa l-*Morfoloġija tal-Ilsien Malti*. Morfoloġija hi kelma Griega, ġejja mill-kelmiet *morpho* (għamla) u *logos* (taħdita), tfisser *taħdit fuq l-għamliet*, u għalhekk titħaddet fuq l-għamliet tal-kliem Malti, in-nisel, it-tiswir u l-bini tal-kelma fil-Malti. Din it-Taqsima tinferaq fi ħmistax-il ras li huma:

(1) It-Tiswir tal-Kelma
(2) Il-Għamla tal-Verb
(3) Verbi Mnisslin
(4) Tiswir il-Verb
(5) Il-Parteċipju jew l-Aġġettiv
(6) Nomi Mnisslin mill-Verb
(7) Tiswir fl-Ismijiet u fl-Aġġettivi
(8) L-Artiklu
(9) Tixbih u Tagħqid ta' Konsonanti
(10) Il-Vokali tal-Leħen
(11) Kelmiet il-Għadd
(12) Tibdil fil-Leħen ta' Konsonanti li Jixxiebhu
(13) Il-Pronom
(14) Il-Partiċelli
(15) Tehmiż ta' Partiċelli.

### IT-TISWIR TAL-KELMA

### **Il-għerq u s-sura ewlenija tal-kelma**

1. Il-kelma, fil-Malti, hi mibnija fuq il-konsonanti tal-*ewwel sura*: dawn il-konsonanti, li huma aktarx tlieta u mindaqqiet erbgħa, huma għalhekk imsejħin l-għeruq tal-kelma u

fuqhom, b'żieda ta' ittri konsonanti oħra barranija jew tibdil ta' vokali, jitnisslu s-suriet l-oħra tal-verb, tan-nom u tal-aġġettiv.

Għalhekk l-għerq tal-ewwel sura ta' *qatel, feraq, rikeb, rabat, qagħad, ħarat, maxat, għażel*, huma *q-t-l, f r q, r-k-b, r-b-t, q-għ-d, ħ-r-t, m-x-t, għ-ż-l*, kollha ta' tliet konsonanti li fuqhom tinbena l-ewwel għamla tal-kelma u li fuqhom ukoll b'żieda ta' ittri konsonanti jew bit-tibdil fil-vokali nnisslu l-kliem *qatlu, qtilna, qatla, maqtul, qattiel, qattelin*; *fraqtu, fraqna, ferq*; *rkibna, nirkbu, rikbet, nirkeb, mirkeb, rikkieb*; *rbatna, rabtet, rabta, marbat*; *qgħadna, qgħadtu, maqgħad*; *ħratna, ħartu, moħriet*; *mxatna, maxtek, moxt*; *għażilna, nagħżel*.

Hekk ukoll mill-ewwel sura ta' *geżwer, gerger, farfar, fesdaq*, innisslu s-suriet ta' *geżwirna, geżwirt, geżwira*; *gergirt, tgergir, gerguri*; *farfarna, tfarfira*; *fosdoq, fosdqa*.

Minn hawn naraw: (1) illi waqt li f'ilsna oħra l-għerq tal-kelma hu għaqda ta' konsonanti ma' vokali, bħal fil-verbi Taljani AM-*are*, TEM-*ere*, MOR-*ire*, fil-Malti l-konsonanti weħidhom jagħmluh dan ix-xogħol, (2) illi għalhekk dawn il-konsonanti f'kull tiswira tal-kelma għandhom jidhru dejjem mingħajr xejn ma jittiefsu. Ara: *għaże*l (għ-ż-l), *għażil*t, *għażil*na, ma*għże*l, (3) illi kelmiet li fihom jinsabu dejjem l-istess ittri konsonanti ta' għerq il-kelma, huma kollha ħerġin minn ħsieb wieħed. Ara: *fixkel* u *xkiel*, fejn l-ewwel konsonanti *f* hi żieda ta' ittra barranija; *sebaħ* u *musbieħ*; *ħadd* u *mħadda*; *ħataf*, *ħatfa* u *ħuttafa*; *ħafen* u *ħafna*; *ħemer* u *aħmar* kif ukoll *bagħad* u *biegħed*; *qered* u *qerda*; waqt li fit-Taljan il-kliem *pazzo, pezzo, pizzo, pozzo* u *puzzo*, u fl-Ingliż il-kliem *fair, far, fur, fare, fire* u *fir*, għalkemm mibnija fuq l-istess konsonanti, għandhom tnissila ta' għeruq oħra u tifsir li xejn ma jaqbel ma' ta' xulxin.

2. Is-sura ewlenija tal-kelma hi t-tielet persuna ta' ġens raġel, ta' għadd waħdieni tal-verb fil-passat jew fl-imgħoddi. Din tissejjaħ *il-mamma* tal-kelma għax minnha jitnisslu s-suriet tal-kliem l-ieħor tal-istess għerq.

Għalhekk mis-suriet ewlenija ta':

*fetaħ* innisslu *ftaħt, fetħa, muftieħ*
*rebaħ* " *rbaħna, rebħa*
*sar* " *sirt, nsiru, sura*
*geżwer* " *geżwirt, geżwirna, geżwira*.

3. L-ittri konsonanti ta' għerq il-kelma mnissla għandhom jaqblu ittra wara l-oħra mal-ittri konsonanti tas-sura ewlenija tal-kelma jew *mamma*.

Il-għerq tas-suriet *qabel, qbilt*, *qablet*, *qbilna*, *qbiltu*, *qablu* hu *q-b-l* li huma l-konsonanti tas-sura ewlenija fil-verb *qabel*: dawn kif inhuma wara xulxin ma jaqblux mal-konsonanti tal-għerq ta' *qaleb*, *qlibt*, *qalbet*, *qlibna*, *qlibtu*, *qalbu* li huma *q-l-b*. Hekk ukoll l-għeruq ta' *xegħel*, *baqa(għ), sama(għ)* huma tal-ewwel *x-għ-l,* tat-tieni *b q għ* u tat-tielet *s-m-għ*. Għalhekk ħażin jekk niktbu *xelgħu* flok *xegħlu*, *bagħqu* flok *baqgħu*, *segħmu* flok *semgħu* mingħajr ma nqisu li nżommu l-ittri tal-għeruq wara xulxin kif tagħtina l-ewwel sura. Ħażin ukoll min jikteb: *jikpi(j), nikpi(j), kpejt,* eċċ. flok *jibki(j), nibki(j), bkejt; jipqa', nipqa'* flok *jibqa', nibqa'* meta nafu li l-għeruq tas-sura ewlenija tal-waħda, minn *beka(j),* huma *b-k-j*, u għalhekk niktbu wkoll *beka(j), bkejt, nibku*, *tibku*, *jibku, bikja, biki(j)* u tal-oħra, minn *baqa(għ),* huma *b-q-għ*, u għalhekk niktbu wkoll *nibqgħu, tibqgħu*, *jibqgħu, baqgħu, baqgħet* kif ukoll *nibqa(għ), tibqa(għ), jibqa(għ).* Hekk ukoll minn *deher, fehem, deha,* niktbu *dehru, dehret; fehmu, fehmet; nedha, medhi, medhijin* u mhux kif xi wħud isemmgħu u jiktbu *derhu, derhet; femhu, femhet; nehda, mehdi, mehdijin.*

4. Mill-ittri konsonanti ta' għerq il-kelma, il-konsonanti dgħajfa *j* u l-konsonanti *għ* huma dawk li fis-sura ewlenija jibqgħu moħbija u siekta u minflokhom tidħol vokali li tixrob il-leħen tagħhom.

Għalhekk niktbu *tefa* flok *tefj, tafa'* flok *tafagħ, rema* flok *remj, refa'* flok *refagħ*, *xewa* flok *xewj*, *qata'* flok *qatagħ*. Dawn iż-żewġ konsonanti fit-tiswir u t-tusigħ tal-kelma ewlenija jiġu li għandhom jinkitbu.

Għalhekk minn *tefa(j)* għandna *tfejt, tfejna, tfejtu;* minn *tafa(għ): tefgħet, tefgħu, tefagħha;* minn *rema(j): rmejt, rmejna;* minn *refa(għ): refgħet, refgħa, refagħha;* minn *xewa: xwejt, xwejna.*

5. Sew fit-tiswir kemm fit-tusigħ tal-kelma ewlenija, il-konsonanti dgħafjin *â (ie), j, w* u l-konsonanti *għ* jiddeffsu flok xulxin.

Għalhekk minn *tefa(j)* għandna *tfiet*, minn *tafa(għ): tfajt, tfajna,* minn *ġie (ġâ): ġejt, ġejna,* minn *rema(j): rmiet, rmejna,* minn *rafa(għ): rfajt, rfajna*, minn *xewa(j): xwiet, xwiekom*. Hekk ukoll meta l-kelma titwessa':

| | | | |
|---|---|---|---|
| Minn | *sâr* | għandna | *sawwar, sûra* (*û* flok *uw*) |
| " | *târ* | " | *tajjar, tajra* |
| " | *fâr* | " | *fawwar, fawra*. |

**T.ċ.** (1) Il-konsonanti *j* meta taħbat f'tarf il-kelma bħala konsonanti tal-għerq fis-sura ewlenija, tibqa'

siekta, u flokha, bħalma rajna, tinħass u tidher il-vokali *a*. Ara: *xtara*(*j*), *bena*(*j*), *beda*(*j*), *heda*(*j*), *feda*(*j*), *ħeba*(*j*), *għela*(*j*), *għeja*(*j*), *għatta*(*j*), *rabba*(*j*), *naqqa*(*j*). Tinħass u tinkiteb f'tiswir il-kelma, u għalhekk ngħidu u niktbu: *xtrajt*, *bnejt*, *bdejt*, *hdejt*, *fdejt*, eċċ.

Fin-nomi u aġġettivi mnisslin mill-verbi, il-konsonanti *j* tiġi li tidher jew tinxorob fil-vokali *a*, *i* u *u*. Ara: *rema*(*j*) = *rimi*, (*rimja*); *mela*(*j*) = *mili*, (*milja*); *qara*(*j*) = *qari*, (*qarja*); *ġera*(*j*) = *ġiri*, (*ġirja*); *x*(*t*)*ara*(*j*) = *xiri*, (*xirja*); *ħeba*(*j*) = *ħabi*; *bena*(*j*) = *bini*; *mexa*(*j*) = *mixi*, (*mixja*); *rabba*(*j*) = *trobbija*, *torbija*; *wera*(*j*) = *wiri*, (*wirja*); *dagħa*(*j*) = *dagħa*; *xewa*(*j*) = *xuwa* jew *xiwi*; *għena*(*j*) = *għána*; *hena*(*j*) = *hena*; *kera*(*j*) = *kera* jew *kiri*. Hekk ukoll minn: *beda*(*j*) = *bidu*; *ħexa*(*j*) = *ħaxu* u *ħaxi*. Aġġettivi: *ħela*(*j*) = *ħáli*; *mexa*(*j*) = *miexi*; *ġera*(*j*) = *ġieri*.

(2) Il-konsonanti *għ* f'tarf is-sura ewlenija tal-kelma tibqa' siekta u, kif għedna, nistgħu nuru n-nuqqas ta' din l-ittra b'għelm ta' appostrofu. Ara: *baqa'*, *sata'*, *bala'*, *qata'* flok *baqagħ*, *satagħ*, *balagħ*, *qatagħ*. Din il-*għ* tiġi li tidher għaliha l-konsonanti *j* f'tiswir il-kelma. Ara: *baqagħ* li ssir *bqajt*, *bqajtu*, *bqajna*; *satagħ* li ssir *stajt*, *stajtu*, *stajna*, eċċ.

Din il-*għ* tinħass imbagħad u tidher meta jinhemeż magħha l-pronom. Hekk siekta fis-suriet *tafa'*, *bala'*, *laqa'* tinħass u tinkiteb fis-suriet *tefagħni*, *belagħni*, *laqagħni*, *laqgħek*, *laqgħu*, *laqagħha*, *laqagħkom*, *laqagħhom*. Hekk ukoll minn *wassa'*, *qatta'*, *xabba'* nagħmlu *wessagħni*, *wessagħkom*; *qattgħek*, *qattagħhom*; *xebbagħha*, *xebbgħu*.

Naraw għalhekk illi fl-ewwel u fit-tieni persuna għadd *farrad* u *mkattar* (singular u plural) tal-passat, il-*għ* titbiddel fil-konsonanti *j*. Ara: *bżajt*, *bżajna*, *bżajtu* flok *bżagħt*, *bżagħna*, *bżagħtu*.

Meta l-*għ* f'tarf il-kelma jkollha warajha r-rabta ta' *x* (*xejn*) dil-konsonanti tibqa' siekta u l-vokali ta' qabilha tieħu l-leħen twil. Ara: *ma nistâx*, *ma tistâx*, *ma jistâx*; *ma nibqâx*, *ma tibqâx*, eċċ. flok *ma nistagħx*, *ma tistagħx*, eċċ.

Il-*għ* tibqa' wkoll siekta u tiġi li ma tinkiteb xejn fil-verb *ta* li hija s-sura mqassra tal-verb *għata* jew *agħta*, għalhekk niktbu *tajt*, *tajtu* flok *għatajt*, *għatajtu*, *agħtajt*, *agħtajtu*, kif ukoll *âti* (imperattiv) flok *agħti*. Iżda mbagħad *mogħti* u mhux *môti*.

Il-*għ* tgħib ukoll fil-kelmiet tal-għadd: *erbgħa*, *sebgħa*, *disgħa*, sew meta dawn jaħbtu qabel nom (ara: *erba'*, *seba'*, *disa' ħabbiet*) u sew meta jingħaqdu mat-*t marbuta* (ara: *erbat ijiem*, *disat ijiem*, eċċ. flok *erbagħt*, *disagħt ijiem*).

(3) Il-*għ* f'tarf il-kelma meta tinstema' bħal *ħ* bħal fil-kelmiet *driegħ*, *qiegħ*, *uġigħ*, *żagħżugħ*, *tlugħ*, *qlugħ*, *dmugħ*, għandha dejjem tinkiteb *għ*. Fost il-verbi li semmejna li għandhom l-aħħar konsonanti siekta hemm xi tnejn li għalkemm ta' għamla waħda għandhom l-aħħar konsonanti tal-għerq li tinħass fil-leħen ta' *ħ* u għalhekk għandha dejjem tinkiteb, u le titbiddel fl-ittri ta' *j* jew ta' *ħ*. Dawn huma: *żebagħ* u *forogħ* li jinstemgħu bħal *żebaħ* u *foroħ* u għalhekk f'tiswir il-kelma għandhom jinkitbu: *żbagħt*, *żebagħ*, *żbagħna*, *żbagħtu*; *frogħt*, *forogħ*, *frogħna*, *frogħtu* u mhux *żbajt*, *żeba'*, *żbajna*, *żbajtu*; *froħt*, *foroħ*, *froħna*, *froħtu*, bħalma xi wħud dlonk jiktbu.

## IL-GĦAMLA TAL-VERB

Il-Verb fl-Ilsien Malti hu l-kelma li tfisser l-għemil ta' dak, ta' dik jew ta' dawk li

jitkellmu, ta’ dak, ta’dik jew ta’ dawk lil lilhom inkellmu, ta’ dak, ta’ dik jew ta’ dawk li fuqhom nitkellmu, bħal fil-kelmiet: *jiena rqadt, aħna rqadna*; *jiena għext, aħna għexna*; *jiena qgħadt, aħna qgħadna*; *jiena xrobt, aħna xrobna*; *inti rqadt, intom irqadtu*, eċċ.; *hu raqad, huma raqdu*.

Il-Verb jista’ jkun ta’ sura *ewlenija* jew ta’ sura *mnissla*.

6. Verb ta’ sura *ewlenija* hu dak li jinbena fuq l-ewwel sura ta’ għerq il-kelma li hi aktarx ta’ tliet konsonanti, jew sħaħ kollha jew biċċa minnhom dgħajfin *(a, w, j)*.
Ara: *qábad, qágħad, féhem, ħáseb, wíżen, sáma(għ), għéwa, xéwa(j), téfa(j), méxa(j), sáfa(j), għêx, sár, tár, dám, qàrr*.

7. Il-Verb hu ta’ sura *mnissla* meta jitwessa’ b’żieda ta’ konsonanti barranin *sħaħ* jew *dgħajfin* fuq is-sura ewlenija tal-verb jew tan-nom.

Hekk minn verbi ewlenin innisslu *qabbad*, *qiegħed*, *fiehem*, *ħasseb*, *samma*(*għ*), *mexxa*(*j*), *għajjex*, *sajjar*, *tajjar*, *dewwem*, *stqarr*, kollha minn *qábad*, *qágħad*, *féhem*, *ħáseb*, *sáma*(*għ*), *méxja*(*j*), *għâx*, *sâr*, *târ*, *dâm*, *qàrr*. Minn nomi: *baħħar* minn *baħar*; *mewweġ* minn *mewġ*; *demmel* minn *demel*; *għajjen* minn *għajn*.

Il-verb ta’ sura *ewlenija* jista’ jkun ukoll ta’ żewġ għamliet: *sħiħa* u *nieqsa*.

8. Il-Verb jissejjaħ *sħiħ*, meta s-sura ewlenija tiegħu hi mibnija fuq għerq ta’ konsonanti *sħaħ*.

Dan narawh f’verbi bħal *qátel*, *féraq*, *rábat*, fejn kull waħda minn dawn is-suriet hi mibnija fuq għerq ta’ konsonanti sħaħ li huma *q-t-l*, *f-r-q*, *r-b-t*. Dawn ix-xorta ta’ verbi għandhom vokali b’aċċent ħafif.

9. Il-Verb jissejjaħ *nieqes*, meta s-sura ewlenija tiegħu hi mibnija fuq inqas minn tliet konsonanti, jew meta waħda jew aktar mill-konsonanti tas-sura hi waħda mill-konsonanti dgħajfin *a*, *j* jew *w*.

Ara: *ta*, *ġie*, *mar*, *dam*, *kien* (*kân*), *dab*, *waqaf*, *wiżen*, *rema*(*j*), *kera*(*j*), *tefa*(*j*), *beda*(*j*).

10. Il-Verbi *sħaħ* jibnu l-konsonanti tagħhom fuq tqegħid u sura waħda.

Għalhekk bħalma niktbu *feraq*, *ġibed*, *raqad*, *xeħet*, inqisu li niktbu wkoll: *sama*(*għ*), *għilet*, *bagħad*, *bagħat*, *qagħad*, *megħer*. Kif ukoll fuq *ġbidt*, *xħitt*, *qbadt* nibnu *ħmilt*,

*żidt*, *qgħadt*, *bgħadt*, *bgħatt*.

**T.ċ.** Il-kliem *għamilt*, *għażilt*, *għatast* u oħrajn li l-ewwel konsonanti tagħhom hi *għ*, ideffsu vokali bejn dik il-*għ* u t-tieni konsonanti skont kif urejna fit-T.ċ. (2) taħt il-Wieħed u Tletin Regola – l-Ewwel Taqsima. Iżda fuq *ofroq, iġbed, aħtar, nofroq, niġbed, naħtaf,* niktbu wkoll *ogħtor, agħfas, agħmel,* bil-vokali qabel il-*għ*; kif ukoll *nogħtor*, *nagħfas*, *nagħmel* u mhux *ngħotor*, *ngħafas*, *ngħamel*.

11. Il-Verbi *neqsin* fil-Malti huma ta' ħames xorta:
(1) Verbi ta' żewġ konsonanti (bit-tieni waħda mtennija) u b'vokali maħtufa ta' aċċent sħiħ. Dawn il-verbi jissejħu *torox*. Aktarx huma sura mqassra ta' verbi sħaħ ewlenin.

Ara: *ràdd*, *mèss*, *ħàtt*, *bèxx*, *dàqq* (mill-ewwel sura ta' *radad*, *meses*, *ħatat*, *bexex*, *daqaq*).

(2) Verbi ta' żewġ konsonanti b'vokali twila bejniethom. Dawn jissejħu verbi *moħfijin* (*concavi*).

Ara: *kiel*, *sâb*, *târ*, *ħât*, *qâm*, *mâr*, *miet* (*mât*), *ġieb* (*ġâb*), *kien* (*kân*) u magħhom *għên*, *għâm*, *għêx*, *għêb*.

(3) Verbi ta' tliet konsonanti li għandhom l-ewwel konsonanti waħda mill-ittri dgħajfin *a* jew *w*. Dawn jissejħu *tax-xebh*.

Ara: *ħa* li ġejja mill-verb *aħad*, *ħadt*, *ħadu*, eċċ., *wiżen*, *wiret*, *waqa'*. Jissejħu tax-*xebh* għaliex għandhom sura ewlenija li taqbel ma' dik tal-verbi *sħaħ*. Biss jiġri li jitilfu l-ewwel konsonanti fit-tiswir tal-verb. Għalhekk minn *wiret*, *wiżen*, *waqaf* insawru *iret*, *iżen*, *ieqaf*; *niret*, *niżen*, *nieqaf*, bit-telfa tal-ewwel konsonanti, sura li ma taqbilx ma' dik ta' *ofroq*, *oqtol*, *nofroq*, *noqtol*, fejn l-ewwel konsonanti tibqa' bla mittiefsa.

(4) Verbi li għandhom l-aħħar konsonanti waħda mill-ittri dgħajfin *a* jew *j*. Dawn huma verbi *tassew neqsin*.

Ara: *ta*, minn *għăta(j)* jew *agħta(j)* = *mogħti*, *tajt*; *ġie* = *ġa(j)*, *ġejt*; *ra(j)*, *rajt*; *mexa*, *mxejt*; *tefa*, *tfejt*; *raġa*, *rġajt*; *ġera*, *ġrejt*; *beda*, *bdejt*.

(5) Verbi li għandhom żewġ konsonanti dgħajfin *a*, *j* jew *w*.

Bħal *wera*, *xewa*, *għewa*, *sewa*, *tewa*, *lewa* li jagħmlu u jinkitbu *wrejt*, *xwejt*, *għwejt* jew *għewejt* u mhux *urejt*, *xuejt*, *għuejt*, *suejt*, eċċ. Biss *wera* fuq li wrejna qabel, titlef l-ewwel konsonanti *w* fl-*imperattiv* u fil-*futur* u tinkiteb *ûri*, *nûri*, *nûru*, eċċ. li jinkitbu flok

*uwri, nuwri, nuwru*.

Barra minn dawn ix-xorta ta' verbi ewlenin, ngħoddu oħrajn ta' għamla barranija msejħin *ta' erba' ittri*, għaliex is-sura ewlenija tagħhom hija mibnija fuq erba' konsonanti. Dawn ix-xorta ta' verbi huma aktarx imnissla minn verbi *neqsin* li fl-ilsien Malti ġew mitlufin u minsijin, jew imnisslin min-nomi. Għalhekk dawn nistgħu nqisuhom fost il-Verbi Mnisslin.

VERBI MNISSLIN

Verbi mnisslin huma:

12. Verbi mibnija fuq għeruq ta' *erba' konsonanti*.

**T.ċ.** Imnisslin aktarx minn sura ewlenija ta' *verbi neqsin imtennija* bħal *ferfer, karkar, għargħar, bexbex, żarżar, kexkex, qasqas, mexmex* fejn is-sura ewlenija tal-*verb nieqes* tiġi mtennija.

Oħrajn bħal *fekren, ħaxlef, ħarbex, herwel, ħanxar, għarwel, qarben,* eċċ.

13. Verbi li mis-sura ewlenija jtennu l-konsonanti tan-nofs.
(1) Imnisslin minn verbi sħaħ. Ara: *qabad, kiser, raqad, ġibed, qata*(*għ*), *sama*(*għ*), *għodos, għereq* li jnisslu *qabbad, kisser, raqqad, ġebbed, qatta*(*għ*), *samma*(*għ*), *għaddas, għarraq*.

(2) Imnisslin minn verbi neqsin. Ara: *sadd, raqq, bexx, ħakk, senn* li jnisslu *saddad, raqqaq, bexxex, ħakkek, sennen* (sura ewlenija *sadad* jew *sadd, raqaq* jew *raqq, bexex* jew *bexx,* eċċ.).

Minn *sam, qies, dar, tar, sar, ħat, għam, għex, għer,* innisslu *sawwem, qejjes, dawwar, tajjar, sajjar, ħajjat, għawwem, għajjex, għajjar,* fejn il-konsonanti dgħajfin *j* u *w*, mixruba f'vokali mkarkra fl-ewwel sura, joħorġu mtennija.

Minn *waqaf, wasal* innisslu *waqqaf, wassal*.

Minn *mexa, ġera, raġa'* nnisslu *mexxa, ġerra, raġġa'*.

Hekk ukoll min-nomi *dud, ġwież, newl, kus, għabra, rix, għajn, għajb, kejl, tieni, bejt, sawt,* innisslu *dewwed, ġewweż, newwel, kewwes, għabbar, rejjex, għajjen, għajjeb, kejjel, tenna, bejjet, sawwat*.

**T.ċ.** Fost il-konsonanti fostanin, li fis-sura tal-verb imnissel ma jiġux imtennija, huma l-konsonanti tal-

gerżuma *għ* u *h*. Għalhekk minn *nagħal, ġagħal, qagħad, fehem, bagħad* innisslu *niegħel, ġiegħel, qiegħed, fiehem, biegħed* u mhux *nagħgħal, ġagħgħal, qagħgħad, fehhem, bagħgħad*.

14. Verbi li jbiddlu l-ewwel vokali ta' aċċent maħtuf fil-vokali *â* jew *ie* mkarkra.

Minn verbi sħaħ bħal: *feraq*, *fehem*, *birek* innisslu *fieraq*, *fiehem*, *bierek* u fuqhom minn *qagħad, lagħaq, megħek, bagħad*, innisslu u niktbu: *qiegħed*, *liegħeq*, *miegħek*, *biegħed*. Hekk ukoll minn *wegħed*, *megħer*, għandna *wiegħed*, *miegħer*.

Minn verbi neqsin bħal *qarr, wiżen*, innisslu *qârar, wieżen*.

15. Verbi li fl-ewwel sura jieħdu l-ittra *n* fil-bidu.

Hekk mill-ewwel sura tal-verbi *sħaħ*, bħal *faraġ, silet, għaraf, feraq, ġama*(*għ*)*, għażaq, għoġob, qabad, ħataf, sama*(*għ*)*, għamel* innisslu *nfaraġ, nsilet, ngħaraf, nferaq, nġama*(*għ*)*, ngħażaq, ngħoġob, nqabad, nħataf, nsama*(*għ*)*, ngħamel*. Hawn nagħrfu nagħżlu sura minn oħra li fil-widna jinstemgħu tista' tgħid l-istess. Bħalma nagħżlu (*jien*) *naqbad* minn (*hu*) *nqabad*, hekk ukoll nagħżlu: (*jiena*) *nagħmel* minn (*hu*) *ngħamel*, (*jiena*) *nogħġob* minn (*hu*) *ngħoġob*, (*jiena*) *nagħder* minn (*hu*) *ngħader* u oħrajn hekk.

Minn verbi neqsin, innisslu oħrajn (1) minn *ħabb*, *sadd*, *ħatt*, *għadd*, innisslu *nħabb*, *nsadd, nħatt, ngħadd*, (2) minn *sâb*, *ġieb, ħiet* innisslu *nsâb, nġieb, nħiet*, (3) minn *tefa*, *beda*, *kera*, *ħema* nnisslu *ntefa*, *nbeda*, *nkera*, *nħema*, (4) minn *xewa*, *sewa*, *tewa*, *għewa* nnisslu *nxewa*, *nsewa*, *ntewa*, *ngħewa*.

Hekk ukoll mill-ewwel sura ta' verbi *ta' erba' konsonanti* bħal *għargħar*, *heżheż* innisslu *ngħargħar, nheżheż*.

Joħorġu minn din ir-regola, il-verbi *wiret*, *wera*, *wiżen*, li flok *n* weħidha jieħdu *nt* u jagħmlu *ntiret*, *ntwera*, *ntiżen* jew *ntwiżen*, *ntqâl* (minn *qâl*): imma minn *għâd* ikteb aħjar: *ngħâd* u mhux *ntgħâd*.

16. Verbi ta' sura mnissla li jżidu l-ittra *t* fil-bidu tal-kelma.

Għalhekk minn verbi mnisslin bħalma huma: *qarben*, *kaxkar*, *meżmeż*, *għargħar*, *ħaxlef*, *għalwel*, *herwel*, innisslu s-suriet ta' *tqarben*, *tkaxkar*, *tmeżmeż*, *tgħargħar*, *tħaxlef*, *tgħalwel*, *therwel*. Kif ukoll minn *kisser*, *bajjad*, *qiegħed*, *bierek*, *miegħek* innisslu *tkisser*, *tbajjad*, *tqiegħed*, *tbierek*, *tmiegħek*. Kif ukoll *tqâbad*, *tqâtel*, minn *qâbad*, *qâtel* suriet imnisslin minn *qabad*, *qatel*.

**T.ċ.** Hawn naraw (1) illi ż-żieda tal-ittra *t* fil-bidu jiħduha biss dawk il-verbi li huma mnisslin u mhux dawk li huma ta' sura ewlenija; (2) illi sew l-ittra *n* kemm l-ittra *t* biex inisslu suriet ta' verbi, imorru mal-*passat* tal-verb u l-kelma ma jteffsuha xejn. Għalhekk minn *għamel*, *għażel*, *għafas*, *għaġen*, biż-żieda ta' *n* (*riflessiv* – fejn l-għemil jiġi mfisser fuq l-istess suġġett li jagħmel il-ħaġa) niktbu bħala tielet persuna *ngħamel*, *ngħażel*, *ngħafas*, *ngħaġen* bħalma niktbu *nħasel*, *nħataf*, u mhux *nagħmel*, *nagħżel*, *nagħfas*, *nagħġen*, illi huma sura tal-ewwel persuna tal-futur maħruġ mill-imperattiv *agħmel*, *agħżel*, *agħfas*, *agħġen* biż-żieda ta' *n* fil-bidu, sura li twieġeb għal dik ta' *naħseb*, *naħtaf*, maħruġin minn *aħsel*, *aħtar* biż-żieda ta' *n* qabilhom mislufa mingħand il-pronom *jien*. Hekk ukoll minn *għaffeġ*, *għakkes*, *għarbel*, *għallem*, *għajjar*, *mellaħ* biż-żieda ta' *t* qabilhom innisslu u niktbu *tgħaffeġ*, *tgħakkes*, *tgħarbel*, *tgħallem*, *tgħajjar*, *tmellaħ*.

17. Verbi ewlenin li jdeffsu l-ittra *t* wara l-ewwel konsonanti jagħtu wkoll sura mnissla.

Dawn ix-xorta ta' verbi jibdew aktarx b'waħda mill-ittri likwidi: *l*, *m*, *n*, *r* jew *s*, *x*. Hekk minn *laqa'*, *lewa*, *mela*, *medd*, *nesa*, *nasab*, *rabat*, *refa'*, *silet*, *saqsa*, *xamm*, *xedd* innisslu suriet tal-verbi riflessivi: *ltaqa'*, *ltewa*, *ntela* (flok *mtela*), *mtedd*, *ntesa*, *ntasab*, *rtabat*, *rtefa'*, *stilet*, *staqsa*, *xtamm*, *xtedd*.

**T.ċ.** Dawk il-verbi li jibdew bl-ittra *s* jew *x* jieħdu jew l-ittra *n* qabilhom, inkella l-ittra *t* wara l-ewwel konsonanti, imma qatt it-tnejn flimkien, għalhekk niktbu: *nsilet* jew *stilet*, *nxamm* jew *xtamm*, *nselaħ* jew *stelaħ*, *nxorob* jew *xtorob* u qatt ma għandna niktbu *nxtamm*, *nstilet*, *nstelaħ*, *nxtorob* u lanqas f'verbi li jibdew b'ittri oħra ma niktbuhom bl-*n* u t-*t* flimkien. Għalhekk flok *ntrabat*, *ntmess*, *ntradam*, *ntgħamel*, *ntgħalaq*, *ntgħad* għandna niktbu *rtabat*, *mtess*, *rtadam*, *ngħamel*, *ngħalaq*, *ngħâd*. Bħalma għedna fl-Għadd 15 il-verbi *wiret*, *wiżen*, *wera* u *qâl* joħorġu minn din ir-regola u jinkitbu: *ntiret*, *ntiżen*, *ntwera*, *ntqâl*.

18. Sura oħra mnissla jagħtu wkoll il-verbi ewlenin biż-żieda tal-ittri *st* mal-bidu tas-sura fl-imperattiv.

**T.ċ.** B'*sura* tal-imperattiv għandna nifhmu dik *is-sura li tieħu l-kelma mnissla fil-qagħda tal-konsonanti wara jew qabel vokali* u mhux li din is-sura ewlenija għandha tibqa' tidher bl-*istess vokali* fil-verb imnissel ta' *st*. Għalhekk *qerr*, *għîn*, sura ewlenija ta' imperattiv, fil-verb imnissel jagħtu *stqarr*, *stgħan* u mhux *stqerr*, *stgħîn*, imma mbagħad minn *ħajjel*, *kenn* (imperattivi) għandna *stħajjel*, *stkenn* u minn *agħni*, *aħbi*, *aħji* għandna *stagħna*, *staħba*, *staħja* bl-aħħar vokali *i* mibdula f'*a*.

Għalhekk minn *kenn*, *qarr*, *merr*, *aħbi* (minn *ħeba*), *agħni* (minn *għána*), *agħdar* (minn *għadar*), *ħajjel* (minn *ħajjel*), *agħġeb* (minn *għaġeb*), għandna *stkenn*, *stqarr*, *stmerr*, *staħba*, *stagħna*, *stagħdar*, *stħajjel*, *stagħġeb*. Dawn kollha juruna illi l-konsonanti *għ* għandha tinkiteb wara l-vokali fil-verbi meħudin minn sura ta' verbi ewlenin *sħaħ* u minn oħrajn *neqsin* (barra minn dawk il-verbi neqsin li għandhom it-tieni konsonanti mtennija bħal *kenn*, *qarr*, eċċ. u għalhekk *stgħall* bħal *stkenn*, *stqarr*; kif ukoll dawk ta' żewġ

konsonanti b'vokali twila fin-nofs, bħal *stgħân*, *stgħâr*, minn *għân* u *għâr*).

Għalhekk bil-kitba nagħżlu bejn il-kelma *stgħân* u l-kelma *stagħna*, fejn l-ewwel *stgħân* ġejja minn *għân* (*ta għajnuna*) u għandha l-imperattiv *għîn* bil-konsonanti *għ* qabel il-vokali, u t-tieni kelma *stagħna* ġejja minn *għána* li fl-imperattiv tagħmel *agħni* u għalhekk tinkiteb *stagħna* bl-*għ* wara l-vokali.

Hekk ukoll minn *nebaħ*, *inbaħ* (*nebeħ*, *inbeħ*, Vassalli), niktbu *stenbaħ*, kif ukoll minn *ħareġ*, *oħroġ* niktbu *staħreġ*, minn *għádar*, *agħdar* niktbu *stagħdar* u mhux *stgħadar*, minn *ħeja*, *aħji* niktbu *staħja*. Għalhekk minn *ħarreġ*, *ħarreġ* (imp.) innisslu *stħarreġ*, minn *kerreh*, *kerreh* (imp.) = *stkerreh*, minn *ħajjel*, *ħajjel* (imp.) = *stħajjel* u kif minn *qarr*, *ħaqq*, innisslu *stqarr*, *stħaqq*, hekk ukoll minn *għall*, verb ewlieni tal-istess sura, innisslu u niktbu *stgħall* u mhux *stagħll*.

**T.ċ.** Bosta minn dawn il-verbi mnisslin għandhom is-sura ewlenija mitlufa fi lsienna, fosthom il-verbi *staħa*, *stejqer*, *stagħġeb* (minn *għáġeb*, verb ewlieni, għandna wkoll il-verb imnissel *għaġġeb*), *stieden*, *stienes*, *stagħdar*, *stmerr*, *stgħall*, *strieħ*.

19. Sura oħra mnissla jagħtu wkoll xi verbi ewlenin li jfissru l-lewn, in-nuqqas u l-kruha, eċċ. Dawn il-verbi jnisslu din is-sura bit-telfa tal-vokali tal-aċċent fl-ewwel taqsima tal-kelma u bil-bidla tal-vokali ta' mingħajr aċċent fit-tieni taqsima b'vokali twila *â* jew *ie*.

Għalhekk minn verbi ewlenin (mitlufa) tnisslu s-suriet ta' *sfâr*, *bjâd*, *swied*, *tjieb*, *djieq*, *ħmâr*, *xjieħ*, *ċkien*. Kif naraw, dawn ix-xorta ta' verbi għandhom is-sura mnissla mqassma f'żewġ konsonanti fil-bidu u vokali twila bejn it-tieni u l-aħħar konsonanti. Għalhekk nagħrfu niktbu dejjem: *swied*, *djieq*, *tjieb*, *twal*, *xjieħ* u mhux *suied*, *dieq*, *tieb*, *tual*, *xieħ*.

**T.ċ.** Mis-sura ewlenija ta' *bajad*, *sewed*, *dejaq*, *ħamar*, *xejaħ*, *ċeken* u oħrajn bħal *qasar*, *ħadar*, *wasagħ*, *qadem* fuq l-Għadd 13 innisslu wkoll is-suriet ta': *bajjad*, *sewwed*, *dejjaq*, *ħammar*, *xejjaħ*, *ċekken*, *qassar*, *ħaddar*, *wassagħ*, *qaddem*, kollha bit-tieni konsonanti bis-sura ewlenija mtennija.

## ARBLU TAL-VERB MALTI

Sura Ewlenija

| | |
|---|---|
| ↓ Sħiħa *(qatel)* | ↓ Nieqsa |
| | → Torox *(ràdd)* |
| | → Moħfijin *(târ)* |

→ Tax-Xebh *(wiret)*

→ Tassew Neqsin *(tefa)*

→ Dgħajfin *(lewa, wera)*

SURIET IMNISSLIN

1. Ta’ erba’ konsonanti *(ferfer, ħaxlef).*
2. Li jtennu l-konsonanti tan-nofs *(qabbad).*
3. Li jbiddlu l-ewwel vokali f’*â* jew *ie (qârar, fiehem).*
4. Li jżidu *n* fil-bidu *(nfaraġ, ngħażel).*
5. Li jżidu *t* fil-bidu *(tqâbad, tqarben).*
6. Li jżidu *t* wara l-ewwel konsonanti *(ltaqa’).*
7. Li jżidu *st* mas-sura tal-imperattiv *(stqarr).*
8. Li jbiddlu l-vokali ta’ wara t-tieni konsonanti f’*â* jew *ie (sfâr, tjieb).*

**T.ċ.** Il-verbi mnisslin jistgħu jkunu sew *sħaħ* kemm *neqsin,* skont is-sura ewlenija jew imnissla mnejn joħorġu.

## TISWIR IL-VERB

20. Fil-Malti jinsabu tliet suriet jew għamliet biex ifissru ż-żmien tal-għemil fil-verb: (1) l-*Imperattiv,* li joħroġ mill-*mamma,* li hi s-*sura ewlenija* tal-verb. (2) il-*Preżent* u l-*Futur* (*aoristo*), li jitnisslu mill-Imperattiv. (3) il-*Passat* jew *Imgħoddi* li hu s-sura ewlenija li semmejna tal-verb.

Eż. (1) Verbi fl-*Imperattiv,* it-tieni persuna, għadd farrad, ġens raġel jew mara:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Minn | *feraq* | għandna | *ofroq* |
| " | *għamel* | " | *agħmel* |
| " | *ġerra* | " | *ġerri* |
| " | *għabba* | " | *għabbi* |
| " | *sâb* | " | *sib* |
| " | *għâm* | " | *għûm.* |

(2) Verbi fil-*Preżent* u fil-*Futur* – żmien li miexi u żmien li għad irid jiġi:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Minn | *ofroq* | innisslu | *nofroq, tofroq, jofroq* |
| " | *agħmel* | " | *nagħmel, tagħmel, jagħmel* |
| " | *ġerri* | " | *nġerri, tġerri (iġġerri), jġerri* |
| " | *għabbi* | " | *ngħabbi, tgħabbi, jgħabbi* |
| " | *sib* | " | *nsib, tsib (issib), jsib* |
| " | *għûm* | " | *ngħum, tgħum, jgħum.* |

(3) Verbi fil-*Passat* jew *Imgħoddi*:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Minn | *feraq* | nagħmlu | *fraqt, ferqet, fraqna, fraqtu, ferqu* |
| " | *għamel* | " | *għamilt, għamlet, għamilna, għamiltu, għamlu* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| " | *ġerra* | " | *ġerrejt, ġerriet, ġerrejna, ġerrejtu, ġerrew* |
| " | *għabba* | " | *għabbejt, għabbiet, għabbejna, għabbejtu, għabbew* |
| " | *sab* | " | *sibt, sabet, sibna, sibtu, sabu* |
| " | *għâm* | " | *għomt, għamet, għomna, għomtu, għamu.* |

21. L-ittri li bihom tikber u titbiddel il-*mamma* tal-verb huma:
(1) Għall-għamla tal-*Imperattiv* l-ittri *a, e, i, o, u* fil-bidu tal-kelma, u għall-għadd imkattar l-ittra *u* f'tarf il-kelma.
Ara: *qabad,* a*qbad*; *reħa,* e*rħi*; *mexa,* i*mxi*; *feraq,* o*froq*; *wera,* u*ri*; *aqbd*u, *erħ*u, *imx*u, *oforq*u, *ur*u.

(2) Għall-għamla tal-*Preżent* jew tal-*Futur* l-ittri *n, t, j* fil-bidu tal-kelma, u għall-għadd imkattar l-ittra *u* f'tarf il-kelma.
Ara: *qabad*: a*qbad,* n*aqbad,* t*aqbad,* j*aqbad,* (*hi*) t*aqbad, naqbd*u, *taqbd*u, *jaqbd*u; *ferraq*: *ferraq,* n*ferraq,* t*ferraq,* j*ferraq,* (*hi*) t*ferraq, nferrq*u, *tferrq*u, *jferrq*u.

**T.ċ.** L-ittri konsonanti *n* u *j*, jekk ikunu sejrin jitħaxknu bejn żewġ konsonanti jieħdu *i* qabilhom għar-rifda tal-leħen: hawnhekk il-konsonanti *j* tinxtorob. Għalhekk niktbu: *biex infernaq, biex iferraq* flok *biex ijferraq*. Ara wkoll it-Tnejn u Erbgħin Regola – l-Ewwel Taqsima.

(3) Għall-għamla tal-*Passat* jew *Imgħoddi* l-ittri *t, et, na, tu, u* f'tarf il-kelma.
Ara: *qasam*: *qsam*t, *qasm*et, *qsam*na, *qsam*tu, *qasm*u.

22. L-*Imperattiv* jew dik is-sura tal-verb li tfisser kmand, titnissel mis-sura ewlenija ta' verb li hija t-tielet persuna, ġens raġel, għadd farrad tal-Passsat jew Imgħoddi (Ara Għadd 2 – it-Tieni Taqsima) biż-żieda ta' waħda mill-vokali fil-bidu tal-kelma.

Iż-żieda ta' din l-ittra fil-bidu tal-kelma aktarx twaqqa' l-vokali tal-aċċent fis-sura ewlenija (it-Tmienja u Għoxrin Regola, l-Ewwel Taqsima). Taħt din ir-regola jsir l-*Imperattiv*.

(1) Tal-verbi *sħaħ*. Ara: *ħátaf, résaq, mésaħ, xéħet, xórob, sáma(għ), qáta(għ), forogħ* li jagħmlu *aħtaf, ersaq, imsaħ, ixħet, ixrob, isma(għ), aqta(għ), ofrogħ,* imqassrin minn *áħataf, éresaq, ímisaħ, íxiħet, íxorob* u l-bqija.

Fuq dawn minn *qagħad, magħad, bagħat, megħer, xegħel* nagħrfu wkoll niktbu *oqgħod, omgħod, ibgħat, imgħer, ixgħel* bit-tieni konsonanti *għ* qabel il-vokali, kif ukoll minn *deher, fehem* niktbu *idher, ifhem* imbagħad *idhru, ifhmu* fuq il-kitba ta' *ixħet, ixħtu.* Hekk ukoll minn *xeher, żeher, deha, xehed* nagħmlu *ixher, iżher, idha, ixhed* bil-konsonanti *h*

qabel il-vokali.

Fuq dawn minn *għamel, għader, għażaq, għatas, għereq, għodos, għola, għafas* nibnu *agħmel, agħder, agħżaq, agħtas, egħreq, ogħdos, ogħla, agħfas* bil-vokali qabel l-ewwel konsonanti *għ*.

(2) Tal-verbi *neqsin* (i) dawk li jissejħu tax-*xebh* (Ara Għadd 11, para. 3 – it-Tieni Taqsima) bħal *waqaf, wiżen, wiret, wasa(għ), wasal, waqa(għ)* li jagħmlu *ieqaf* (flok *âqaf), iżen, iret, usagħ, asal, aqa(għ);* (ii) dawk li jissejħu *tassew neqsin* għax għandhom l-aħħar konsonanti dgħajfa bħal *beda, safa, rema, fela, ġera, reħa, dagħa, ragħa* li jagħmlu *ibda, isfa, armi, ifli, iġri, erħi, idgħi, irgħa* jew *irgħi*. Fost in-neqsin ngħoddu wkoll *(għă)ta* jew *(agħ)ta, ra* li jagħmlu *agħti* jew *áti, ara;* imma *ħa* fl-Imperattiv jagħmel *ħa, ħudu*; *ġie* jagħmel *ejja*; (iii) dawk li jissejħu wkoll neqsin jew dgħajfin f'iżjed minn konsonanti waħda: bħal *tewa, lewa, xewa* li jagħmlu *itwi, ilwi, ixwi* u fuq dawn *għewa* li jagħmel u jinkiteb *agħwi*.

---

Il-verbi li ma jmorrux ma' din ir-regola huma:

(1) Mill-verbi neqsin dawk li jissejħu *torox* bħal *rass, daqq, ħabb, żamm, medd, mess* li fl-Imperattiv ibiddlu l-vokali *a* f'*o* bħal *rass, ross*; *daqq, doqq*; *ħabb, ħobb*; *żamm, żomm* u l-vokali *e* f'*i* bħal *medd, midd*; *mess, miss*. Għalhekk minn *għadd, għażż* nagħmlu u niktbu l-Imperattiv *għodd, għożż*: *għoddni, għożżni* u mhux *ogħdd, ogħżż*: *ogħddni, ogħżżni*, imma l-istess bħal *żomm, żommni*.

(2) Mill-Verbi *neqsin* dawk li jissejħu verbi *moħfijin* bħal *mar, sar, ġieb, far, tar*, li fl-Imperattiv ibiddlu l-vokali tagħhom f'*u* u f'*i* twal bħal *mur, sir, ġib, fur, tir*. Għalhekk ukoll minn *għam, qal (għâd), għen, għer, għex* nagħmlu u niktbu *għum, għid, għin, għir, għix*.

(3) Il-Verbi ta' erba' konsonanti *(kwadrilitteri)* bħal *qarben, gerfex, sarsar, gemgem, fesdaq, ċanfar, sefsef, dardar, żarżar* li għandhom l-Imperattiv bħas-sura ewlenija. Għalhekk niktbu wkoll fl-Imperattiv *għarbel, għargħar, għosfor* bil-konsonanti *għ* qabel il-vokali, waqt li l-verbi *sħaħ* bħal *għamel, għażel* fl-Imperattiv jinkitbu *agħmel, agħżel* bil-vokali qabel il-konsonanti *għ*.

(4) Il-Verbi mnisslin kollha (barra minn dawk li jibdew biż-żieda tal-ittra *n* u oħrajn li jdeffsu l-ittra *t* wara l-ewwel konsonanti tal-għerq *l, m, n, r, s* li jieħdu qabilhom il-vokali *i* għall-ħlewwa tal-leħen).

Għalhekk (i) minn *kisser*, *rabbat*, *ġebbed* niktbu l-Imperattiv *kisser*, *rabbat*, *ġebbed* kif ukoll minn *għammed*, *għaffeġ*, *għallem*, *għaddas* niktbu l-Imperattiv *għammed*, *għaffeġ*, *għallem*, *għaddas*; minn *ħawwel*, *sawwar* niktbu l-Imperattiv *ħawwel*, *sawwar*, eċċ., kif ukoll *għajjar*, *għajjex*; (ii) minn *ġerra*, *baxxa*, *saffa*, *raqqa*, *ħalla* għandna l-Imperattiv *ġerri*, *baxxi*, *saffi*, *raqqi*, *ħalli*; hekk ukoll minn *għabba*, *għalla*, *għatta*, *għadda* niktbu l-Imperattiv *għabbi*, *għalli*, *għatti*, *għaddi* u mhux *agħbbi*, *agħlli*, *agħtti*, *agħddi*; (iii) minn *bierek*, *fieraq*, *fiehem* u fuqhom ukoll *ġiegħel*, *miegħek*, *qiegħed*, *żiegħel*, *niegħel*, *wiegħed*, *riegħed*, *ġiegħed*, *xiegħel*.

**T.ċ.** Jiġi illi l-vokali tal-leħen tinħass u tinkiteb f'verbi mnissla bħalma huma dawn: *insilet*, *inxorob*, *inħeba*, *intebaħ*, *iltaqa'*, *intela* (flok *imtela*), *irtafa'*, l-iktar meta dawn il-verbi jkollhom qabilhom kelma oħra li tispiċċa b'konsonanti bħal: *mur iltaqa'*, *iftaħ għajnek w intebaħ* (flok *u ntebaħ*); meta dawn il-verbi huma fil-bidu: *inħeba minnhom*; meta s-sura tal-imperattiv tissawwar f'dik tal-preżent biż-żieda ta' waħda minn dawn l-ittri *n*, *t*, *j*. Ara: *n-insilet*, *n-inxorob*, *t-insilet*, *t inxorob*, *j-insilet*, *j-inxorob*. Hekk ukoll naraw illi verbi oħrajn imnisslin li fl-imperattiv jibdew b'żewġ konsonanti, bħal *ntefa*, *nkera*, *tkabbar*, *ngħafas*, *stmerr*, *tħarrreġ* jieħdu l-vokali tal-leħen *i* għas-sura tal-preżent biż-żieda ta' *n*, *t*, *j*. Ara: *n-intefa*, *t-intefa*, *j-intefa*, *n-itkabbar*, *t-itkabbar*, *j-itkabbar*, eċċ.

Minn dan kollu nnisslu din ir-regola:

23. Il-qagħda tal-ewwel konsonanti fis-sura ewlenija tal-verb tibqa' dejjem kif inhi saħansitra fl-Imperattiv. Ibiddluha *biss* il-verbi li għandhom aċċent ħafif.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Eż. | Sura | ewlenija | *dàqq* | Imperattiv | *dòqq* |
| | " | " | *żàmm* | " | *żòmm* |
| | " | " | *mâr* | " | *mûr* |
| | " | " | *sâr* | " | *sîr* |
| | " | " | *ġieb* | " | *ġîb* |
| | " | " | *ħâ* | " | *ħû* |
| Hekk ukoll | " | " | *għàdd* | " | *għòdd* |
| | " | " | *għàżż* | " | *għòżż* |
| | " | " | *għâm* | " | *għûm* |
| | " | " | *għêb* | " | *għîb* |
| | " | " | *għêr* | " | *għîr* |

kollha sura b'aċċent *sħiħ* jew *twil*.

Joħorġu minn din ir-regola, il-verbi *tâ*, *ġie*, *râ* li fl-Imperattiv jagħmlu *agħti*, *ejja*, *ara*.

Verbi b'aċċent *ħafif*:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Sura ewlenija | *qábad* | Imperattiv | *aqbad* |
| " " | *ħáfer* | " | *aħfer* |
| " " | *għálaq* | " | *agħlaq* |
| " " | *séraq* | " | *israq* |
| " " | *ħásel* | " | *aħsel* |
| " " | *għáder* | " | *agħder* |

24. Il-Futur *(aoristo)* li jwieġeb ukoll għall-Preżent isir mill-Imperattiv biż-żieda tal-ittri *n*, *t* u *j* fil-bidu tal-kelma għall-għadd *farrad (singular)* u biż-żieda wkoll ta' *u* f'tarf il-kelma għall-għadd *imkattar (plural).*

Eż. Minn *seraq* nagħmlu l-Imperattiv *israq*, imbagħad *nisraq*, *tisraq*, *jisraq*, *nisirqu*, *tisirqu*, *jisirqu*. Hekk ukoll minn:

| | | | |
|---|---|---|---|
| (i) | *ġibed* | nagħmlu | *iġbed, niġbed, tiġbed, jiġbed, niġbdu tiġbdu, jiġbdu;* |
| (ii) | *qata(għ)* | " | *aqta(għ), naqta(għ), taqta(għ), jaqta(għ), naqtgħu, taqtgħu, jaqtgħu;* |
| (iii) | *tafa(għ)* | " | *itfa(għ), nitfa(għ), titfa(għ), jitfa(għ), nitfgħu, titfgħu, jitfgħu;* |
| (iv) | *tefa(j)* | " | *itfi(j), nitfi(j), titfi(j), jitfi(j), nitfu, titfu, jitfu;* |
| (v) | *bierek* | " | *bierek, nbierek, tbierek, jbierek, nbierku, tbierku, jbierku;* |
| (vi) | *tar* | " | *tir, ntir, (i)ttir, jtir, ntiru, (i)ttiru, jtiru;* |
| (vii) | *ħabb* | " | *ħobb, nħobb, tħobb, jħobb, nħobbu, tħobbu, jħobbu;* |
| (viii) | *għożż* | " | *għożż, ngħożż, tgħożż, jgħożż, ngħożżu, tgħożżu, jgħożżu;* |
| (ix) | *għallem* | " | *għallem, ngħallem, tgħallem, jgħallem, ngħallmu, tgħallmu, jgħallmu.* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Iżda minn | *ħa(d)* | nagħmlu | *ħa, nieħu, tieħu, jieħu, nieħu,* eċċ. |
| " " | *ra* | " | *ara, nara, tara, jara, naraw,* eċċ. |
| " " | *(agħ)ta* | " | *âti, nâti, tâti, jâti, nâtu,* eċċ. |
| " " | *ġie* | " | *ejja, niġi, tiġi, jiġi, niġu,* eċċ. |

Iż-żieda tal-vokali *u* f'tarf il-kelma twaqqa' mill-aħħar taqsima l-vokali ta' bla aċċent. (Ara d-Disgħa u Għoxrin Regola – l-Ewwel Taqsima).

Għalhekk minn (i) *għamel, agħmel,* (ii) *qata(għ), aqta(għ),* (iii) *bierek, bierek,* (iv)

*ġelled, ġelled,* ngħidu u niktbu:

(i) *nagħmlu, tagħmlu, jagħmlu* u mhux *nagħmelu, tagħmelu, jagħmelu;*

(ii) *naqtgħu, taqtgħu, jaqtgħu* u mhux *naqtagħu, taqtagħu, jaqtagħu;*

(iii) *nbierku, tbierku, jbierku* u mhux *nbiereku, tbiereku, jbiereku;*

(iv) *nġelldu, tġelldu, jġelldu* u mhux *nġelledu, tġelledu, jġelledu;*

kif ukoll *iġbed, niġbdu, tiġbdu* u mhux *niġbedu, tiġbedu, jiġbedu.*

Għalhekk inqisu li fuq dawn niktbu:

Sura Ewlenija

| | Passat | Imperattiv | Preżent | Futur |
|---|---|---|---|---|
| (i) | *ċaħad* | *iċħad* | *n-t-j-iċħad* | *n-t-j-iċħdu* |
| (ii) | *wasal* | *asal* | *-asal* | *-aslu* |
| (iii) | *karkar* | *karkar* | *-karkar* | *-karkru* |
| (iv) | *qara* | *aqra* | *-aqra* | *-aqraw* |
| (v) | *ħass* | *ħoss* | *-ħoss* | *-ħossu* |
| (vi) | *djieq** | *(i)djieq* | *-idjieq* | *-idjiequ* |
| (vii) | *rtâb** | *(i)rtâb* | *-irtab* | *-irtabu* |
| (viii) | *sab* | *sib* | *-sib* | *-sibu* |
| (ix) | *wieżen* | *wieżen* | *-wieżen* | *-wieżnu* |
| (x) | *għammed* | *għammed* | *-għammed* | *-għammdu* |
| (xi) | *seksek* | *seksek* | *-seksek (isseksek,* flok *itseksek)* | *-seksku isseksku* flok *itseksku)* |
| (xii) | *tqarraq** | *(i)tqarraq* | *-itqarraq* | *-itqarrqu* |
| (xiii) | *nqasam** | *(i)nqasam* | *-inqasam* | *-inqasmu* |
| (xiv) | *stenbaħ** | *(i)stenbaħ* | *-istenbaħ* | *-istenbħu* |

* Ara l-Għadd 22 T.ċ. – It-Tieni Taqsima.

Nagħrfu wkoll niktbu kliem ieħor bħal dan:

Sura Ewlenija

| | Passat | Imperattiv | Preżent | Futur |
|---|---|---|---|---|
| (i) | *sahar* | *ishar* | *n-t-j-ishar* | *n-t-j-ishru* |
| | *bażа(għ)* | *ibża(għ)* | *-ibża(għ)* | *-ibżgħu* |
| (ii) | *waqa(għ)* | *aqa(għ)* | *-aqa(għ)* | *-aqgħu* |
| | *waġa(għ)* | *uġa(għ)* | *-uġa(għ)* | *-uġgħu* |
| (iii) | *werwer* | *werwer* | *-werwer* | *-werwru* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | *gerbeb* | *gerbeb* | *-gerbeb* | *-gerb'bu* jew *-gerbu** |
| (iv) | *ragħa* | *irgħa* | *-irgħa* | *-irgħu* |
| | *dagħa* | *idgħi* | *-idgħi* | *-idgħu* |
| (v) | *għożż* | *għożż* | *-għożż* | *-għożżu* |
| (vi) | *xjieħ* | *xjieħ* | *-ixjieħ* | *-ixjieħu* |
| (vii) | *twâl* | *twâl* | *-itwâl* | *-itwâlu* |
| (viii) | *għâb* | *għîb* | *-għîb* | *-għîbu* |
| (ix) | *wiegħed* | *wiegħed* | *-wiegħed* | *-wiegħdu* |
| (x) | *qadded* | *qadded* | *-qadded* | *-qadd'du** |
| | *qaddes* | *qaddes* | *-qaddes* | *-qaddsu* |
| (xi) | *gerger* | *gerger* | *-gerger* | *-gergru* |
| (xii) | *tarraf* | *tarraf* | *-tarraf* | *-tarrfu* |
| (xiii) | *nsama(għ)* | *(i)nsama(għ)* | *-insama(għ)* | *-insamgħu* |
| | *nqata(għ)* | *(i)nqata(għ)* | *-inqata(għ)* | *-inqatgħu* |
| (xiv) | *stagħna(j)* | *(i)stagħna* | *-istagħna* | *-istagħnew* |
| | *staħba(j)* | *(i)staħba* | *-istaħba* | *-istaħbew* |

* Flok *ngerb'bu, tgerb'bu,* eċċ., *nqadd'du,* eċċ. nistgħu niktbu: *ngerbu, tgerbu, jgerbu; nqaddu, tqaddu, jqaddu.* (Ara l-Għadd 46 u 47 l-Għadd 22 – It-Tieni Taqsima).

**T.ċ.** Fuq il-għamla u t-tiswir ta' *għammed*, *ngħammdu*, *tgħammdu*, eċċ. bit-tieni konsonanti tal-għerq imtennija, minn *newwel*, *sejjaħ*, *tawwal*, *qajjem* imissna niktbu wkoll: *nnewwlu*, *tnewwlu*, *nsejjħu*, *ssejjħu*, *nħawwlu*, *tħawwlu*, *nqajjmu*, *tqajjmu*, bit-tieni konsonanti tal-għerq *w* jew *j* mtennijin. Imma skont il-Wieħed u Erbgħin Regola, l-Ewwel Taqsima, inqisu li niktbu sewwa: (*i*)*nnewlu*, *tnewlu*, *jnewlu*, *nsejħu*, *ssejħu*, *jsejħu*, eċċ.

Fuq il-kitba ta' *qabad*, *naqbdu*; *għażel*, *nagħżlu*; *ġibed*, *niġbdu* li biż-żieda tal-aħħar vokali fil-preżent jew futur jitilfu wkoll il-vokali ta' bla aċċent fit-tieni taqsima, verbi bħal *selaħ*, *telaq*, *qamas*, *sama'*, *ħanaq*, *feraq*, *bagħad*, *bagħat*, imisshom ukoll jinstemgħu u jinkitbu: *nislħu*, *nitlqu*, *noqmsu*, *nismgħu*, *noħnqu*, *nofrqu*, *nobgħdu*, *nibgħtu*. Skont it-Tlieta u Tletin Regola tal-Ewwel Taqsima għandna nsemmgħuhom u niktbuhom: *nisolħu*, *nitilqu*, *noqomsu*, *nisimgħu*, *noħonqu*, *noforqu*, *nobogħdu*, *nibagħtu* bil-vokali tal-leħen (ewfonika) bejn l-ewwel u t-tieni konsonanti tal-għerq.

Hekk ukoll fuq il-kitba ta' *ħeles* li jagħmel *neħilsu*, ta' *ħaleb* li jagħmel *naħilbu*, ta' *ħarat* li jagħmel *naħartu*, nagħrfu wkoll minn *għalef*, *għaleb*, *għaraf*, *għemeż*, *hemeż* niktbu sewwa *nagħalfu*, *nagħilbu* jew *nagħalbu*, *nagħarfu*, *negħemżu*, *nehemżu* u mhux *nagħlfu*, *negħlbu*, eċċ.

Hekk ukoll niktbu *noqogħdu*, *toqogħdu*, *joqogħdu* (u mhux *noqgħodu*, eċċ.), *nomogħdu*, *nibagħtu*, *nixegħlu*, eċċ. (u mhux *nomgħodu*, *nibgħatu*, eċċ.).

Hekk ukoll minn *kabras*, *laħlaħ*, *ċaqlaq*, *ħaxlef*, *maħmaħ*, *żeblaħ*, *meslaħ*, *beżlaq* niktbu *nkabarsu*, *nlaħalħu*, *nċaqalqu*, *nħaxilfu*, *nmaħamħu*, *nżebilħu*, *nmesilħu*, *nbeżilqu*; *tkabarsu*, *jkabarsu*, eċċ. bil-vokali

tal-leħen qabel il-konsonanti likwidi *r, l, m*.

25. Il-*Passat*, jew il-verb li jfisser iż-żmien l-Imgħoddi, isir mis-sura ewlenija tal-istess verb, għall-għadd *farrad* biż-żieda tal-ittra *t* mehmuża f'tarf il-kelma għall-*ewwel* u t-*tieni* persuna, ġens *raġel* u *mara*, u biż-żieda tal-ittri *et* għat-*tielet* persuna ġens *mara*. Għall-għadd *imkattar* biż-żieda tal-ittri *na* fl-*ewwel, tu* fit-*tieni*, u *u* fit-*tielet* persuna ġens *mara* u *raġel*.

Eż. *seraq*: *sraq-T, serq-ET, sraq-NA, sraq-TU, serq-U.*

(1) Iż-żieda ta' konsonanti jew ta' taqsima li tibda b'konsonanti.

(*a*) fil-*verbi b'aċċent ħafif* twaqqa' l-vokali tal-aċċent. Għalhekk minn *télaq, tlaqt*, minn *xába*(*għ*)*, xbajt*, minn *béda, bdejt*, minn *táfa, tfajt*, minn *féhem, fhemt*, minn *lágħaq, lgħaqt*, minn *lágħab, lgħabt*, minn *nsílet, nslitt*. Hekk ukoll *tlaqna, tlaqtu, lgħabna, lgħabtu*. (Ara l-Wieħed u Tletin Regola – l-Ewwel Taqsima).

(*b*) fil-*verbi b'aċċent sħiħ* jew *imkarkar*, tbiddel il-leħen jew il-ħoss u tqabbeż l-aċċent tal-vokali minn taqsima għal oħra. Għalhekk minn *qàssam, qassàmt*, minn *għàddas, għaddàst*, minn *għàwwem, għawwìmt*, minn *bierek, berìkt*, minn *wieżen, wiżìnt*, minn *qiegħed, qegħìdt*, minn *xiegħel, xegħìlt*, minn *biegħed, begħìdt*, minn *ġiegħel, ġegħìlt*. Nagħrfu għalhekk nagħżlu bejn it-tfissir u l-kitba ta' *brikt* minn *bírek*, u ta' *berìkt* minn *bierek*; ta' *xgħèlt* minn *xégħel* u ta' *xegħìlt* minn *xiegħel*; ta' *bgħàdt* minn *bágħad* u ta' *begħìdt* minn *biegħed*. Hekk ukoll minn *ħâres, ħarìst* u mhux *ħrist*; minn *tqâbad, tqabàdt*; minn *fieraq, feràqt* u mhux *fraqt*; minn *tqâtel, tqatìlt*. Hekk ukoll minn *għàkkes, tgħakkes*, minn *għàrbel, tgħarbel*; minn *mèllaħ, tmellaħ*, nagħmlu u niktbu sewwa *għakkìst, tgħakkìst, għakkìsna, tgħakkìsna*; *għarbìlt, tgħarbìlt, għarbìlna, tgħarbìlna*; *mellàħt, tmellàħt, mellàħna, tmellàħna*. (Ara t-Tnejn u Tletin Regola – l-Ewwel Taqsima).

(2) Iż-żieda ta' vokali jew ta' taqsima li tibda b'vokali:
Fil-verbi ta' aċċent *ħafif, sħiħ* jew *twil*, twaqqa' mill-aħħar taqsima vokali ta' bla aċċent. Għalhekk minn *ġíbed, télaq, ġáma(għ), sáma(għ), sèddaq, ġèlled, mèslaħ, fèrkex, stènbaħ, ntílef, nkíser*, nagħmlu u niktbu *ġibdu, telqu, ġemgħu, semgħu, seddqu, ġelldu, mesilħu, ferkxu, stenbħu, ntilfu, nkisru*. Hekk ukoll minn *qata(għ), baża(għ), tama(għ)* niktbu *qatgħu, beżgħu, temgħu*; minn *qiegħed, biegħed* niktbu *qiegħdu, biegħdu*.

**T.ċ.** Joħorġu minn din ir-regola dawk il-verbi neqsin ta' żewġ sillabi li għandhom l-aħħar konsonanti *j*. Dawn ix-xorta ta' verbi jitilfu l-vokali tal-aċċent u flok il-vokali ta' bla aċċent fl-aħħar taqsima u ż-żieda ta'

*u* għat-tielet persuna tal-għadd imkattar jidħol id-dittong *ew*. Għalhekk minn *beda*(*j*), *heda*(*j*), *mexa*(*j*), *ġera*(*j*), *kera*(*j*), *rema*(*j*), *sewa*(*j*), *tewa*(*j*), *lewa*(*j*), *xewa*(*j*) nagħmlu *bdew*, *hdew*, *mxew*, *ġrew*, *krew*, *rmew*, *swew*, *twew*, *lwew*, *xwew*.

Dawk li ma jitilfux il-vokali ta' bla aċċent fl-aħħar taqsima jżidu l-konsonanti *w* flok *u*. Eż. *qara*(*j*), *xtara*(*j*) jagħmlu *qraw*, *xtraw*.

## Irqaqat u tifsir ieħor

(1) Fuq li fissirna taħt il-Wieħed u Tletin Regola, T.ċ. (2) – l-Ewwel Taqsima, dawk il-verbi li jibdew bil-konsonanti *għ* ma jimxux ma' dak li għedna hawn fuq.

Għalhekk minn *għámel, għótor, għódos, għáder, għátas, għálaq, għéla, għéwa, għéja nagħmlu u niktbu: għamilt, għamilna, għamiltu; għotort, għotorna, għotortu; għodost, għodosna, għodostu,* eċċ., kif ukoll *għelejt, għelejna, għelejtu; għewejt, għewejna, għewejtu; għejejt, għejejna, għejejtu* u mhux *għmilt, għmilna, għtort, għlejt, għwejt, għjejt,* eċċ.

(2) Fuq li fissirna taħt il-Għadd 4 u 5 – it-Tieni Taqsima, verbi ta' din il-għamla bħal *xaba(għ), qata(għ), sama(għ), waqa(għ), waqqa(għ), laqa(għ), laqqa(għ), qala(għ); beda(j), kera(j), dara(j), mexa(j), ra(j), ta(j)* fit-tiswir tagħhom tal-preżent u tal-passat jagħmlu u jinkitbu: *nixbgħu, tixbgħu, jixbgħu, xbajt, xebgħet, xbajna, xbajtu; naqtgħu, taqtgħu, jaqtgħu, qtajt, qatgħet, qtajna, qtajtu, qatgħu; naqgħu, taqgħu, jaqgħu, wqajt, waqgħet, wqajna, wqajtu, waqgħu; nwaqqgħu, twaqqgħu,* eċċ.; *nibda, tibda, nibdew, tibdew,* eċċ., *bdejt, bdejtu, bdew.* Hekk ukoll: nara, tara, jara, naraw, taraw, jaraw, rajt, rajna, rajtu, raw.

(3) Minn dan kollu li wrejna, jidher ukoll illi "fil-Malti, kull sura ewlenija u mnissla ta' verb tibda dejjem b'konsonanti". Eż. *qabad, qabbad, għadd, għib, ġiegħel, wieżen, nsilet, therwel, rtafa', staħa.*

Joħorġu minn din ir-regola dawn il-verbi: *emmen, idda, iżża, amar,* li fl-alfabett tagħna jibdew b'ittri li għandhom is-sura ta' vokali.

IL-PARTIĊIPJU JEW AĠĠETTIV

Il-*Partiċipju* fil-Malti għandu t-tifsir ta' *Aġġettiv*, jew ta' *Nom* (*isem*) imnissel mill-Verb.

26. Il-verbi ewlenin ta' tliet konsonanti jnisslu l-*partiċipju preżent* billi jagħtu l-leħen twil ta' *â, ie* jew *ô* lill-vokali fl-ewwel taqsima tas-sura ewlenija.

Dawn ix-xorta ta' parteċipji huma magħdudin bħala aġġettivi. Eż. minn *tela(għ), waqaf, bired, qagħad, libes, rikeb, ħeles, wesa(għ), safa(j), ħares, mexa(j), ħexa(j), ħela(j), ħema(j), ħefa(j), għána(j), għóla(j),* għandna *tiela(għ), wieqaf, biered, qiegħed, liebes, riekeb, ħieles, wiesa', sâfi, ħâres, miexi, ħâxi, ħâli, ħâmi, ħâfi, għôni* jew *għâni, għôli* jew *għâli*. Hekk ukoll minn *għéra, għieri.* (Ara wkoll Għadd 5, T.ċ. (1) – it-Tieni Taqsima).

Barra minn din il-għamla, hemm ukoll għamliet oħra barranija li fuqhom jinbena l-parteċipju preżent, jew aġġettiv, u dawn fil-qosor, huma:

(1) Sura ta' *parteċipju* jew *aġġettiv*, imnissla minn verb li fis-sura ewlenija jbiddel il-vokali ta' bla aċċent fl-aħħar taqsima fil-leħen ta' *î* bħal minn *marad, marîd,* u fuq din *sabîħ, ħafîf, qadîm, ħażîn, nadîf, qasîr, twîl* u ma' dawn *għażîż, għarîb*.

(2) Sura ta' *parteċipju* jew *aġġettiv*, imnissla minn verb li fis-sura ewlenija jitlef il-vokali ta' aċċent ħafif fl-ewwel taqsima u jagħti l-leħen twil ta' *î* jew *û* lill-vokali tat-tieni taqsima: bħal minn *kiber* għandna *kbîr* u fuq dan *fqîr, qrîb, lħîħ, sħîħ, xħîħ, mqît* u ma' dawn *dgħîf, żgħîr, rgħîb, bgħîd* (u mhux *dgħejf, żgħejr*, eċċ.). Minn *saħan* għandna *sħûn* u fuq dan ukoll *trûx, xhûd* (minn *xehed*).

(3) Sura ta' *parteċipju* jew *aġġettiv* imnissla minn verbi moħfijin *(concavi)* li jdeffsu l-ittri *jje* bejn il-vokali u l-aħħar konsonanti tas-sura ewlenija. Ara: minn *miet (mât)* għandna *mejjet*, minn *sâm, sajjem*; hekk ukoll *tajjeb, sejjer*. Il-parteċipji jew aġġettivi *mejjet, sajjem, tajjeb, sejjer* huma mnisslin mill-verbi moħfijin *miet, sam, tab, sar* (jew *sir = mexa).*

(4) Sura ta' *parteċipju* jew *aġġettiv* meħuda minn verbi mnisslin jew ta' erba' konsonanti li jagħtu lill-vokali tal-aħħar taqsima, fis-sura ewlenija, il-leħen u l-ħoss twil ta' *â* jew *ie*. Ara: minn *ħabbeż, naġġar, giddeb, ħawtel, ħajjat, ġelled, deffen* għandna *ħabbież, naġġâr, giddieb, ħawtiel, ħajjât, ġellied, deffien,* u magħhom *bajjâd, kaħħâl, wekkiel, bagħâl, nagħâl* (minn *niegħel), għaġġien* (minn *għaġġen).*

**T.ċ.** Din ix-xorta ta' parteċipju jew aġġettiv, għalkemm donnu ġej mill-verb imnissel bit-tieni konsonanti mtennija (ara: Għadd 13) għandna nifhmu wkoll illi n-nisel tiegħu hu minn għerq ta' verb ewlieni ta' tliet konsonanti fuq il-għamla tal-verb imnissel li jtenni l-konsonanti tan-nofs, u għalhekk nistgħu ngħidu wkoll illi:

"Sura ta' parteċipju jew aġġettiv titnissel mis-sura ewlenija tal-verb ta' tliet konsonanti billi ttenni l-konsonanti tan-nofs u tbiddel il-vokali ta' mingħajr aċċent fl-aħħar taqsima fil-leħen u l-ħoss twil ta' *â* jew *ie*. Ara: minn *naġar, naġġâr,* minn *gideb, giddieb*".

"Il-verbi ta' iżjed minn tliet konsonanti bħal *sensel, kewtel,* ibiddlu biss il-vokali ta' bla aċċent fl-aħħar taqsima f'dik ta' *â* jew *ie*. Ara: *sensâl, kewtiel*".

(5) Sura ta' *parteċipju* jew *aġġettiv* imnissla mis-sura ewlenija ta' verb biż-żieda ta' *-ân* jew *-ien* f'tarf il-kelma. Ara: minn *siker, sikrân; feraħ, ferħân; xorob, xurbân; ħaseb, ħosbien.* Hekk ukoll *felħân, belhân, għażżien, għajjien, għatxân, għarwien.*

(6) Sura ta' *parteċipju* jew *aġġettiv* imnissla minn verbi li jwaqqgħu l-vokali tal-aċċent fl-ewwel taqsima, ibiddlu l-vokali ta' bla aċċent tal-aħħar taqsima fil-leħen u l-ħoss ta' *û* u jżidu l-vokali *i* f'tarf il-kelma. Ara: minn *dáħal* għandna *dħûli*, minn *kiber* għandna *kbûri*.

* * *

Hemm sura ta' aġġettivi mnisslin biċċa minn verbi, biċċa minn nomi u oħrajn minn parteċelli. Dawn huma:

(1) Aġġettivi mnisslin minn verbi li jfissru s-*sbuħija*, il-*kruha*, il-*lewn* u l-*għada*, u jagħmlu l-ġens raġel biż-żieda tal-vokali *a*, *i* jew *o* fil-bidu tal-kelma ewlenija. Ara: minn *ħdar, kħal, bjad, swied* nagħmlu *aħdar, ikħal, abjad, iswed*. Hekk ukoll *aħrax, artab, oħxon, iblah, iġhar, iżraq* u *agħma* (li għalhekk tinkiteb *agħma* u mhux *għâma* u inqas *għáma*) li l-femminil tagħhom jagħmel: *ħarxa, ratba, ħoxna, belha, ġahra, żerqa, għamja*.

(2) Aġġettivi li ma' tarf is-sura ewlenija jżidu *âni* jew *-ieni* bħal *ħamrâni, kaħlâni, ħadrâni, belhieni* u magħhom mill-parteċelli: *ġewwa, isfel, fuq*: *ġewwieni, saflieni, fuqâni*. Il-femminil ta' dawn: *ħamranija, kaħlanija, ħadranija, belhenija*; *ġewwenija, saflenija, fuqanija*. *Fuqani* u *fuqanija* ngħiduhom ħażin *faqqani, faqqanija*.

(3) Aġġettivi mnisslin minn nomi u minn aġġettivi oħra biż-żieda tal-vokali *i* f'tarf il-kelma. Ara: minn *raħal, tewm, baħar, għaqal, qawwa* nagħmlu *raħli, tewmi, baħri, għaqli, qawwi*. Hekk ukoll *għasli* minn *għasel, għasri* minn *għasar* u ħafna oħra bħal *ħotbi, xitwi, sajfi, qamħi*. Kif ukoll minn *xagħra, sagħtra* (jew *sagħtar)* nagħmlu u niktbu *xagħri, sagħtri* bil-*għ* wara l-vokali *a* u mhux qabel. Il-femminil ta' dawn isir biż-żieda ta' *-ja* fl-aħħar: *raħlija, tewmija, baħrija, għaqlija, għaslija, xagħrija*, eċċ. Mill-aġġettivi *aħmar, ħamra*; *iżraq, żerqa*; *ikħal, kaħla* nagħmlu *ħamri, żerqi, kaħli.*

27. Il-Verbi ewlenin ta' tliet konsonanti jnisslu l-*aġġettiv* jew *parteċipju passat* biż-żieda tal-ittra *m* mehmuża fil-bidu tas-sura tal-verb fl-Imperattiv u bil-vokali *û* twila mdeffsa bejn it-tieni u l-aħħar konsonanti.

**T.ċ.** Il-grammatiċi kollha, sew tal-ilsien Għarbi kemm tal-ilsien Malti, dejjem nisslu dawn ix-xorta ta' Partiċipji jew Aġġettivi (imsejħin *mimmati*) mis-sura tal-*mamma* tal-verb ewlieni biż-żieda ta' *m* b'vokali warajha mehmuża fil-bidu tal-kelma. Eż. minn *qatel*, *ħataf* innisslu *maqtul*, *maħtuf*. Hekk ukoll mill-*mamma* ta' verbi *neqsin* u *mnisslin* bħal *żamm* (*żamam*), *ġieb*, *fixkel*, *daħħal* biż-żieda ta' *m* b'vokali (jew mingħajrha fil-verbi *mnisslin*) għandna l-partiċipji *miżmum*, *miġjub*, *mfixkel*, *mdaħħal*. Terġa' minn *dawwar*, *qawwas* nagħmlu *mdawwar*, *mqawwas* li fil-Għarbi jmur iktar mar-regola u jsir *mudawwar*, *muqawwas*.

It-tnissila ta' dawn ix-xorta ta' ismijiet *mimmati*, kif mogħtija f'din ir-regola u l-oħrajn ta' quddiem, timxi iktar ma' dak li trodd fil-kitba t-tiswira tal-partiċipju jew aġġettiv Malti.

Ara: minn *aqbad, aqta(għ), iret, iżen* nagħmlu *maqbûd, maqtûgħ, mirût, miżûn*. Hekk ukoll minn *agħżel, agħmel, ilgħab, ixgħof, ingħal (ilgħan), irhan, agħsar, agħder* nagħmlu u niktbu *magħżûl, magħmûl, milgħûb, mixgħûf, mingħûl (milgħûn), mirhûn, magħsûr, magħdûr*. Minn *iżra(għ), aqla(għ), ibla(għ)* għandna *miżrûgħ, maqlûgħ, miblûgħ.*

---

Verbi li ma jmorrux għalkollox ma' din ir-regola, huma:

(1) Il-verbi *neqsin (torox)* tal-għamla ta' *radd*, *sadd*, *ħatt* li fl-Imperattiv jagħmlu *rodd*, *sodd*, *ħott*. Is-sura ewlenija ta' dawn il-verbi hija *radad*, *sadad*, *ħatat* mixruba f'dik ta' *rodd*, *sodd*, *ħott*. L-Imperattiv ewlieni tagħhom huwa *ardad*, *asdad*, *aħtat* li minnhom joħroġ l-aġġettiv jew partiċipju *mardûd*, *masdûd*, *maħtût* fejn il-vokali *a* jew *o* tal-Imperattiv tiġi li għall-ħlewwa tal-leħen titbiddel f'oħra u għalhekk ngħidu *misdûd*, bħal *minxur* flok *monxur* (minn *onxor*). Fuqhom, minn *mess*, *għodd*, *ħożż* niktbu *mimsûs* (flok *mamsûs), magħdûd, maħżûż*. Hekk ukoll minn *ħass* ngħidu u niktbu *maħsûs*.

(2) Il-verbi *neqsin (moħfijin)* tal-għamla ta' *sab*, *ġieb*, *żied*, *sar* li fl-Imperattiv jagħmlu *sib*, *ġib*, *żid*, *sir* u għalhekk ma jsawrux il-partiċipju fuq il-għamla tal-verbi sħaħ. Iżda minn *sib*, *ġib*, *żid*, *sir*, *bigħ*, nagħmlu *misjub*, *miġjub*, *miżjud*, *misjur*, *mibjugħ* u mhux *msiub*, *mġiub*, eċċ., imma bil-vokali tal-leħen bejn l-ittra *m* u l-ewwel konsonanti tal-għerq u bil-konsonanti *j* bħala t-tieni waħda tal-kelma flok il-vokali twila *î*. (Ara s-Sitt Regola u d-Disgħa u Tletin Regola tal-Ewwel Taqsima, u l-Għadd 22 para. (2) tat-Tieni Taqsima).

Verbi ta' din il-għamla li għandhom l-ewwel konsonanti *għ*, isawru l-partiċipju passat fuq il-verbi sħabhom imnisslin. Għalhekk il-verbi *għab*, *għam*, *għer*, *għex* jagħmlu l-partiċipju passat *mgħajjeb*, *mgħawwem*, *mgħajjar*, *mgħajjex*. Imma *għen* jagħmel *megħjun*.

(3) Xi verbi tax-*xebh* tal-għamla ta' *wiret*, *wiżen*, *waġa(għ), wiled*, jimxu fuq it-tiswir tal-verbi *sħaħ* u jagħmlu l-parteċipju passat *mirut*, *miżun*, *miġugħ*, *milud*. Ma' dawn hemm il-verbi *wasal, waqa(għ), wasa(għ), weħel* li jimxu fuq is-sura tal-verbi mnisslin u jagħtu *mwassal*, *mwaqqa(għ), mwassa(għ), mwaħħal*. *Ħa* li ġej minn *aħad* jimxi fuq il-verbi sħaħ u jagħmel *meħud*.

(4) Verbi *neqsin* li għandhom l-aħħar konsonanti jew l-aħħar żewġ konsonanti waħda mill-ittri neqsin. Ara: *fela(j), mela(j), qara(j), ħema(j), għama(j), għena(j), dagħa(j)* u magħhom *tâ* (minn *agħta(j)),* kif ukoll *tewa*, *lewa*, *sewa*, *xewa*, li għandhom il-parteċipju passat *mifli*, *milwi*, *moqri*, *moħmi*, *mogħmi*, *mogħni*, *midgħi*, *mogħti*, *mitwi*, *milwi*, *miswi*, *mixwi* u magħhom *għewa* li jagħmel *mogħwi*.

28. Il-verbi mnisslin isawru l-*aġġettiv* jew *parteċipju* biż-żieda tal-ittra *m* (jew *mi* quddiem kelma li tibda b'żewġ konsonanti) mehmuża fil-bidu ta' suret il-verb fl-Imperattiv.

Għalhekk minn *farrak*, *sawwat*, *tajjar*, *ġerri*, *darri*, *bierek*, *kaxkar*, *stmerr, staħba*, *strieħ* nagħmlu *mfarrak*, *msawwat*, *mtajjar*, *mġerri*, *mdorri*, *mbierek*, *mkaxkar*, *mistmerr*, *mistoħbi*, *mistrieħ*. Hekk ukoll minn *għaffeġ*, *għaddas*, *għabbar*, *għaġġel*, *bajjad*, *kejjel*, *ħawwel*, *niegħel*, *biegħed*, *qarar*, *ġiegħel*, *xiegħel*, *għarbel*, *għalwel*, *herwel*, *stagħġeb* nagħmlu l-parteċipju *mgħaffeġ*, *mgħaddas*, *mgħabbar*, *mgħaġġel*, *mbajjad*, *mkejjel*, *mħawwel*, *mniegħel*, *mbiegħed*, *mqarar*, *mġiegħel*, *mxiegħel*, *mgħarbel*, *mgħalwel*, *mherwel*, *mistagħġeb*.

## NOMI MNISSLIN MILL-VERBI

29. L-isem li jfisser l-għemil *(nomen actionis)* isir biż-żieda tal-ittra *t* mehmuża fil-bidu tal-verb ewlieni jew imnissel, fis-sura tal-Imperattiv *(tieni persuna, għadd farrad)* bil-vokali ta' mingħajr aċċent fl-aħħar taqsima mibdula f'*i* mkarkra.

(1) Minn verbi ewlenin:
Minn *ġíbed, iġbed, tiġbid-a;* minn *qéla(j), aqli(j), toqlij-a;* minn *ġéra(j), iġri(j), tiġrij-a;* minn *sáfa(j), isfa(j), tisfij-a;* minn *għéla(j), ogħli(j), togħlij-a;* minn *għálem* (ewlieni ta' *għallem), agħlem, tagħlim-a;* minn *għába(j)* (ewlieni ta' *għabba), agħbi(j), tagħbij-a;* minn *għásed* (ewlieni ta' *għassed), agħsed, tagħsid-a*; minn *għáraf* (ewlieni ta' *għarraf), agħraf, tagħrif-a;* minn *għárax, agħrax, tagħrix-a*, u għalhekk minn *għátan* (ewlieni ta' *għattan), agħtan, tagħtin-a*; minn *għámar* (ewlieni ta' *għammar), agħmar, tagħmir-a*; minn *għáweġ* (ewlieni ta' *għawweġ), agħweġ, tagħwiġ-a*; minn *għájar* (ewlieni ta'

*għajjar), agħjar, tagħjir-a*; minn *għájeb* (ewlieni ta' *għajjeb), agħjeb, tagħjib-a*; minn *séwa(j)* (ewlieni ta' *sewwa), iswa(j), tiswij-a,* hekk ukoll minn *sélem* (ewlieni ta' *sellem), islem, tislim-a.*

(2) Minn verbi mnisslin:
Minn *qalleb*, *tqallîb*; minn *għaffeġ*, *tgħaffîġ*; minn *għassed*, *tgħassîd*; minn *għannaq*, *tgħannîq*. Hekk minn *qarben, farfar, gerger, ħarbex, każbar* nagħmlu *tqarbîn, tfarfîr, tgergîr, tħarbîx, tkażbîr* u għalhekk minn *għarbel, heżheż, herwel* nagħmlu *tgħarbil, theżhiż, therwil,* imbagħad il-femminil *tgħarbila, theżhiża, therwila*. Hekk ukoll minn *bierek, riegħed, wiegħed, qiegħed, żiegħel* nagħmlu *tberik-a, tregħid-a, twegħid-a, tqegħid a, tżegħil-a* (*żegħil-a*). (Ara wkoll is-Sitta u Għoxrin Regola, T.ċ. (4) – l-Ewwel Taqsima). Minn *wissi, witti* nagħmlu *twissija, twittija,* kif ukoll mill-ewlenin *wisa*(*j*), *wita*(*j*) jitnisslu *tusija*, *tutija*.

**T.ċ.** Is-suriet tal-ismijiet bħal *tiġbid, tiġrija, tisfija, tislim, taħbil, tikmix,* eċċ. insibuhom fil-grammatika Għarbija bħal *infinittivi* jew ismijiet tal-għemil tal-verbi mnisslin: *ġebbed, ġerra, saffa, sellem, ħabbel, kemmex* biż-żieda ta' *ta* jew *ti* mehmuża fil-bidu tas-sura. (Ara wkoll Vassalli *Gram*: *Lingua Maltese*, p. 87, para. 133). Billi din it-tagħrifa ma taqdiniex biex fuqha nagħżlu fil-Malti bejn il-għamla ta' *tgħanniq* u *tagħniq*, ta' *tgħassid* u *tagħsid*, ta' *tqallib* u *taqlib* li jieħdu ż-żewġ suriet u lanqas ma twassalna biex fuqha nibnu dawn ix-xorta ta' ismijet, dehrilna li r-regola li tajna hi l-iżjed li ttarrafna kif għandha bir-raġun tinkiteb il-kelma mingħajr ebda tagħlit.

30. L-ismijiet li jfissru l-għemil jew il-ħaġa, jitnisslu wkoll minn verbi ewlenin, (1) bil-waqgħa tal-vokali ta' bla aċċent, (2) bit-tibdila tal-ħoss u l-leħen tal-vokali f'taqsima ta' kelma, (3) bit-tibdila tal-konsonanti dgħajfa f'oħra, (4) biż-żieda ta' vokali jew tas-sillaba *ân* jew *ien* f'tarf il-kelma.

Fil-Malti hemm mat-tmintax-il għamla ta' nomi minn din ix-xorta li fil-qosor huma dawn, li fuqhom jinbnew u jinkitbu l-oħrajn tal-istess għamla.

**Ismijiet ta' tliet konsonanti b'aċċent sħiħ**
(1) Fuq il-għamla ta' *bard, mard, talb, daħq, ħalq, ħaqq, ħall, xaqq, serq, melħ, sebħ, mess, xedd, ħell* imnisslin minn verbi bħal *márad, tálab, dáħaq,* eċċ. niktbu wkoll *għalf, għawm, għawġ, għadd, għant, għatx, għerq, għens,* kif ukoll fuq *roħs, qorq, moxt* niktbu *għors, għonq.*

(2) Fuq il-għamla ta' *sakra, qatra, saħta, sabta, ħabta, dakra, qabda, ħajja, tewba, xeħta, xewqa, żoqma, toqba, sokra, ħofra,* nibnu u niktbu *għażla, għarqa, għalqa, għaxwa, għatja, għassa, sahra, xagħra, waqgħa, nagħġa, nagħla, naħla, bagħla, qatgħa, laqgħa,*

*lagħqa*, *żargħa*, *qargħa*, *żebgħa*, *wegħda*, *regħba*, *redgħa*, *telgħa*, *tebgħa*, *belha*, *żergħa*, *mergħa*, *dehra*, *fehma*, *togħma*, *sogħla*, *sogħba*, *rogħda*, *roqgħa*, *sogħda*, *għoqda*, *għoqla*.

**Ismijiet ta' tliet konsonanti b'aċċent ħafif**

(3) Fuq il-għamla ta' *naħal*, *faħam*, *faħal*, *safar*, *tafal*, *seħer*, *ġebel*, *ħażen* nibnu u niktbu *xahar, xagħar, żahar, nagħal, bagħal, bagħar, għasar, sehem, deheb, għaġeb*.

(4) Fuq il-għamla ta' *rimi*, *kiri*, *mixi* mnisslin mill-verbi neqsin *rema(j), kera(j), mexa(j)* nibnu wkoll *għóli*, *għáma*, *ħála*, *qári*, *ħábi* kollha bil-vokali ta' aċċent maħtuf u mhux *għôli*, *għâma* kif mhux *ħâla*, *qâri*, *ħâbi*. Għalhekk ukoll il-femminil tan-nom *għòlja* u mhux *għôlja*, bħal *mixja*, *kirja* bil-vokali maħtufa. Għalhekk nagħrfu nagħżlu bejn l-aġġettivi *għôli*, *għôni*, *għâni* u n-nomi *għóli*, *għána*.

**Ismijiet ta' tliet konsonanti b'aċċent imkarkar**

(5) Fuq il-għamla ta' (i) *ħlas*, *fdal*, *qtar*, (ii) *ħsieb*, *ħmieġ*, *nxief*, *fsied*, (iii) *sħana*, *ndafa*, (iv) *ħniena*, *qbiela*, (v) *ġbîd*, *qtîl*, *żfîn*, (vi) *ħrûġ*, *nżûl*, *ftûħ*, (vii) *bruda*, *ksuħa*, *mluħa*, (viii) *ħasira*, *ħarifa*, (ix) *ħasil*, *qabil*, (x) *qadima*, *ħarufa*, (xi) *ħaruf*, *ħanut*, (xii) *qawmien*, *mawrien* għandna wkoll nibnu u niktbu (i) *ngħas*, *nwar*, *dlam*, *qgħad*, *żgħar*, (ii) *swied*, *fwied*, *xwiek*, (iii) *ħjata*, *fsada*, (iv) *xhieda*, *ħlieqa*, *ġlieda*, *ndiema*. [Fuq li għedna fit-T.ċ. (2) taħt il-Wieħed u Tletin Regola – l-Ewwel Taqsima – flok (iv) *għnieqa* u (v) *għtis*, *għfis*, *għżiq*, *għmil*, *għżil* u (vi) *għluq*, *għnuq*, *għruq* niktbu *għanieqa*, *agħtis* jew *għatis*, *agħfis* jew *għafis*, *agħdis* jew *għadis*, *agħżiq* jew *għażiq*, *egħmil* jew *għemil*, *agħżil* jew *għażil*, *egħluq* jew *għeluq*, *egħnuq* jew *għenuq*, *egħruq* jew *għeruq*.] Imbagħad (v) *nbiħ*, *qtigħ*, *ġmigħ*, *smigħ*, *rfigħ*, *qtigħ*, *rdigħ* (minn *nebaħ*, *qatagħ*, *ġamagħ*, eċċ.), (vi) *dmugħ*, *qlugħ*, *tlugħ*, (vii) *frugħa*, *bluha*, *għuda*, (viii) *għadira*, *għaġina*, (ix) *għaġin*, *għarix*, *għarib*, (x) *għabura*, *għarusa*, (xi) *għarus*, *għabur*, (xii) *dawrien*, *għajxien*.

**Ismijiet ta' erba' konsonanti b'aċċent sħiħ wara l-ewwel konsonanti**

(6) Fuq il-għamla ta' *qastan*, *ġewnaħ*, *ġewlaq*, *minġel* nibnu u niktbu *bajtar*, *sagħtar*.

**Ismijiet ta' erba' konsonanti ta' mingħajr aċċent wara l-ewwel konsonanti u bl-aċċent twil fl-aħħar taqsima**

(7) Fuq il-għamla ta' *qanfud*, *sarbut*, *karkur*, *fettul*, *faqqus*, *ġurdien*, *senduq*, *ġummiena*, *baħbuħ*, *żarġun*, *ħanżir* niktbu wkoll kliem ta' din il-għamla: *għasfur*, *għanqud*, *għasluġ*, *fergħun*, *għarqub*, *għarnuq*, *tengħud*, *bergħud*, *żagħżugħ*, *għarbiel*, *dagħbien* kif ukoll *għattuqa, fergħuna, tengħuda.*

31. L-ismijiet li jfissru l-lok u ż-żmien tal-għemil mill-verb, kif ukoll il-ħaġa (il-għodda)

li biha jsir għemil il-verb, jitnisslu mill-Imperattiv bħall-parteċipju passat. (Ara l-Għadd 27 – it-Tieni Taqsima).

Għalhekk minn *aqbad, orbot, orqod, onfoħ, aħżen, aħbeż, israħ* nagħmlu u niktbu *maqbad, marbat, marqad, minfaħ, maħżen, maħbeż, misraħ* u fuq dawn minn *oqgħod, ogħtob, agħlaq, agħżel, agħlef, agħsar, itla(għ), itfa(għ), agħġen* niktbu l-isem maskil *maqgħad, magħtab, magħlaq, magħżel, magħlef, magħsar, matlagħ, matfagħ, magħġen.*

**T.ċ.** (1) Il-konsonanti *m* li tinhemeż mal-vokali ta' bidu l-kelma fis-sura tal-Imperattiv tiġi li tbiddel il-leħen tal-vokali f'kull taqsima. Ara: *orbot*, *marbat*; *onfoħ*, *minfaħ*. Din il-vokali tkun tridha l-ewwel konsonanti tal-għerq li tmiss mal-vokali ta' bidu l-kelma.

Jekk il-konsonanti tkun waħda mill-ittri tal-gerżuma *q*, *għ* u *ħ*, il-vokali hi aktarx dejjem *a*. Eż. *oqgħod*, *ogħtob*, *agħlaq*, *aħbeż* = *maqgħad*, *magħtab*, *magħlaq*, *maħbeż*.

Jekk il-konsonanti tkun waħda mill-oħrajn, barra mill-ittra *r*, il-vokali hi aktarx *i* jew *u*. Ara: *itħan*, *idħol*, *inten*, *onfoħ*, li jagħmlu *mitħna*, *midħla*, *mintna*, *minfaħ* waqt li *orbot* jagħmel *marbat*. Terġa': *muqtal*, *munxar*, *munqar*, *musmar*.

(2) Minn *taħan*, *daħal*, *niten*, *xaba*(*għ*) nagħmlu *itħan*, *idħol*, *inten*, *ixba*(*għ*), imbagħad minn dawn, l-ismijiet femminili *mitħna*, *midħla*, *mintna*, *mixbgħa* (imħassra f'*miċbħa*). Hekk ukoll *mixtla*, *miżbla*, *merħla*, *magħġna*, *midra*, *miġra*, *mergħa* kollha bil-vokali wara l-konsonanti *m*.

Kliem ta' din il-għamla, bħal *midilka*, *midinba*, *miġimgħa*, għandhom it-tieni konsonanti ta' għerq il-kelma *l*, *n*, *m*, wara vokali fuq it-tiswir ta' *mibegħda* li ma tistax tinstema' u lanqas tinkiteb b'*mibgħda*. Hekk ukoll *maħanqa* u mhux *maħnqa*. (Ara t-Tlieta u Tletin Regola – l-Ewwel Taqsima).

Għalhekk ukoll niktbu *mixegħla* u mhux *mixgħela* jew *mixgħla*, kif ukoll *mgħarfa* (mill-verb Għarbi *għâref* = terfa' jew tiggotta l-ilma) imqassra mill-kelma *magħarfa* u mhux *magħrfa* fejn il-*likwida r* titħaxken bejn iż-żewġ konsonanti *għ* u *f*.

(3) Minn *ħarat*, *qadef*, *sebaħ*, *fetaħ* għandna *aħrat*, *aqdef*, *isbaħ*, *iftaħ* u minn dawn *moħriet*, *moqdief*, *musbieħ*, *muftieħ*, kollha bil-vokali twila fl-aħħar taqsima. Fuq dawn ikteb ukoll *mehrież* (minn *ehreż)* u mhux *mherież*. Hekk ukoll *munxâr*, *munqâr*, *mislûta*, *munħâr* (minn *onħor)* magħrufa biss fil-plural *mnieħer*.

(4) Verbi neqsin, bl-ewwel konsonanti dgħajfa, inisslu wkoll ismijiet ta' din ix-xorta fuq l-istess għamla: minn *iled*, *iżen* nagħmlu u niktbu *milied*, *miżien*.

(5) Verbi neqsin *(torox)* bħal *radd*, *qass* jagħtu l-maskil *mradd*, *mqass*. Hekk ukoll minn *ħalla*, *ħakk*, il-femminil *mħalla*, *mħakka* u fuqhom *mħadda*, *msella*. Fuqhom ukoll mill-verbi *radda(għ)* u *rewwaħ* niktbu *mreddgħa*, *mrewħa*, kif ukoll *mtarfa* jew *mtarrfa*, *mserka*, *mselħa*, *mterqa*.

## TISWIR FL-ISMIJIET U FL-AĠĠETTIVI

**Ismijiet jew Aġġettivi taċ-ċokon (jew diminuttivi)**

32. L-Ismijiet u l-Aġġettivi taċ-ċokon *(Diminuttivi)* jibdew b'żewġ konsonanti magħqudin mad-dittong *aj* jew *ej* warajhom f'taqsima ta' kelma. Jispiċċaw bil-vokali *a* jekk l-ismijiet jew l-aġġettivi huma ta' *ġens mara* u b'konsonanti jekk huma ta' *ġens raġel*.

Ara: *blajta*, *srejdek*, *tfajjel*, *tfajla*, *ġrejden*, *brajma*, *sbejjaħ*, *sbejħa*, *bnejqa*, *brajmla*, *mrejkba*, *ġbejna*, *snejdaq*, *ħrejfa*, *smajra*. Fuq dawn imisshom ukoll jissawru kliem li jibdew bil-*għ* imma skont ma wrejna taħt il-Wieħed u Tletin Regola, T.ċ. (2) – l-Ewwel Taqsima, niktbu wkoll tajjeb *egħnejqed* jew *għenejqed*, *egħrejbel* jew *għerejbel*, *agħsajfar* jew *għasajfar*, *agħdajra* jew *għadajra*, *agħdajma* jew *għadajma*.

**33.** Meta l-isem jew l-aġġettiv jibda b'konsonanti li warajha jkollha vokali twila, fid-diminuttiv tidħol il-konsonanti *w* flok il-vokali twila.

Ara: minn *dâr* nagħmlu *dwejra*; minn *tieqa*, *twejqa*; minn *sieq*, *swejqa*; minn *bieba*, *bwejba*; minn *xiħa*, *xwejħa*.

**T.ċ.** Meta *aj* jew *ej* ikollhom warajhom vokali, il-konsonanti *j* tiġi mtennija biex tingħaqad f'dittong ieħor f'taqsima oħra. Ara: minn *xiħ*, *xwejjaħ*; minn *fqir*, *fqajjar*; minn *dgħif*, *dgħajjef*; minn *rqiq*, *rqajjaq*; minn *żgħir*, *żgħajjar*. Imma mbagħad: *xwejħa*, *fqajra*, *dgħajfa*. (Ara l-Wieħed u Erbgħin Regola – l-Ewwel Taqsima). Din il-għamla ta' diminuttiv hija wkoll waħda mis-suriet tal-għadd *imkattar* jew *plural*. Ara: minn *dgħajsa*, *dgħajjes*; minn *xmara*, *xmajjar*; minn *froġa*, *frejjeġ*; minn *storja*, *stejjer*; minn *għadira*, *agħdajjar* jew *għadajjar*; minn *qalgħa*, *qlajja'*.

34. L-aġġettivi tat-taqbil (komparattivi) isiru biż-żieda ta' vokali bl-aċċent fil-bidu tal-kelma.
Ara: minn *qadim*, *ħafif*, *rħis*, *qawwi*, *żgħir*, *għaref*, *ħajr*, *għâli*, *ħelu*, *għâni*, *għâr*, *wiesa(għ)* nagħmlu u niktbu *eqdem*, *eħfef* jew *aħaff*, *orħos*, *aqwa*, *iżgħar*, *egħref*, *aħjar*, *ogħla*, *oħla*, *ogħna*, *agħar*, *usa(għ)*.

**Il-HE-TE jew TE marbuta**

**35.** Iż-żieda tal-ittra *a* f'tarf il-kelma mhi xejn ittra vokali weħidha, imma tiswa daqs konsonanti bil-vokali *a* qabilha jew toqgħod flok l-ittri *ah* (bl-*h* siekta) jew it-*t*. Għalhekk tissejjaħ *he-te* jew *t* marbuta.

L-ittra *a* tiġi għalhekk li titfisser *ah (= at)* fl-ismijiet u f'xi aġġettivi bħal fil-kelmiet: *Alla(h)*, *ġerħa(h)*, *werqa(h)*, *xewqa(h)*, *sabta(h)*, *kelma(h)*, *dabra(h)*, *ġewża(h)*,

*ġimgħa(h), fergħa(h), żergħa(h), siegħa(h)* fejn l-*h* tibqa' siekta bla ma tinħass u tinkiteb.

L-*ah* tinħass u tinkiteb *t*, meta:
(1) ma' tarf il-kelma jinhemeż il-pronom jew sillaba oħra. Għalhekk minn *kelma(h), mara(h), xewqa(h), siegħa(h)* nagħmlu *kelmtu (kelmt-u), martu (mart-u), xewqtu (xewqt-u), siegħtu (siegħt-u).* Imma minn *kamra, ġimgħa* nagħmlu u niktbu *kamarti, kamartek, kamartu; ġimegħti, ġimegħtek, ġimegħtu* u mhux *kamrti*, eċċ., *ġimgħti*, eċċ. (Ara t-Tlieta u Tletin Regola – l-Ewwel Taqsima).

(2) wara n-nom jiġi li tissemma' l-ħaġa li minnha jagħmel in-nom. Għalhekk flok *ix-xirka(h) tal-Qaddisin, il-kelma(h) tas-Sultan, il-mara(h) ta' Leli, il-lejla(h) tal-Milied, il-qasba(h) ta' sieqi,* jiġi li nsemmgħu u niktbu *xirket il-Qaddisin, kelmet is-Sultan, mart Leli, lejlet il-Milied, qasbet sieqi* kollha bit-*t* marbuta flok l-*ah*. Flok *xirkt, kelmt, qasbt* insemmgħu *xirket, kelmet, qasbet* bil-vokali tal-leħen (ewfonika) bejn l-aħħar żewġ konsonanti. Hekk ukoll minn *ġimgħa* nsemmgħu u niktbu *ġimgħetkom, ġimgħetna*, eċċ. u mhux *ġimgħtkom*, eċċ.

Hekk ukoll minn *xewqa(h)* nagħmlu *xewqitkom, xewqitna* fejn l-*h* siekta saret *t (xewqat)* u ż-żieda tas-sillaba *pronominali -kom* u *-na* li jibdew b'konsonanti ġibdu l-aċċent fuq il-vokali tal-aħħar taqsima. (Ara wkoll it-Tnejn u Tletin Regola – l-Ewwel Taqsima).

Fi ftit kliem nistgħu nfakkru u niġbru kull ma għedna taħt id-Disgħa u Għoxrin Regola u t-Tnejn u Tletin Regola tal-Ewwel Taqsima, illi:

(1) It-*te* marbuta ma tiħux vokali qabilha jekk magħha tiġi li tmiss vokali. Ara: minn *werqa(h)* niktbu *werqti, werqtu, werqtek.* Hekk ukoll minn *siegħa(h)* niktbu *siegħti, siegħtek, siegħtu,* imma minn *ġimgħa, sengħa* niktbu *ġimagħti, ġimagħtu, ġimagħtek; senegħti, senegħtu, senegħtek* u mhux *ġimgħti*, eċċ., *sengħti*, eċċ., billi skont it-Tlieta u Tletin Regola tal-Ewwel Taqsima, il-*għ* (likwida) trid vokali tal-leħen qabilha.

(2) It-*te* marbuta tieħu l-vokali qabilha jekk magħha tiġi li tmiss konsonanti. Ara: minn *werqa(h)* niktbu *werqìtna, werqìtkom,* eċċ. Hekk ukoll minn *ġimgħa(h)* niktbu *ġimgħètna, ġimgħètkom,* eċċ., u minn *siegħa(h): sigħàtna, sigħàtkom, sigħàthom, sigħàtha* jew *segħìtna, segħìtkom,* eċċ., minn *sengħa, sengħetna, sengħèthom,* eċċ. Nagħżlu għalhekk bejn il-kitba ta' *ġimagħti, senagħti* u dik ta' *ġimgħetna, sengħetna.*

Fil-kelmiet *frugħa, kruha, bluha,* it-*te* marbuta tieħu dejjem vokali qabilha sew jekk tmiss maż-żieda ta' vokali kemm ma' ta' konsonanti. Ara: *frugħiti, frugħatkom,* eċċ.; *kruhiti, kruhatkom, kruhathom; bluhiti, bluhithom,* eċċ.

**Is-suriet tal-Għadd fin-Nomi u fl-Aġġettivi**

Il-Għadd fin-nomi u fl-aġġettivi hu ta' tliet xorta:

(i) Għadd Farrad (*Singular*). Ara: *raġel*, *tifel*, *omm*.

(ii) Għadd Imkattar (*Plural*). Ara: *rġiel*, *tfal*, *ommijiet*.

(iii) Għadd Imtenni jew Imżewweġ. Ara: *idejn*, *riġlejn*, *ħabbtejn*.

Il-Għadd imkattar jista' jkun *sħiħ* jew *miksur*.

36. Il-Għadd imkattar *sħiħ* isir:

(1) Biż-żieda tas-sillaba *în*.

Ara: *barrani*, *mgħallem*, *kiesaħ*, *miexi*, *tajjeb* li jagħmlu *barranîn*, *mgħallmîn*, *kesħîn*, *mixjîn*, *tajbîn*.

**T.ċ.** Il-parteċipji jew aġġettivi mnisslin minn verbi nieqsa, bl-aħħar konsonanti dgħajfa *j* bħal minn *mexa(j), miexi;* minn *ħefa(j), ħâfi;* minn *għola(j), għôli;* minn *għena(j), għâni;* minn *beka(j), mbikki*; minn *saqqa(j), msoqqi;* minn *mela(j), mimli,* meta f'tarf il-kelma nżidulhom l-ittra vokali *a* tal-femminil, jekk huma parteċipji tal-preżent ibiddlu l-aħħar vokali *i* f'*j*, jekk huma parteċipji tal-passat ideffsu l-*j* bejn l-aħħar vokali *i* u ż-żieda tal-ittra *a*. (Ara wkoll it-Tiswir tal-Kelma, Għadd 5, T.ċ. (1) – it-Tieni Taqsima). Minn *miexi, ħâfi, għôli, għôni, mbikki, msoqqi, mimli* nagħmlu l-femminil *miexja, ħafja, għolja, għonja, mbikkija, msoqqija, mimlija.* Minn din is-sura mbagħad innisslu l-plural ta' kull waħda u nagħmlu *mixjin, ħafjin, għoljin, għonjin, mbikkijin, msoqqijin, mimlijin* billi, flok l-ittra tal-femminil *a*, inżidu s-sillaba *in* tal-għadd imkattar.

Għalhekk mill-femminil ta' *bieżla, iebsa, wieqfa, wiesgħa, fietla, ħelwa, qarsa, dejqa, ġejja, nejja, għaddejja, mixtrija, mrobbija* nagħmlu l-plural *beżlin, ebsin, weqfin, wesgħin, fetlin, ħelwin, qarsin, dejqin, ġejjin, nejjin, għaddejjin, mixtrijin, mrobbijin.*

(2) Biż-żieda tal-ittra *t* fin-nomi li jispiċċaw bl-ittra *a* tal-femminil.
Ara: *tuffieħa, tuffiħat*; *Alla, allat*; *ġimgħa, ġimgħat.*

**T.ċ.** L-ittra *a* aktarx tibqa' sħiħa fil-kliem li għandhom it-tielet konsonanti tal-għerq waħda mill-ittri tal-ġerżuma *q*, *għ* u *ħ*. Ara: *werqa*, *xebgħa*, *ġerħa*, *berqa*, *siegħa* li jagħmlu *werqât* (kif ukoll *werqiet*), *xebgħât*, *ġerħât*, *berqât* (kif ukoll *berqiet*), *sigħât*. Hekk ukoll minn *ġimgħa*, *demgħa*, *roqgħa* nagħmlu *ġimgħât*, *demgħât*, *roqgħât*. Fl-ismijiet ta' din il-għamla bħal *għaxra*, *ħarta*, *għaksa*, l-*a* tinbidel f'*ie* u għalhekk ngħidu u niktbu *għaxriet*, *ħartiet*, *għaksiet*, imma *qassata* = *qassatât*. (Ara wkoll is-Sitta u Għoxrin Regola, T.ċ. (2) – l-Ewwel Taqsima).

Toħroġ minn din ir-regola *sena* li tagħmel *snîn*, kif ukoll *sema* li flok *semât*, *semiet* tagħmel *smewwiet* (*smewwât*).

(3) Biż-żieda tal-ittri *ijiet* ta' żewġ sillabi.

Fi kliem bħalma huma *żmien*, *ħin*, *omm*, *missier*, *dnub*, *xogħol*, *kliem*, *ħsieb*, *għaġeb*, *ċirku*, *siġġu* li fil-plural jagħmlu *żminijiet*, *ħinijiet*, *ommijiet*, *missirijiet*, *dnubijiet*, *xogħlijiet*, *klimijiet*, *ħsibijiet*, *għeġubijiet* jew *egħġubijiet*, *ċirkijiet*, *siġġijiet*.

**T.ċ.** Għalkemm din iż-żieda ta' *ijiet* hija l-plural tal-ismijiet ta' ġens mara (*femminil*) li jispiċċaw bil-vokali *a*, jiħduha wkoll ħafna mill-ismijiet ta' ġens raġel (*maskil*) li jispiċċaw b'konsonanti li għalhekk jieħdu *ijiet* flok *iet*.

(4) Biż-żieda ta' *ien* jew *ân*.

Ara: *għar, għerien; ġar, ġirien; bieb, bibien; fies, fisien; far, firien; nar, nirien; wied, widien; tieġ, tiġien; gidi, gidien; qiegħ, qigħan, siegħ, sigħan; ħajt, ħitan.*

(5) Biż-żieda tal-ittri *jien*.

Bħal fil-kelmiet *ħási*, *għátu*, *sábi* fejn l-aħħar vokali ssir *j* u jinkitbu: *ħosjien*, *għotjien*, *sobjien*.

(6) Biż-żieda tal-vokali *a*.

Ara: *bajjâd, bajjada; daqqâq, daqqaqa; ħaddied, ħaddieda; kennies, kenniesa; mdorri(j), mdorrija.*

**T.ċ.** Dawn huma aktarx ismijiet li għall-għadd imkattar jieħdu ż-żieda ta' *în*. Eż. *ħaddedin*, *mdorrijin*. Għalkemm iż-żieda tal-vokali *a* għandha tifsir ta' ġens mara, fil-għadd imkattar tista' toqgħod ukoll sew għall-ġens raġel kemm għall-ġens mara. Eż. *rġiel qiegħda* flok *qegħdin*, *nisa ġellieda*, *nies mixtrija*.

37. Il-Għadd imkattar *miksur* isir mingħajr żieda ta' ittri konsonanti fil-kelma, imma biss (1) bit-tibdil tal-leħen u tal-ħoss tal-vokali, (2) u bit-taqlib fil-qagħda tal-konsonanti fl-istess kelma.

Ara: *ġnien, ġonna; tifel, tfal; qarn, qrun; moħħ, mħuħ.*

**T.ċ.** Meta ngħidu li l-għadd imkattar *miksur* isir mingħajr żieda ta' konsonanti, ma rridux ngħidu għal dawk il-konsonanti dgħajfa li fil-għadd *farrad* huma vokali twal jew mixrubin. (Ara taħt it-Tnejn u Erbgħin Regola – l-Ewwel Taqsima).

Joħorġu minn din ir-regola l-kelmiet: *salib*, *dabra*, *kamra* li fil-għadd imkattar jagħmlu *slaleb, dbabar, kmamar* biż-żieda ta' waħda mill-konsonanti tal-għerq.

Nistgħu ngħidu illi fit-tiswir tal-għadd imkattar miksur, il-biċċa l-kbira tal-kliem Malti għandu l-ewwel żewġ konsonanti ta' għerq il-kelma wara xulxin mingħajr vokali bejniethom.

Jitbiegħdu minn din is-sura:

(1) Kliem ta' żewġ sillabi bl-aċċent sħiħ u biż-żieda tal-vokali *a* f'tarf il-kelma. Ara: *baqra, baqar; bajda, bojod; belha, boloh; borka, borok.*

(2) Xi kliem li għandhom l-aċċent twil. Ara: *fqir, foqra* li jagħmel ukoll *fqar; marid, morda.*

(3) Oħrajn ta' żewġ sillabi bil-vokali maħtufa, li l-plural tagħhom jibda u jispiċċa b'vokali u jiġbor it-tliet konsonanti flimkien. Ara: *qamar, oqmra*; *qasam, oqsma*; *qabar, oqbra*; *saqaf, isqfa*.

**Suriet ta' għadd imkattar miksur, li fuqhom jinbnew kliem tal-istess għamla**

**Kliem ta' sillaba waħda**

(1) Sura: *qàlb* s., *qlûb* pl.; *sàwt* s., *swât* pl.; *bèlt* s., *bliet* pl. (plural bil-vokali twila).

Fuq din is-sura ibni u ikteb: *ħalq, ħluq*; *xaqq, xquq*; *denb, dnub*; *qarn, qrun*; *xatt, xtut*; *xemx, xmux*; *ħadd, ħdud*; *ċens, ċnus* u fuq dawn *għerq, għruq*; *għonq, għnuq*; *għant, għnut*. Fuq dawn ukoll: *bejt, bjut*; *ġens, ġnus*; *lipp, lpup*; *fils, flus*; *ħabb, ħbub*; *nejba, njieb*; *qamħ, qmuħ*; *dejl, djul*; *ġild, ġlud*; *tajn, tjun*; *dejn, djun*; *moxt, mxat*; *mewt, mwiet*; *ħawt, ħwat*; *newl, nwiel*; *modd, mdied*.

(2) Sura: *bûr* s., *bwar* pl.; *kbîr* s., *kbâr* pl.; *bnîn* s., *bnien* pl. (plural bil-vokali twila).

Fuq din is-sura ibni u ikteb: *sur, swar*; *dar, djar*; *mus, mwies*; *għar, għawar*; *bir, bjar*; *but, bwiet*; *żir, żjar*; *twil, twal*; *żgħir, żgħar*; *xiħ, xjuħ*; *riħ, rjieħ*; *ruħ, rwieħ*; *wild, wlied* jew *ulied*; *għud, għwied*; *jum, jiem*; *smin, smien*.

**Kliem ta' żewġ sillabi**

(3) Sura: *fàrka* s., *frâk* pl.; *ġìlda* s., *ġlûd* pl.; *sìnna* s., *snien* pl. (plural bil-vokali twila).

Fuq din is-sura ibni u ikteb: *darsa, dras*; *demgħa, dmugħ*; *qalgħa, qlugħ*; *xiehed, xhud*; *qoxra, qxur*; *għaxra, għxur*; *komma, kmiem*; *qolla, qliel*; *ħabba, ħbub*; *nejba, njieb*;

*newba*, *nwieb*.

(4) Sura: *màrsa* s., *mrâsi* pl.; *tèrħa* s., *trieħi* pl. (plural bil-vokali twila).

Fuq din is-sura ibni u ikteb: *darba*, *drabi*; *felli*, *flieli*; *kilwa*, *kliewi*; *qorti*, *qrati*; *sala*, *swali*; *qatgħa*, *qtiegħi*; *ħotba*, *ħtiebi*; *roqgħa*, *rqiegħi* (jew *roqgħat, rqajja'); xitwa*, *xtiewi*; *wegħda*, *wgħiedi*; *għatba*, *għtiebi*; *ħarqa*, *ħrieqi*; *għabra*, *għbieri*; *ġimgħa*, *ġmiegħi*; *fergħa*, *friegħi*.

(5) Sura: *maríd* s., *mòrda* pl. (plural bil-vokali maħtufa).

Fuq din is-sura ibni u ikteb: *tabib*, *tobba*; *għamja, għomja*; *għâni*, *għonja*.

(6) Sura: *séqer* s., *isqra* pl.

Fuq din is-sura ibni u ikteb: *satal*, *istla*; *ġemel*, *iġmla*; *ġebel*, *iġbla*; *faħal*, *ifħla*; *saqaf*, *isqfa*; *qabar*, *oqbra*, *kefen*, *ikfna*; *qasam*, *oqsma*; *qafas*, *oqfsa* (u mhux *osqfa*).

(7) Sura: *ráħal* s., *rħûla* pl. (plural bil-vokali twila).

Fuq din is-sura ibni u ikteb: *ħabel, ħbula*; *bagħal*, *bgħula*; *qamar*, *qmura*; *qabar*, *qbura*; *nagħal*, *ngħula*; *faħal*, *fħula*.

(8) Sura: *bieqja* s., *bwieqi* pl. (plural bil-vokali twila).

Fuq din is-sura ibni u ikteb: *ġiebja*, *ġwiebi*; *sieqja*, *swieqi*; *nieqa*, *nwieqi*; *qiegħa*, *qwiegħi* (jew *qigħat); sienja*, *swieni*; *dielja*, *dwieli*.

(9) Sura: *kàppa* s., *kápep* pl. (plural bil-vokali maħtufa).

Fuq din is-sura ibni u ikteb: *balla*, *balal*; *ġarra*, *ġarar*; *sorra*, *sarar*; *labra*, *labar*; *bokka*, *bokok*; *borma*, *borom*; *borka*, *borok*; *dorga*, *dorog*; *ħolqa*, *ħoloq*; *kerha*, *koroh*; *għodda*, *għodod*; *fidda*, *fided*; *bajda*, *bojod*; *sewda*, *suwed*; *ħamra*, *ħomor*; *ħotba*, *ħotob*; *ħarxa*, *ħorox*; *għassa*, *għases*; *għalla*, *għalel*; *għarma*, *għarem*; *samra*, *somor*; *sodda*, *sodod*; *żoqma*, *żoqom*.

(10) Sura: *ftîra* s., *ftàjjar* pl.; *qàtgħa* s., *qtajja(għ)* pl. (plural bil-vokali maħtufa).

Fuq din is-sura ibni u ikteb: *żjara, żjajjar; sengħa*, *snajja(għ); tebgħa*, *tbajja(għ); qalgħa*,

*qlajja(għ); xmara, xmajjar.*

Fuq din is-sura ibni u ikteb ukoll: *bniqa*, *bnejjaq*; *ħliqa*, *ħlejjaq*; *diqa*, *dwejjaq*; *btala*, *btajjel*; *nħasa*, *nħajjes*; *ġbara*, *ġbajjar*. Fuq dawn niktbu wkoll il-plurali: *għrajjes, għdajjar, dgħajjes, mrajjes, ktajjen, għlejjel, xkejjer, għrejjex, għbejjer, bhejjem, ħxejjex, ġwejjef, ħġejjeġ, slejjef.*

(11) Sura: *ġéru* s., *ġriewi* pl. (plural bil-vokali twila).

Fuq din is-sura ibni u ikteb: *felu*, *fliewi*; *delu*, *dliewi*.

(12) Sura: *mħàlla* s., *mħalel* pl. (plural bil-vokali maħtufa).

Fuq din is-sura ibni u ikteb: *mħadda*, *mħaded*; *mkebba*, *mkebeb*; *msella*, *mselel*.

(13) Sura: *brâmel* pl., *gniedes* pl. (plural bil-vokali twila).

Fuq il-plural ta' *mrâbat*, ibni u ikteb ukoll: *srabat*, *xfafar*, *swaba(għ)*, *mqadef*, *għsafar, żgħażagħ, dgħaben, mgħażaq, mgħaref, mgħalef, twaġen, mradagħ* (singular *mreddgħa).*

Fuq il-plural ta' *ġwienaħ*, *żrieragħ* (singular *żerriegħa*), *żrieraq*, *qwiebel*, *ċwielaħ* niktbu wkoll: *wrieżaq* (singular *werżieq*), *għwietaq, għriebel, għnieqed, għsieleġ.* Kif ukoll: *briegħed, dwiemes, friegħen, kwiekeb, twiebet, żwiemel, mwielaq.*

(14) Sura: *għâni* s., *għôni* pl.

Fuq din is-sura ibni u ikteb: *târi*, *tori*; *agħma*, *għomi*; *għieri*, *għori*.

38. Il-Għadd *imżewweġ* jew *imtenni* jsir biż-żieda ta' *ajn* jew *ejn* f'tarf il-kelma ta' għadd farrad li jispiċċa b'konsonanti.

Ara: minn *riġel*, *id*, *abt*, *għajn*, *difer* nagħmlu *riġlejn*, *idejn*, *abtejn* jew *abtajn*, *għajnejn*, *difrejn*. Hekk ukoll minn *xedaq*, *wirk* nagħmlu *xedqajn*, *wirkejn*. Fuq dawn *dirgħajn*, *ġwinħajn*, *ħwiġbejn*, *elfejn*, *qantarejn*, *rbgħajjen* jew *rbigħejn*, *sigħajn*, *ħaddejn*, *mnikbejn*, *mnifsejn*.

Jekk il-kelma tal-għadd farrad tispiċċa bil-vokali *a* tal-femminil, l-*a* taqa' u tidħol flokha l-ittra *t*. (Ara Għadd 35 – it-Tieni Taqsima). Eż. *qasba*, *qasbtejn*; *qamħa*, *qamħtejn*; *biċċa*, *biċċtejn*; *uqija*, *uqitejn*; *siegħa*, *sagħtejn*. Jekk l-aħħar konsonanti tal-kelma tkun

waħda mil-likwidi *l*, *m*, *n*, *r*, *għ* tidħol qabilha vokali tal-leħen. (Ara t-Tlieta u Tletin Regola – l-Ewwel Taqsima). Eż. *għaxra*, *wiżna*, *ħofra*, *basla* li jagħmlu *għaxartejn*, *wiżintejn*, *ħofortejn*, *basiltejn*. Hekk ukoll *ġimgħa*, *ġimagħtejn*; *demgħa*, *demagħtejn*; *fergħa, feragħtejn.*

Joħorġu minn din ir-regola l-kelma *tomna* u *widna* li jagħmlu *tomnejn*, *widnejn*. Terġa': *kejla*, *bajda* li jagħmlu aktarx *keltejn*, *badtejn* jew *badtajn* flok *kejltejn*, *bajdtejn*, bl-ewwel *j* mixruba. Hekk ukoll minn *qatta* għandna *qattejn* flok *qatttejn*, b'waħda mit-*t* mixruba. (Ara Għadd 46 – it-Tieni Taqsima), imma minn *wejba* nsemmgħu u niktbu *wejbtejn*. Hekk ukoll minn *daqqa*, *qoffa*, *xoffa*, *ħabba*, insemmgħu u niktbu: *daqqtejn*, *qofftejn*, *xofftejn*, *ħabbtejn*, għalkemm jiġi li nsemmgħu u għalhekk nistgħu niktbu wkoll, *daqtejn, qoftejn, xoftejn, ħabtejn,* kif ukoll *rkobtejn*.

L-ARTIKLU

L-*Artiklu* fil-Malti huwa dik il-kelma mqiegħda quddiem l-isem biex tgħarrfu, tagħżlu u turih. Ara: *Il-bniedem, li għedtlek, ġej*, fejn l-artiklu (*i*)*l*- jgħarraf, jagħżel u juri l-bniedem li fuqu jitkellem il-verb.

39. L-Artiklu fil-Malti huwa l-ittra *l*- li quddiem konsonanti tinħass u tinkiteb *il*-.

Ara: *l-ikrah*, *l-isbaħ*, *il-bniedem*, *il-baħar*, *il-għul*, *il-hena*, *l-agħma*, *l-egħruq,* *il-knisja*, *l-uċuħ*.

**T.ċ.** Il-konsonanti *għ* u *h*, meta ma jinħassux fil-leħen tagħhom tal-gerżuma, jieħdu qabilhom l-artiklu *l*- flok *il*-. Jiġi li jagħżlu l-waħda u l-oħra mis-suriet tal-artiklu. Għalhekk niktbu: *il-hena* jew *l-hena*, *il-għajn* jew *l-għajn*, *il-għata* jew *l-għata*; imma aktarx *il-għonq*, *il-għerq*, eċċ.

L-artiklu *l*- imur quddiem ismijiet sew ta' ġens raġel kemm ta' ġens mara, sew quddiem dawk ta' għadd farrad kemm ta' għadd imkattar. Għalhekk l-artiklu fil-Malti m'għandux ħlief sura waħda ta' *l* li għal-leħen jiġi li jieħu l-vokali *i* qablu, iżda qatt ma jieħu vokali warajh. Minn dan kollu niġbdu illi meta l-artiklu *l*- jinkiteb quddiem kelma li tibda b'vokali, appostrofu ma jindaħalx. Is-sinjal tal-appostrofu jiswa biss biex juri li hemm vokali nieqsa, bħal fit-Taljan *l'aria* flok *la aria*, *l'uomo* flok *lo uomo*. Fl-artiklu Malti ma hemmx ittri x'jonqsu. Ħażin jagħmel għalhekk min minflok *l-omm*, *l-uċuħ*, *l-oqsma* jikteb *l'omm*, *l'uċuħ*, *l'oqsma*.

40. L-Artiklu fil-Malti nistgħu ngħodduh bħala biċċa mill-kelma ta' warajh u għalhekk jingħaqad magħha b'ħażż ta' linja żgħira (-).

**T.ċ.** Fil-Għarbi jinkiteb kelma waħda man-nom. Flok *el* kien għall-ewwel *l* weħidha u għalhekk imsejjaħ *lam it-tagħrif* (De Sacy).

Għalhekk sewwa niktbu: *l-omm*, *l-urieżaq*, *l-erbgħa*, *l-egħrejjex*, *il-għabura*, *il-qattus*, *il-musmar*, *il-missier*. Sewwa wkoll niktbu: *fil-knisja*, *bil-knisja*, *sal-knisja*, *tal-knisja*, *mal-knisja*, *lill-knisja*, *għall-knisja*, *bħall-knisja* bl-artiklu *l-* (kelma waħda mal-prepożizzjoni ta' qablu) marbut b'ħażż ta' linja żgħira (-) mal-kelma li tista' tkun sew *nom* kemm *aġġettiv*.

41. Meta l-Artiklu *l-* jew *il-* jingħaqad ma' kelma li tibda b'waħda minn dawn il-konsonanti *ċ*, *d*, *n*, *r*, *s*, *x*, *t*, *ż*, *z*, l-ittra *l* tinħass u tinkiteb bħalhom.

Għalhekk niktbu: *iċ-ċirċ*, *in-nar*, *ir-ras*, *is-sitta*, *it-triq*, *iż-żejt*, *iz-zokk*, flok *il-ċirċ*, *il-nar*, *il-ras*, *il-sitta*, *il-triq*, *il-żejt*, *il-zokk.*

42. L-Artiklu *l-* jinkiteb *l-* u mhux *il-* quddiem kelma li tibda b'konsonanti, meta qablu għandu kelma li tispiċċa b'vokali. (Ara wkoll is-Sitt Regola, T.ċ.– l-Ewwel Taqsima).

Għalhekk niktbu: *wara l-bjut* u mhux *wara il-bjut*, u għalhekk ukoll niktbu *morna s-suq*, *rajna d-dawl* flok *morna is-suq*, *rajna id-dawl* fejn *is-suq*, *id-dawl* qegħdin flok *morna l-suq*, *rajna l-dawl*. (Ara Għadd 41). Hekk ukoll jiġi li nsemmgħu u niktbu: *il-qattus u l-ġurdien*, *il-fergħa u z-zokk.*

43. Meta l-Artiklu *l-* jaħbat bejn żewġ konsonanti jinħass u jinkiteb *il-*.

Il-vokali *i* ta' qabel l-ittra *l* mhi xejn biċċa mill-artiklu, imma vokali li jridha l-leħen. Ara: *kliem il-qassis*, *bejn il-ħitan*. Għalhekk ukoll għandna niktbu: *għaqal it-tfal*, *fost in-nies*, *fuq it-taraġ*.

**T.ċ.** Il-Malti (bħall-Għarbi) meta jrid jgħarraf jew juri l-*ħaġa ta' min hi*, isemmi l-isem ta' *dak* jew *dik* (bniedem, bniedma, jew ħaġa li tkun) wara li l-ħaġa li tmiss lil *dak* jew lil *dik* li tkun u quddiemu jew quddiemha flok il-partiċella *tal-*, jqiegħed l-artiklu *l-* jew *il-*. Ara: *bin il-ħaddiem* flok *l-iben tal-ħaddiem*, *sultan in-nemel* flok *is-sultan tan-nemel*, *dnubiet il-għaref* flok *id-dnubiet tal-għaref.*

44. Meta l-kelma tibda b'żewġ konsonanti wara xulxin, l-artiklu ta' quddiemha huwa (1) *il-*, (2) *l-* jew *il-* meta l-ewwel konsonanti hija waħda mill-ittri *ċ*, *d*, *m*, *n*, *r*, *s*, *x*, *t*, *ż*, *z*, *ġ* (bil-leħen ta' *ċ*).

(1) Eż. *il-ħmir*, *il-bdot*, *il-frott*, *il-qlub*, eċċ.

(2) L-artiklu, miktub *l*, jeħtieġ il-vokali tal-leħen mehmuża ma' bidu l-kelma. Ara: *l-*

*imraden, l-infafet, l-ispraġ, l-Imdina, taħt l-iċpar, qalb l-iġfien, dawk l-idbabar, dawk l-irdieden, dawn l-irjus*; hekk ukoll nistgħu ngħidu u niktbu: *taħt iċ-ċpar, qalb iġ-ġfien, dawk id-dbabar, dawk ir-rdieden, dawn ir-rjus* fejn l-*l* tinħass u tinkiteb bħall-ewwel konsonanti tal-kelma. (Ara Għadd 41).

TIXBIH U TAGĦQID TA' KONSONANTI

Xi konsonanti (imsejħin *tas-snien = dentali*) jingħaqdu fil-leħen ta' oħrajn li jixbhuhom u jmissu magħhom u għalhekk jinħassu u jiġi li jinkitbu bħalhom. Dan it-tixbih u tagħqid ta' konsonanti jsir:

(1) Fil-bidu tal-kelma,
(2) F'nofs il-kelma, u
(3) F'tarf il-kelma.

45. Ittra konsonanti sew fil-bidu, sew fin-nofs, kemm fit-tarf tal-kelma, meta tinħass bħal dik li tmiss magħha, tista' titfisser u tinkiteb bħalha kemm-il darba ma tkunx waħda mill-konsonanti ta' għerq il-kelma. (Ara wkoll ir-Raba' Regola – l-Ewwel Taqsima).

Ara: *ir-raġel, id-dawl, immur, irrid, illumek, issib, issum, ixxoqq, iżżur* li jinkitbu flok *il-raġel, il-dawl, (i)nmur, (i)nrid, (i)nlumek, (i)tsib, (i)tsum, (i)txoqq, (i)tżur* fejn il-konsonanti ta' għerq il-kelmiet *r, d, m, r, l, s, x, ż* baqgħu bla mittiefsa.

Joħorġu minn din ir-regola l-konsonanti ta' għerq il-kelma *l, m, n, r* (likwidi) meta jiltaqgħu ma' xulxin fejn ta' qabel (ta' għerq il-kelma) tieħu l-leħen tal-konsonanti ta' warajha (mhux ta' għerq il-kelma) u tista' għalhekk tinkiteb bħalha. Ara: *kellna* (jew *kenna*) flok *kenlna*; *mill-* flok *minn l-*.

**T.ċ.** Fil-kelma *għanna* flok *għandna*, bejn iż-żewġ *n*, nistgħu nfissru n-nuqqas tal-ittra *d* bil-ħażż ta' apostrofu u niktbu *għan'na*.

Ħażin min jikteb: *ħatt* flok *ħadt, (ma) ħaxx* flok *(ma) ħassx, taħħa* flok *tagħha, refaħħom* flok *refagħhom, (ma) rieċ* flok *(ma) riedx, għaċċ* flok *għatx, (ma) għâċ* flok (*ma*) *għadx, għazza* flok *għadsa* u *għatsa, mqazza* flok *mqaddsa, Għawċi* flok *Għawdxi, fiċċu* flok *fittxu*.

Il-kelma *ruħħa*, għalkemm jekk tinkiteb *ruħħa*, l-ewwel *ħ* ta' għerq il-kelma *ruħ* tibqa' bla mittiefsa, hu tajjeb li għar-reqqa tal-grammatika tinkiteb *ruħha* biex il-leħen ta' *h*, tal-pronom *ha*, jingħażel mil-leħen ta' *ħ* konsonanti ta' għerq il-kelma.

**Tagħqid u twaħħid ta’ konsonanti mtennija**

46. Meta fil-kelma żewġ konsonanti ta’ sura u leħen wieħed jaħbtu ma’ oħra bħalhom, il-għaqda tat-tliet konsonanti bħal xulxin titfisser bi tnejn.

Għalhekk minn *qadded* nagħmlu u niktbu *qaddu*; minn *dellel*, *mdellel*, imbagħad *mdellin*; minn *raqqaq*, *raqqu*; minn *saddad*, *msaddad* imbagħad *msaddin*; minn *ħaffef, ħaffu*, *ħaffet*; minn *kebbeb*, *mkebbin*; minn *kennen*, *mkennin*; minn *qażżeż*, *qażżu*.

**T.ċ.** Dan il-leħen jitfisser bil-għaqda u t-twaħħid ta’ żewġ konsonanti l-għaliex tliet konsonanti ta’ sura u leħen wieħed mingħajr vokali bejniethom ma jistgħux jinħassu. Nistgħu għalhekk minflok ma ngħaqqduhom f’sura ta’ żewġ konsonanti, infissruhom fi tlieta bil-ħażż tal-appostrofu wara l-ewwel tnejn u hekk niktbu: *qadd’du*, *mdell’lin*, *raqq’qu*, *msadd’din*, *ħaff’fu*, *mkebb’bin*, *mkenn’nin*, *qażż’żu* fejn l-appostrofu juri n-nuqqas tal-vokali maħtufa u nofsha siekta (*xewa’* tal-Lhudi) ta’ bejn l-ewwel u t-tieni sillaba, ngħidu aħna flok *qaddĕdu, mdellĕlin, raqqăqu, msaddĕdin*, eċċ., li skont il-Ħmistax-il Regola tal-Ewwel Taqsima fi kliem Malti ma jistgħux jinħassu u jinkitbu.

47. Meta fil-kelma żewġ konsonanti tal-istess sura u leħen jaħbtu wara waħda mill-konsonanti *likwidi l*, *m*, *n*, *r* il-għaqda ta’ dawn iż-żewġ konsonanti titfisser b’waħda.

Għalhekk minn *gerbeb*, *qanċeċ*, *partat*, nagħmlu u niktbu *gerbu*, *qanċu*, *partu* flok *gerbbu*, *qanċċu*, *parttu*. Hekk ukoll *mgerbin*, *mqanċin*, *mpartin* flok *mgerbbin*, *mqanċċin*, *mparttin*, eċċ.

**T.ċ.** Bħalma fissirna qabel, nistgħu wkoll niktbu *gerb’bu*, *qanċ’ċu*, *part’tu*.

## IL-VOKALI TAL-LEĦEN

48. Il-vokali tal-leħen (ewfonika) hi ittra li tidħol fil-kelma mhux biex tieħu sehem fis-sura u tifsir tal-kelma, imma biex tirfed u ssaħħaħ leħen xi konsonanti li mat-tibdil ta’ suret il-kelma tkun sejra titħaxken bejn żewġ konsonanti oħra u hekk titlef leħinha. Din il-vokali toqgħod qabel u mhux wara l-konsonanti.

Il-konsonanti li jitolbu din il-vokali bħala riffieda huma: (1) l-ittri *l*, *m*, *n*, *r*, u *għ* meta jkunu sejrin jitħaxknu bejn żewġ konsonanti, sewwa bħala l-ewwel ittra tal-kelma, kemm ukoll bħala waħda ta’ nofs il-kelma. (Ara t-Tlieta u Tletin Regola – l-Ewwel Taqsima). (2) Kull konsonanti mtennija ta’ bidu l-kelma meta l-aħħar ittra tal-kelma ta’ qabel tkun konsonanti.

Għalhekk naraw illi l-vokali tal-leħen tidħol:

**Fil-bidu tal-kelma.** Ara: *ftit imsiemer* flok *ftit msiemer*; *qbadt l-ilsiera* flok *qbadt l-lsiera*; *ridt iddur* flok *ridt ddur*; *biex issum* flok *biex ssum*; *tlugħ ix-xemx* flok *tlugħ x-xemx*; *gozz irmied* flok *gozz rmied*; *mort inġib* flok *mort nġib*; *għaxart itfal* flok *għaxart tfal*.

Dan ir-riffied jidħol qabel il-konsonanti li titolbu. Għalhekk ukoll: *ftit agħsafar* flok *ftit għsafar*; *sitt egħriebel* flok *sitt għriebel*; *kif agħmilt* flok *għamilt*; għalkemm bħalma wrejna taħt il-Wieħed u Tletin Regola, T.ċ. (2) – l-Ewwel Taqsima, nistgħu niktbu *ftit għasafar, sitt għeriebel, kif għamilt.*

**T.ċ.** Naraw li l-vokali tal-leħen ma tidħolx meta ngħidu *ħalli nġib, ħafna wċuħ, tifla ltima, ħadha d-dar, meta ssib, malli x-xemx, malli ddur* u oħrajn hekk, fejn l-aħħar ittra tal-kelma ta' qabel hi vokali. (Ara t-Tnax-il Regola, T.ċ. (4) – l-Ewwel Taqsima).

**F'nofs il-kelma.** Ara: minn *qaleb* nagħmlu *aqàlbu, naqàlbu, jaqàlbu* flok *aqlbu, naqlbu, jaqlbu*. Minn *selaħ* = *isòlħu, nisòlħu, jisòlħu*. Minn *ħaraq* = *aħàrqu, naħàrqu, jaħàrqu*. Minn *ħanaq* = *aħànqu*. Minn *sama(għ)* = *isìmgħu*, kollha bil-vokali tal-leħen qabel it-tieni konsonanti ta' għerq il-kelma li hija waħda mill-ittri *l, r, n, m* (likwidi). Hekk ukoll fejn tidħol il-konsonanti *għ* bħal waħda mit-tieni konsonanti ta' għerq il-kelma. Għalhekk minn *qagħad, xegħel, bagħat, magħad* nagħmlu u niktbu *noqògħdu, nixègħlu, nibàgħtu, nomògħdu*, bil-vokali qabel il-*għ* u mhux *noqgħdu, nixgħlu, nibgħtu, nomgħdu.*

Hekk ukoll mill-verbi ta' erba' konsonanti *ħabrek, meslaħ, ħaxlef, beżlaq, kabras, maħmaħ* nagħmlu u niktbu *nħabirku, nmesilħu, nħaxilfu, nbeżilqu, nkabarsu, nmaħamħu*, bil-vokali tal-leħen qabel waħda mill-ittri (likwidi) *r, l, m.*

Hekk ukoll insemmgħu u niktbu: *jaqalgħelna, jisirqilkom, jiżirgħelhom, jibilgħelkom* u mhux *jaqlgħelna* jew *jaqalegħlna*, eċċ. bil-vokali qabel kull waħda mill-konsonanti likwidi li f'tiswir il-kelma taħbat sejra titħaxken bejn il-konsonanti l-oħrajn jew li jmissu magħha.

Hekk ukoll bħalma rajna, insemmgħu u niktbu: *mixegħla* flok *mixgħla*, *midilka* flok *midlka, mibegħda* flok *mibgħda, maħanqa* flok *maħnqa, mgħarfa* (*magħarfa*) flok *magħrfa*.

KELMIET IL-GĦADD

Il-Kelmiet tal-Għadd, fil-Malti, jissejħu u jinkitbu:
*Wieħed, tnejn, tlieta, erbgħa, ħamsa, sitta, sebgħa, tmienja, disgħa, għaxra, ħdax, tnax, tlettax, erbatax* (flok *erbagħtax), ħmistax, sittax, sbatax* (flok *sbagħtax), tmintax, dsatax*

(flok *dsagħtax), għoxrin, tletin, erbgħin, ħamsin, sittin, sebgħin, tmenin, disgħin, mija, elf.*

49. Isem il-Għadd Malti, minn *tlieta* sa *għaxra*, jispiċċa bil-vokali *a* tal-femminil u għalhekk bħan-nom jiġi li jibdel l-ittra *a* ta' tarf il-kelma fil-konsonanti *t* meta din taħbat quddiem vokali tal-leħen jew vokali b'żewġ konsonanti warajha. (Ara Għadd 35 – it-Tieni Taqsima).

Għalhekk insemmgħu u niktbu: *tlitt itfal*, *ħamest ibniet*, *sitt irġiel* (flok *sittt irġiel), tmint ibwieb*.

Hekk ukoll minn *erbgħa*, *sebgħa*, *disgħa*, nagħmlu *erbât*, *sebât*, *disât* flok *erbgħt* jew *erbagħt*, *sebgħt* jew *sebagħt*, *disgħt* jew *disagħt*. Il-vokali tal-leħen tidħol qabel il-konsonanti likwida *għ*; il-*għ* tgħib kif f'ħafna kelmiet oħra li jingħaqdu ma' żieda ta' ittra konsonanti f'tarf il-kelma. (Ara: *ma tistâx* flok *ma tistagħx*, eċċ.), u għalhekk ngħidu u niktbu: *erbât oqsma*, *sebât isqra*, *disât iġmla*, *erbât ijiem*.

**T.ċ.** (1) Il-kelma *wieħed* (minn *wâħed*), għalkemm tista' tispiċċa bl-*a* tal-femminil (ara *waħda*), qabel in-nom ma tieħu qatt it-*te* marbuta. Ara: *waħda omm*, *waħda għarfa*, *waħda armla*.

(2) Il-kelma *waħda*, qabel in-nom, ma għandha l-ebda tifsir ta' għadd, imma ta' pronom, bil-plural *waħdiet*, *wħûd*.

(3) Il-kelma *wieħed* fit-tifsir ta' għadd hija aġġettiv, waqt li kull għadd ieħor huwa nom. *Wieħed* bil-femminil *waħda*, bħala aġġettiv, jimxu wara n-nom u miegħu jaqblu fil-ġens. Ara: *raġel wieħed*, *mara waħda*.

(4) Il-kelma *żewġ* tidħol flok *tnejn* meta rridu nfissru l-għadd ta' ħaġa li nsemmuha. Għalhekk fuq il-għamla ta' *tlitt*, *ħamest*, eċċ., ngħidu wkoll *żewġt iħbieb*, *żewġt irġiel*.

50. Kliem il-Għadd minn *tnejn* sa *għaxra*, qabel nom, ibiddel is-sura tiegħu. Il-vokali *a* ta' tarf il-kelmiet, minn *tlieta* sa *għaxra*, quddiem in-nom li jibda b'konsonanti waħda, tintilef u flokha ma tidħol qatt it-*te marbuta*.

Għalhekk niktbu: *żewġ kotba, tliet kotba* (u mhux *tlitt kotba), erba' kotba* (flok *erbgħ kotba), ħames kotba* (flok *ħams kotba), sitt kotba*, *seba' kotba* (flok *sebgħ kotba), tmien kotba*, *disa' kotba* (flok *disgħ kotba), għaxar kotba* (flok *għaxr kotba); ħames ġimgħat, seba' ġimgħat*; *ħames ħabbiet, disa' ħabbiet*.

Fil-kliem: *erba'*, *seba'*, *disa'*, in-nuqqas ta' konsonanti *għ* f'tarf il-kelma jiġi mfisser bl-appostrofu. (Ara Għeliem fil-Kitba Maltija – l-Ewwel Taqsima). Il-vokali tal-leħen tidħol

fil-kliem *erba(għ), ħames, seba(għ), disa(għ)* u *għaxar*. (Qabbel *erbgħ, ħams, sebgħ* quddiem nom fil-Għarbi).

51. Kelmiet il-Għadd minn *wieħed* sa *għaxra*, meta jaħbtu wara verb, nom, pronom jew kelma oħra, jieħdu s-sura ewlenija ta' isem il-għadd.

Ara: *huma l-għaxra*; *saru s-sitta*; *kien wieħed*; *kienu tnejn, tlieta, tmienja*. Hekk ukoll *saru l-erbgħa*; *kienu s-sebgħa*; *ġew id-disgħa* u mhux *saru l-erba'*; *kienu s-seba'*; *ġew id-disa'*; *mill-erbgħa sad-disgħa*.

52. Kelmiet il-Għadd mill-*ewwel għadd* sal-*għaxar għadd* (1-10) bl-artiklu quddiemhom, meta jiġu qabel jew wara verb, nom, pronom jew prepożizzjoni biex ifissru l-ħaġa wara kemm taħbat jew titqassam, ibiddlu wkoll il-għamla tagħhom.

Ara: *l-ewwel hu*; *kien minn tal-ewwel*; *it-tieni ktieb*; *ġie t-tielet, il-ħames, is-sitt, it-tmien wieħed*. Hekk ukoll *ir-raba*', *is-seba*', *id-disa*', *l-għaxar* u mhux *ir-rabgħa, is-sebgħa, id-disgħa*.

**T.ċ.** Minn dawn ir-regoli għandna nagħrfu nagħżlu bejn il-kitba ta' *erbgħa*, *erba'* u *raba'*. Fejn kieku tikteb *ħamsa* u *għaxra*, ikteb *erbgħa, sebgħa, disgħa*.

Ara: *ġejna l-ħamsa, l-għaxra, l-erbgħa, is-sebgħa, id-disgħa*; *konna ħamsa, għaxra, erbgħa, sebgħa, disgħa min-nies*; *saru l-ħamsa, l-erbgħa*, eċċ.

Fejn kieku tikteb *ħames, għaxar* ikteb *erba', seba', disa'*.

Fejn kieku tikteb *il-ħames*, *il-għaxar* ikteb *ir-raba', is-seba', id-disa'*.

Ara: *xtrajt ħames, għaxar, erba', seba', disa' kotba*; *ġie l-ħames, l-għaxar, ir-raba', is-seba', id-disa' wieħed fost sħabu*.

Hekk ukoll fejn kieku tikteb *ħamest, għaxart,* qis li tikteb: *erbât, sebât, disât*. Ara: *għaxart ibħra, erbât ijiem, sebât iġfien, disât irjus*.

Bħalma nsemmgħu u niktbu *ħames allat* flok *ħamest allat, ħames antaċċoli, għaxar atturi,* nistgħu wkoll niktbu *erba' allat, seba' antaċċoli, disa' atturi*.

Nagħrfu wkoll nagħżlu bejn il-kitba ta' *tliet* u *tlitt*, ta' *tmien* u *tmint*. Ara: *tliet soldi, tmien ħabbiet* (ara Għadd 50), *tlitt iħbieb, tmint ibwieb* u mhux *tmient ibwieb*.

53. Iż-żieda tal-ittra *t* (*ât*) tinhemeż ukoll mal-għadd ta' *tlieta* sa *disgħa* meta dawn

jingħaqdu f'waħda mal-kelma *âx* wara l-għadd ta' *għaxra* sad-*dsatax*.

**T.ċ.** Il-kelma *âx* mhix ħaġ'oħra ħlief is-sura ta' *għaxar*, imqassra f'*ax*. Għalhekk flok *tlitt-għaxar*, *erbât-għaxar*, eċċ., ngħidu u niktbu *tlettâx, erbatâx, ħmistâx*. (Din il-għada tinsab ukoll fil-Għarbi ta' Barbarija).

Il-kelma *dsatâx* (19) għandha tinkiteb bl-ittri *ds* u mhux bl-*s* (*satax*), għax ħierġa minn *disgħa*. *Sbatâx* tinkiteb bil-konsonanti *s* għax ħierġa minn *sebgħa*.

54. Wara kull kelma tal-għadd, l-isem ma jiħux l-artiklu.

Għalhekk insemmgħu u niktbu: *żewġ kotba*, *tliet kotba*, *erba' skejjel*, *erbat ifran*, *għoxrin raġel*, *tletin qabar*, *elf lira*, *elfejn sold*.

Il-kelma *il* li tidħol bejn il-għadd minn *ħdax* sa *dsatâx*, ma għandniex inqisuha bħala artiklu, imma biċċa mill-istess isem tal-għadd. Għalhekk jagħmel ħażin min jorbot din il-kelma *il* man-nom ta' wara l-għadd u jikteb, ngħidu aħna: *ħdax il-żiemel, tnax il-waħda, sittax il-qasba*. Sewwa wieħed jikteb: *ħdax-il żiemel*, *tnax-il waħda*, *sittax-il qasba*, bir-rabta ta' linja bejn il-kelma tal-għadd u ż-żieda tal-kelma *il*.

**T.ċ.** Illi l-kelma *il* mhix artiklu imma biċċa mill-istess isem tal-għadd, jurih:

(1) Il-grammatika Għarbija li tgħid: *atnaxar markeb*, *tslett għaxar markeb* u mhux *atnax al markeb*, *tslett-għax al markeb* (Gaudefroy, Sapeto, Machuel). Il-Malti jbiddel il-leħen ta' *-ar* f'dak ta' *-il*.

(2) L-ilsien Għarbi li f'xi bnadi ta' Barbarija fejn is-suriet ta' *ħdax*, *tnax*, *tlettax*, eċċ., meta warajhom għandhom nom, jieħdu ż-żieda ta' *en* flok *ar* li mhix ħaġ'oħra ħlief l-*il* tagħna. (Ara *Dictionnaire Français-Arabe*, Belkassem Ben Sedira: *Tsnachen ioum, arbatâchen dar*, p. xliv. Bil-kitba Maltija: *tnax-il jum*, *erbatâx-il dar*).

(3) Illi qabel l-ittri *ċ, d, n, ġ, r, s, t, ż, z, x* l-ittra *l* ma tingħaqadx magħhom bħalma wrejna fil-Għadd 41 – it-Tieni Taqsima. Għalhekk insemmgħu u niktbu *ħdax-il sufa*, *tnax-il tajra* u mhux *ħdax is-sufra*, *tnax it-tajra*. (Ara Ġ. Vassallo, *Il-Muftieħ*, p. 46). Hekk ukoll *sbatax-il ras* u mhux *sbatax ir-ras*, għalkemm l-*r* billi sieħeb l-*l* tiġi li fi lsienna tinħass flokha u tinkiteb: *tmintax irbiegħi* flok *tmintax-il rbiegħi*.

TIBDIL FIL-LEĦEN TA' KONSONANTI LI JIXXIEBHU

Il-konsonanti li jixxiebhu huma: *b* u *p, v* u *f, d* u *t, ż* u *s, ġ* u *ċ, g* u *k, għ* u *ħ, h* u *ħ*. (Ara r-Raba' Regola – l-ewwel Taqsima).

Dawn jieħdu l-leħen ta' xulxin, meta:

(1) Jaħbtu qabel u maġenb ittra konsonanti li jekk tkun ta' leħen qawwi, tqawwilhom

ukoll il-leħen tagħhom. Ara: minn *sidrija* nsemmgħu *żdieri*; minn *feda, mivdi*; minn *kiber, gbir, gbar*; minn *gawda, dgawdija*; minn *bata, dbatija*; minn *sebaq, niżboq*, li għalkemm jinħassu hekk, għandhom jinkitbu *sdieri, mifdi, kbir, tgawdija, tbatija, nisboq*, skont il-konsonanti tas-sura ewlenija jew l-ittra li tridha l-grammatika.

(2) Jaħbtu qabel u maġenb ittra konsonanti li jekk tkun ta' leħen artab, trattbilhom ukoll il-leħen tagħhom. Ara: minn *bitħa, beka, ġifen, beċċun, daħla, żifna* nħossu li ngħidu: *ptieħi, jipki, ċfien, pċieċen, tħul, sfin,* fejn il-konsonanti tal-għerq *b, ġ, d, ż* quddiem u maġenb konsonanti ratba jieħdu l-leħen artab ta' *p, ċ, t, s*. Għad li nħossuhom hekk għandna niktbu: *btieħi, jibki, ġfien, bċieċen, dħul, żfin*.

**T.ċ.** Dan it-tixbih ta' leħen jinħass ukoll meta l-konsonanti li jixxiebhu jaħbtu fl-istess kelma 'l bogħod minn xulxin. Għalhekk mill-kelma *kermed* (Għarbija), il-Malti jgħid *germed, germdu*; il-konsonanti *d* iebsa fl-istess kelma twebbes il-konsonanti ta' qabel *k* u tagħmilha *g*, hekk ukoll minn *kiddieb* (Għarbija) għandna *giddieb*; minn *ġaħad* (Għarbija), *ċaħad*, fejn *ħ* konsonanti ratba, trattab ukoll il-*ġ* u tagħmilha *ċ*. Hekk ukoll mill-kelma Taljana *cardello,* nagħmlu *gardell* fejn id-*d* twebbes il-konsonanti *k (ca)* u tagħmilha *(ga);* minn *bastardo* nagħmlu *pastard* fejn il-konsonanti *t* trattab il-*b* u tagħmilha *p*; minn *sorba, żorba*; minn *cova, guva*; minn *gocciola, koċċla*; minn *predella, bradella*; minn *scodella, skutella*.

Il-konsonanti ebsin *b, v, d, ż, ġ, g, għ* u *h* f'tarf il-kelma, isiru rotob u jieħdu l-leħen ta' *p, f, t, s, ċ, k* u *ħ*.

Ara: il-kliem *qalb, bieb, nerv, ġdid, ħadid, ħobż, ħruġ, tieġ, dmugħ, qligħ, uġigħ, fih, għalih, tah, iblah, koroh*, jinħassu *qalp, biep, nerf, ġdit, ħadit, ħobs, ħruċ, tieċ, dmuħ, qliħ, uġiħ, fiħ, għaliħ, taħ, iblaħ, koroħ,* imma għandhom jinkitbu bħal fuq: *qalb, bieb*, eċċ.

Dan it-tixbih ta' konsonanti jfixkel lil ħafna kittieba u għalhekk jiġi li kelma ma tinkitibx sewwa.

Jeħtieġ għalhekk inħarsu dawn ir-regoli:

55. Meta f'kelma mnissla jiġi li konsonanti tbiddel il-leħen tagħha minħabba x-xebh ta' konsonanti oħra li taħbat warajha jew għax taħbat f'tarf il-kelma, u din il-konsonanti tibqa' tinħass hekk, f'kull tiswir tal-istess kelma, dik il-konsonanti tinkiteb dejjem bħalma tinħass.

Mill-kliem *tiġieġa, ħasel, sagħtar, żgħir, taraġ, belt, art* imnisslin minn *dġaġa, għasel, żagħtar, sgħír, daraġ, beld, ard* (Għarbija), insawru dejjem: *tiġieġ, tiġiġiet*; *maħsul*; *sagħtar*; *żgħar, iżgħar*; *tarġa, tarġiet*; *bliet, belti, beltin*; *artijiet*; u għalhekk niktbuhom

dejjem kif inħossuhom. Hekk ukoll minn kliem Taljan bħal: *cardello*, *coverta*, *cova*, *taverna*, *toga*, *gocciola*, *Francese*, innisslu u niktbu dejjem: *gardell*, *gverta*, *guva*, *dverna*, *doga*, *koċċla*, *Franċiża* u mhux *kardell*, *kverta*, *kuva*, *tverna*, *toga*, *ġoċċla*, *Franċisa*.

56. Meta dan it-tibdil fil-leħen tal-konsonanti jidher biss f'sura waħda u le f'tiswir ieħor tal-kelma, dik il-konsonanti tinkiteb fuq dik ta' għerq il-kelma.

Għalhekk sewwa niktbu: *btieħi*, *libsa*, *sdieri*, *ġfien*, *bieb*, *kbir*, *jibki*, *nerv*, *serv*, *żfin*, *tisboq*, *qabad*, *fiħ*, *bih*, *dmugħ*, *tlugħ*, *wsiegħ*, *qligħ*, *qtigħ*, *blieh*, *ikrah*, *xebh*, *xebah* u mhux *ptieħi*, *lipsa*, *żdieri*, *ċfien*, *biep*, *gbir*, *jipki*, *nerf*, *serf*, *sfin*, *tiżboq*, *qabat*, *fiħ*, *biħ*, *dmuħ*, *tluħ*, *wsieħ*, *qliħ*, *qtiħ*, *blieħ*, *ikraħ*, *xebħ*, *xebaħ*, meta nafu li f'suriet oħra tal-kelma jagħmlu *bitħa*, *lbiesi*, *sidrija*, *ġifen*, *bieba*, *bibien*, *kiber*, *kobor*, *kburija*, *beka*, *nervi*, *servi*, *żifna*, *sebaq*, *qabdu*, *fiha*, *biha*, *demgħa*, *tala(għ)*, *telgħu*, *wasa(għ)*, *wisgħin*, *qala(għ)*, *qata(għ)*, *qatgħa*, *bluha*, *kerha*, *xbieha*, *xbihat*.

Għalhekk ukoll niktbu: *feġġ* u mhux *feċċ*, *qabeż* u mhux *qabes* (ara wkoll *qabża*), *tħin* u mhux *dħin* (ġejja minn *taħan* – ara *mitħuna*), *merfugħ* u mhux *merfuħ* (ġejja minn *refagħ* – ara *merfugħa*).

**T.ċ.** Toħroġ minn din ir-regola l-kelma *wiċċ* li għalkemm mill-plural tagħha *wċuh* imissna niktbuha *wiċh* (Għarbi *wiġh*) fil-Malti l-leħen ta' *ċh* jitwaħħad fil-ħoss ta' *ċċ*.

---

Biex wieħed ma jagħletx liema mill-konsonanti, li jixxiebhu fil-leħen, għandha tinkiteb fil-kelma, nistgħu minn dawn ir-regoli nwaqqfu, għal kull kelma, regola waħda u ngħidu:

57. Kull meta rridu nkunu nafu sewwa liema mill-konsonanti li jixxiebhu fil-leħen għandha tinkiteb fil-kelma, (1) inżidu vokali jew sillaba, jekk il-konsonanti tkun f'tarf il-kelma, (2) inbiddlu s-sura tal-istess kelma billi ndeffsu vokali wara l-konsonanti, jekk din taħbat ġewwa l-kelma jew fil-bidu.

(1) Minn *qalb*, *ħabib*, *ried*, *żebagħ*, *żebbuġ* biż-żieda ta' vokali jew sillaba, nagħmlu *qalbi*, *ħabibi*, *riedek*, *żebagħna*, *żebbuġa*, *żebbuġiet*, fejn l-aħħar konsonanti ta' kull għerq tinkixef ħafif ħafif.

(2) Minn *libsa*, *żfin*, *ġfien*, *sdieri*, nagħmlu *lbiesi*, *żifen*, *żifna*, *ġifen*, *sidrija*, fejn il-konsonanti huma *b*, *ż*, *ġ*, *s*, u mhux *p*, *s*, *ċ*, *ż*.

58. L-ittri likwidi *l*, *m*, *n*, *r* fil-kitba Maltija, jistgħu jidhru waħda flok l-oħra bħalma jingħata f'ilsna oħra.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ara: | *spiżjar, spiżjari* | minn | *speziale* (Taljana) |
| | *kalzri, kalzrieri* | " | *carcere, carceriere* (Taljan) |
| | *tinzlor, tinzlori* | " | *terzeruolo* (Taljan) |
| | *marsuttin* | " | *malsottile* (Taljan) |
| | *ballottra* | " | *baddòttula* (Sqallija) |
| | *rkant* | " | *incanto* (Taljan) |
| | *artal* | " | *altare* (Taljan) |
| | *timplor* | " | *punteruolo* (Taljan) |
| | *kenur* flok *kenun*. | | |

59. Il-konsonanti tal-gerżuma *għ* u *h*, meta jaħbtu f'tarf il-kelma, ma jinħassu b'xejn kemm-il darba l-vokali ta' qabilhom tinħass mingħajr aċċent twil. Jieħdu l-leħen ta' *ħ* meta l-vokali ta' qabilhom tinħass b'aċċent twil fuqha.

Ara: *refagħ - merfûgħ*
*sama(għ) - smîgħ*
*fíha - fih*
*(wiċh) wiċċ - wċûh*
*sigħan - siegħ*
*qala(għ) - qlûgħ*

**T.ċ.** Joħorġu minn din ir-regola l-kliem *ikrah, koroh*; *iblah, boloh*; *xebah, xebbah*.

Fil-kliem *żgħażagħ, forogħ* u *żebagħ*, il-*għ* wara l-vokali mingħajr aċċent tinħass *ħ* il-għaliex din l-ittra twieġeb għall-konsonanti *għ* bil-leħen qawwi غ tal-alfabett Għarbi.

IL-PRONOM

Il-Pronom hi dik il-kelma li toqgħod flok in-nom jew l-isem.

Il-Pronom fil-Malti, jista' jkun:

(1) *Ewlieni* jew *magħżul*.

(2) *Imnissel* jew *mehmuż*.

60. Il-pronom *ewlieni* jew *magħżul* tidher għalih kelma magħżula għaliha li tgħid u turi l-persuna.

Fil-għadd farrad dawn il-kelmiet huma: *jiena* jew *jien*, *int* jew *inti*, *hu* jew *huwa*, *hi* jew *hija*. Fil-għadd imkattar: *aħna*, *intom*, *huma*.

**T.ċ.** Il-pronom tal-ewwel persuna, għadd farrad, jinkiteb *jiena* u mhux *jena* jew *iena*, il-għaliex il-kelma hi mnissla mill-pronom *âna* (li fil-Għarbi tinħass *âna* jew *êna*) bil-ħemża ta' *j* qabel. Il-vokali twila *â* tinqasam fil-kisra ta' *ie* u mhux tal-vokali *e* u għalhekk nagħmlu *jiena* minn *j-iena*. (Ara l-Aċċent tal-Vokali – l-Ewwel Taqsima).

Il-pronomi ewlenin, meta qabilhom għandhom il-partiċella *ma* u fit-tarf il-kelma *xej* imqassra fl-ittra *x*, jinkitbu hekk:

(1) *M'iniex*, *m'intix*, *m'hux, m'huwiex, m'hix, m'hijiex,* *m'aħniex*, *m'intomx*, *m'humiex.* Il-*jie ta' jiena* tinxorob fil-vokali *i* (ara s-Sitta u Għoxrin Regola – l-Ewwel Taqsima); jew (2) *Miniex, mintix,* *mhux*, *mhuwiex*, *mhix*, *mhijiex*, *maħniex*, *mintomx*, *mhumiex*.

61. Il-pronom *imnissel* jew *mehmuż* hu dak li jinhemeż ma' nom, ma' verb, jew ma' xi partiċella.

Dawn huma:

Fl-Ewwel Persuna
*Għadd farrad*
  *-i, -j (=ja)* man-nomi u partiċelli
  *-ni* mal-verbi u xi partiċelli.

*Għadd imkattar*
  *-na* mal-verbi, nomi u partiċelli.

It-Tieni Persuna
  *-k (= ak, ek, ok)* mal-verbi, nomi u partiċelli
  *-kom* mal-verbi, nomi u partiċelli

It-Tielet Persuna
  *-h* (= *u*), *-ha* mal-verbi, nomi u partiċelli
  *-kom* mal-verbi, nomi u partiċelli

62. Jekk f'kelma ta' żewġ sillabi mal-hemiż jew żieda ta' ittra waħda jew iktar:
(1) It-tieni vokali ta' bla aċċent, tieħu l-aċċent, l-ewwel ittra mehmuża jew miżjuda tkun konsonanti. (Ara l-Wieħed u Tletin Regola, T.ċ. u T.ċ. (1) – l-Ewwel Taqsima).

Nieħdu *qábad*, *séraq*, li jsiru *qabàdna*, *seràqna*, *qabàdni*, *seràqni*, *qabàdkom*, *seràqkom*. Terġa' *qátel*, *féraq*, *ġíbed* li jagħmlu *qatìlna*, *qtìlna*, *feràqna*, *fràqna*, *ġibìdna*, *ġbìdna*.

Għalhekk, ngħidu aħna, minn *xórob* ma jistax ikollna *xoróba*, iżda *xoròbha*, *xoròbhom* u mhux *xoróbom*.

(2) Jekk dik it-tieni vokali tgħib, dak il-pronom ikun jibda b'vokali. (Ara d-Disgħa u Għoxrin Regola – l-Ewwel Taqsima).

Ara: *qábad* li ssir *qàbdek*, *qàbdu*, *qàbdet*. Ara: *ġísem* li ssir *ġìsmi*, *ġìsmek*, *ġìsmu*.

Għalhekk ukoll naraw illi meta ma' *qátel*, *ġíbed*, eċċ. u ma' dawn ix-xorta ta' verbi ta' sura ewlenija nehmżu l-pronom imnissel tat-tieni persuna *k* (jew *ak*, *ek*, *ok* = *k* bil-vokali fonika qabel), it-tieni vokali tgħib għalkollox u flok *qatlk*, *ġibdk* niktbu *qatlek*, *ġibdek*. Hekk ukoll meta mal-kelma nehmżu l-pronom imnissel tat-tielet persuna ta' ġens raġel li hu *h*, il-vokali tat-tieni persuna tgħib għalkollox u *ż*-*żieda* tal-pronom għandha tibda b'vokali. Minn *qátel*, *télaq*, *sílet* niktbu *qatlu*, *telqu*, *siltu* u mhux *qatlhu*, *telqhu*, *silthu*.

---

**T.ċ.** Fuq dan li wrejna, għal min irid jifli sewwa fuq il-kitba tal-pronom mehmuż tat-tielet persuna fil-ġens raġel, nistgħu nżidu u ngħidu wkoll, illi:

(1) Wara vokali bla aċċent, il-konsonanti *h* f'tarf il-kelma tibqa' siekta (*quiescente*) bħalma jiġri (*a*) fil-kliem kollu li jispiċċa bl-*a* tal-femminil, ngħidu aħna: *kelmah*, *siġrah*, *werqah*, *xewqah* (ara "Il-He-te jew Te marbuta"), li niktbuhom *kelma*, *siġra*, *werqa*, *xewqa*, u bħalma jiġri wkoll meta (*b*) il-*għ* ma tinstemax wara vokali bla aċċent u għalhekk lanqas ma tinkiteb fi kliem bħal dan: *rafa*(*għ*), *ġama*(*għ*), *qala*(*għ*), *xaba*(*għ*) li niktbuhom: *refa'*, *ġama'*, *qala'*, *xaba'* (ara Għadd 59 – it-Tieni Taqsima). Għalhekk flok *qàbduh* (*hu qabad lilu*), *ġìbduh* (*hu ġibed lilu*), insemmgħu u niktbu: *qàbdu*, *ġìbdu*.

(2) Meta mbagħad il-pronom *h* f'tarf il-kelma jaħbat wara vokali bl-aċċent twil, jiġri illi l-leħen jinħass bħalma jinħass dak tal-konsonanti *ħ* u *għ* f'tarf il-kelma fi kliem bħal *wċûħ*, *dmûgħ*, *qlûgħ*, *merfûgħ* u għalhekk insemmgħu u niktbu *fîħ*, *għalîħ*, *ħadûħ* (*huma ħadu lilu*), *qatlûħ* (*huma qatlu lilu*). (Ara Għadd 59 – it-Tieni Taqsima).

(3) Meta l-konsonanti tal-gerżuma *għ* tmiss mal-konsonanti seħbitha *h*, tingħaqad fil-leħen wieħed ta' *ħ* mtennija jew *ħħ*. Nieħdu l-verb *refagħ* li mehmuż mal-pronomi mnisslin *-ha*, *-hom*, jagħmlu *refagħha*, *refagħhom* u jinħassu *refaħħa*, *refaħħom*, waqt li mehmużin mal-pronomi tat-tielet persuna, għadd farrad *h*, il-konsonanti *h* tinxorob fil-leħen tal-vokali *u* u għalhekk minn *refagħ* insemmgħu *refgħu* u mhux *refagħhu*,

bil-leħen ta' *refaħħu*. Dan jurina illi hawnhekk l-*h* tibqa' siekta, u flokha għandha tidħol il-vokali *u*.

(4) Dak li għedna għall-kliem ta' żewġ taqsimiet jew iżjed, jiswa wkoll fil-kliem ta' sillaba waħda. Il-prepożizzjonijiet *magħ* u *tagħ* mehmużin mal-pronomi *-na* u *-kom*, fil-Malti, jibqgħu bla mittiefsa u jagħmlu *magħna*, *tagħna*, *magħkom*, *tagħkom*. Mehmużin mal-pronom *-ha*, *hom* jagħmlu wkoll *magħha*, *tagħha*, *magħhom*, *tagħhom* u jsemmgħu l-leħen magħqud ta' *ħħ* (bħal *maħħa*, *taħħa*, *maħħom*, *taħħom*). Meta mbagħad jinhemeż mal-pronom tat-tielet persuna, ġens farrad *h*, flok il-leħen ta' *h* magħqud mal-konsonanti *għ*, insemmgħu, f'tarf il-kelma, il-leħen tal-vokali *u* li tixrob l-*h* u hekk minn *magħ*, *tagħ* għandna *miegħ-u*(*h*) = *miegħu*, *tiegħ-u*(*h*) = *tiegħu* flok *magħħu*, *tagħħu*. (Qabbel dawn il-kelmiet ma' dawk fil-Għarbi Tripolin, illi wkoll isemma' u jikteb *mtâġħ-äh* = *mtagħa*(*h*), imma mbagħad *mtagħ-ha*, *mtagħ-hom* – Griffini). Minn dan għandna niġbdu illi fi kliem ta' sillaba waħda bħal *ras*, *fuq*, *duq* (verb), *suq* (verb), il-pronom *h* jieħu wkoll il-leħen tal-vokali *u* u għalhekk niktbu sewwa *rasu*, *fuqu*, *duqu*, *suqu* u mhux *rashu*, *fuqhu*, *duqhu*, *suqhu*, waqt li mbagħad mehmużin mal-pronomi *-ha*, *-hom* niktbuhom *rasha*, *rashom* bħalma niktbu *rasna* (*ras-na*), *raskom* (*ras-kom*).

(5) Meta l-kelma tispiċċa bil-konsonanti dgħajfa *j* jew *w*, billi dawn għandhom il-leħen ta' vokali, il-pronom *h* jinhemeż waħdu u jsemma' leħnu. Għalhekk niktbu *riġlejh*, *idejh*, *qaddejh*, *ħallewh*, *messewh*, bħalma niktbu *riġlejk*, *idejk*, *qaddejk*, *ħallewk*, *messewk*, fejn is-sura tal-pronomi jidhru *h* u *k* weħidhom mingħajr vokali qabilhom.

### Eżempji ta' Pronomi mehmużin ma' Verbi

Minn: *Kiteb*: *kitibni (kitib-ni)*
*kitbek (kitb-ek)*
*kitbu (kitb-u(h))*
*kitibha (kitib-ha)*
*kitibna (kitib-na)*
*kitibkom (kitib-kom)*
*kitibhom (kitib-hom)*

*Samagħ:* *semagħni (semagħ-ni)*
*semgħek (semgħ-ek)*
*semgħu (semgħ-u(h)*
*semagħha (semagħ-ha)*
*semagħna (semagħ-na)*
*semagħkom (semagħ-kom)*
*semagħhom (semagħ-hom)*

*Ferragħ:* *ferragħni (ferragħ-ni)*
*ferrgħek (ferrgħ-ek)*
*ferrgħu (ferrgħ-u(h))*
*ferragħha (ferragħ-ha)*
*ferragħna (ferragħ-na)*

*feragħkom (ferragħ-kom)*
*ferragħhom (ferragħ-hom)*

*Ġibed*: *ġbidtni*, *ġbidtek*, *ġibidha*, *ġbidtu*, *ġbidtna*, *ġbidtkom*, *ġbidthom*, *ġibduni*, *ġibduk*, *ġibduh*, *ġibduha*, *ġibduna*, *ġibdukom*, *ġibduhom*.

Minn dawn l-eżempji nieħdu:
(1) Illi f'dawk il-verbi li għandhom l-aħħar konsonanti *għ* bħala għerq il-kelma, il-pronom *h* jingħaqad fil-leħen ta' *ħ* mtennija jew *ħħ*. Ara: *ferra(għ)* li jsemma' *ferraħħa*, *ferraħħom*. *Biegħ* li jsemma' *bieħħa*, *bieħħom*, bħal minn *magħ*, *tagħ* insemmgħu *maħħa*, *taħħom*. Dan it-tagħqid ma jinħass b'xejn fit-tehmiż tal-pronom *h (= u)* li jagħmel *ferrgħu*, *biegħu*, bħalma inqas jinħass fil-kliem *miegħu*, *tiegħu*. Inqisu madankollu li niktbu sewwa *ferragħha*, *ferragħhom*, *biegħha*, *biegħhom*. (Ara Għadd 45 – it-Tieni Taqsima).

(2) Il-pronom *h* mehmuż fil-kliem: *ġibduh*, *serquh*, *ħaduh*, jibqa' *h*. Jinstema' *ħ* il-għaliex il-vokali ta' qablu għandha l-aċċent fuqha. (Ara Għadd 59 – it-Tieni Taqsima). Hekk ukoll *fîh*, *bîh*, *għalîh*, *staqsîh* (li minnhom innisslu l-femminil *fiha*, *biha*, *għaliha*, *staqsiha*) li jinstemgħu *fiħ*, *biħ*, *għaliħ*, *staqsiħ* għax qabel l-*h* hemm il-vokali *î* bl-aċċent twil.

### Eżempji ta' Pronomi mehmużin ma' Nomi

Minn: *Riġel*: *riġli*, *riġlek*, *riġlu*, *riġilha*, *riġilna*, *riġilkom*, *riġilhom*. (Ara Għadd 61 – it-Tieni Taqsima).
*Riġlejn*: *riġlejja*, *riġlejk*, *riġlejh*, *riġlejha*, *riġlejna*, *riġlejkom*, *riġlejhom*.

**T.ċ.** (1) L-aħħar konsonanti *n* ta' kliem bil-għadd imżewweġ, meta l-kelma tinhemeż mal-pronom, taqa'.
(2) L-ismijiet li jispiċċaw bl-ittra *a* tal-femminil, li mhix ħaġ'oħra ħlief il-*he* jew *te* marbuta, ibiddlu l-*a* f'*t* u għalhekk minn *kelma(h), werqa(h), ħofra(h)* għandna *kelmti, werqti, ħoforti*; *kelmtu, werqtu, ħofortu*; *kelmtha, kelmtek, kelmtu, kelmtkom, kelmthom,* eċċ.

Minn dan, innisslu dawn ir-regoli l-oħra:

63. Il-pronom *imnissel* tat-tielet persuna, fil-ġens raġel li jinhemeż mal-verb, man-nom jew mal-partiċella huwa *h*. Jinħass u jinkiteb *u* meta l-kelma tispiċċa b'konsonanti.

Ara: *qalb, qalbu*; *dar, daru*; *qatel, qatlu*; *għand, għandu*; *kull, koll, kollu*.

Jinħass *ħ* u jinkiteb *h* meta l-kelma tispiċċa b'vokali jew bil-konsonanti *j* jew *w*.

Ara: *sallbu, sallbuh*; *ġiebu, ġibuh*; *qara, qrah*; *fi, fih; bi, bih; għal(i), għalih; lej(n), lejh; raw, rawh.*

64. Il-pronom *imnissel* tat-tieni persuna fil-ġens raġel u mara, li jinhemeż mal-verb, man-nom jew mal-partiċella, huwa *k*. Jinħass u jinkiteb *k* mal-kelma li tispiċċa b'vokali jew bil-konsonanti *j* jew *w*.

Ara: *ra, rak*; *jara, jarak*; *ġiebu, ġibuk*; *ħadu, ħaduk; ħdej(n), ħdejk; għaddew, għaddewk, bi, bik*; *fi, fik*; *għali, għalik*.

Il-vokali tal-aħħar dlonk jiġri li tbiddel il-leħen tagħha.

Ara: *tefa, tfiek*; *għabba, għabbiek.*

Jinħass u jinkiteb *ek*, *ak* jew *ok* mal-kelma li tispiċċa b'konsonanti.

Ara: *qatel, qatlek*; *xorob, xorbok; oħt, oħtok; ħobż, ħobżok; għand, għandek; kull, kollok; qata(għ), qatgħek; biegħ, biegħek; ta(għ), tiegħek.*

65. Il-pronomi *mnisslin* tat-tielet persuna *-ha (femminil, singular), -hom (plural),* tat-tieni persuna *-kom (plural)* kif ukoll tal-ewwel persuna *-na (plural),* jinhemżu ma' tarf il-verb, in-nom, u l-partiċelli sew jekk dawn jispiċċaw b'vokali, kemm ukoll jekk jispiċċaw b'konsonanti.

Ara: (1) *ta, taha; tafa(għ), tefagħha*; *rabat, rabatha*; *ħadu, ħaduha*; *tefgħu, tefgħuha*; *dar, darha*; *qabar, qabarha*; *ruħ, ruħha*; *bi, biha*; *għand, għandha*; *minn, minnha*; *ta(għ), tagħha*; *għal(i), għaliha.* (2) *ħa(d), ħadhom, ħadkom, ħadna; ta, tahom, takom, tana; tefa, tfiehom, tfiekom, tfiena; tafa(għ), tefagħhom, tefagħkom, tefagħna; bierek, berikhom, berikkom, berikna; ħalq, ħalqhom, ħalqkom; ħalqna; xufftej(n), xufftejhom, xufftejkom, xufftejna; għand, għandhom, għandkom, għandna (għan'na); fi, fihom, fikom, fina.*

66. Il-pronom tal-ewwel persuna, għadd farrad, ġens raġel jew mara huwa (1) *-ni* meta jinhemeż mal-verbi u ma' xi partiċelli, (2) *-i* meta jinhemeż man-nomi u ma' xi partiċelli u (3) *-ja* meta jinhemeż ma' nomi mżewġin jew ma' partiċelli, sew jekk dawn kollha jispiċċaw b'vokali, kemm ukoll jekk jispiċċaw b'konsonanti.

Ara: (1) *ġabar, ġabarni*; *ħa(d), ħadni; saq, saqni; qata(għ), qatagħni*; *ra, rani*; *bi, bini (l-*

*għatx, il-ġuħ); koll, kollni*, (2) *riġel, riġli*; *sieq, sieqi*; *żaqq, żaqqi*; *għand, għandi*; *fuq, fuqi*; *ta(għ), tiegħi*, (3) *riġlej(n), riġlejja; idej(n), idejja*; *fi, fija*; *bi, bija*; *għal(i), għalija*; *lej(n), lejja*.

## IL-PARTIĊELLI

67. Il-Partiċelli, fil-Malti, jitqassmu fi *prepożizzjonijiet*, *konġunzjonijiet*, *avverbji* u oħrajn, fosthom *interjezzjonijiet*. Dawn jistgħu jkunu *magħżulin* u *magħqudin*.

**Prepożizzjonijiet** – Il-prepożizzjonijiet huma:
*Bi*, *fi*, *'l* jew *lil ('il), xi (x), ax*, *xin*, *minn*, *għal*, *fuq*, *isfel*, *taħt*, *qabel*, *għand*, *għajr*, *ma(għ), ta(għ), sa*, *ħlief*, *kif*, *għand*, *bla*, *quddiem*, *bejn*, *wara*, *barra*, *ġewwa*, *lemin* (minn *il-jemin*), *ħdej* jew *ħdejn*, *lejn* u *oħrajn*.

Biċċa minnhom jingħaqdu ma' partiċelli oħrajn jew ma' pronomi u jsiru kelma waħda jew jidhru f'qawl ta' żewġ kelmiet magħżulin:

*Għajr li* (flok *għajr illi*), *minflok* (flok *minn f'lok), għalhekk*, *għaldaqstant*, *fost* (flok *fi wast*), *ilu*, *ilha*, *ilhom*, *ilna*, *ilkom*, *għadilli, mingħajr*, *mintaħt, bih*, *bihom*, *lilu*, *lilek*, *fih*, *fik*, *fiha*, *xinhu*, *minnu*, *minnha*, *għalik*, *għalihom*, *fuqek*, *fuqkom*, *taħtu*, *taħthom*, *qabilna*, *qabilkom*, *għandu*, *għandha*, *għajru*, *quddiemhom*, *minfloku*, *bejnu*, *bejniet* (flok *bejnât), bejnietkom* (u mhux *bejnitkom*), *warajh* (jew *wrajh*), *fostkom*, *fostna* (bil-pronom fil-plural), *ħdejh*, *lejh*, *ħliefu*, *ħliefha*, *għâdu*, *għadha*, *mingħajru* u oħrajn.

**Konġunzjonijiet** – Il-konġunzjonijiet *magħżulin*, *magħqudin* u *mħalltin* huma:
*W* jew *u, imma*, *jew*, *ma*, *inkella* (= *sa-in-kien-iltilâ*), *li*, *likien* (Għarbija *lû kân*), *jekk*, *li kieku li*, *li ma* u oħrajn.

**Avverbji** – L-avverbji huma:
*Fejn* (minn *fi ajn* jew *ejn), haw*, *hawn*, *hawna*, *hawnhekk*, *hinn*, *minn*, *mbagħad*, *qabel ma*, *mindu*, *qatt*, *meta*, *il-bieraħ* jew *ilbieraħ*, *kemm*, *le*, *la*, *leqq*, *iva*, *iwa* (minn *aj* = *ajja*), *ma*, *għáda*, *fl-aħħar* jew *flaħħar*, *kif ma* u oħrajn, fosthom *xejn* (minn *xi-ejn), bejn* (minn *bi-ejn*).

**Partiċelli oħra** – *Aktar* jew *iktar, anqas* jew *inqas*, *għála*, *għax*, *bosta*, *biss*, *darba*, *dlonk*, *ewwilla*, *ftit*, *hekk*, *hemm*, *jaqaw*, *isa*, *kieku*, *mêla jew méla* (minn *imma lâ), immêla* jew *imméla*, *minn mindu*, *mqâr*, *ukoll*, *wisq*, *issa*, *iżda*, *iżjed*, *ja*, *saħansitra* (minn *ħatta ħin satra), għalli, għaliex*, *billi*, *flimkien*, *kallajamar* (flok *jekk Alla jamar), jista' jkun*, *kollu wieħed*, *ilbiraħtlula* (flok *il-bieraħt l-ula* minn *el-bariħât el-ula*, Hava), *pitgħada* (minn

*bagħad għada), għamnewwel* (minn *għâm l-ewwel), l-ewl iemes* (minn *ewl-âmes* jew *ewwel âmes), mta* (flok *minn ta').*

TEHMIŻ TA' PARTIĊELLI

**Tehmiż tal-Prepożizzjoni L mal-verbi u mal-pronomi**

68. Il-prepożizzjoni *l* hija partiċella mqassra minn *'il* li hi wkoll imqassra minn *lil* (bl-*l* żejda quddiemha – prostetika) u tidħol bejn il-verb u l-pronom. Tingħaqad mal-pronomi mnisslin *-i, -ek*(*k*)*, -u*(*h*)*, -ha, -na, -kom, -hom* u ssir *li, lek, lu, lha, lna, lkom, lhom*.

Ara: *ġieb, ġiebli, ġieblek, ġieblu, ġibilha, ġibilna, ġibilkom, ġibilhom*, fejn l-*l* taħbat bejn żewġ konsonanti tieħu vokali tal-leħen quddiem (it-Tlieta u Tletin Regola – l-Ewwel Taqsima) u din il-vokali twaqqa' l-vokali ta' bla aċċent. Ara: *seraq, serqilha, serqilna, serqilkom, serqilhom*.

**T.ċ.** Il-verb *kien* (meta jfisser il-verb Taljan *avere*) mehmuż maż-żieda ta' *li, lek, lu, lha, lna, lkom, lhom* jinħass u jinkiteb *kelli, kellek, kellu, kellha, kellna, kellkom, kellhom* flok *kenli, kenlek*, eċċ. (Ara Għadd 45). Meta *kien* ifisser il-verb Taljan *essere*, ma' dawn il-partiċelli jinħass u jinkiteb: *kienli, kienlek*, eċċ.

69. Il-pronomi mnisslin *-h* u *-ha* bil-plural tagħhom *-hom*, bħala *akkużattivi* tal-verb, jingħaqdu wkoll maż-żieda ta' *-li, lek, -lu, -lha, -lna, -lkom, -lhom* li jfissru d-*dattiv*.

Ara: minn *xórob* għandna *xorob*huli*, xorob*hulek*, xorob*hulu*, xorob*hulha*, xorob*hulna*, xorob*hulkom*, xorob*hulhom*, xorob*hieli*, xorob*hielek*,* eċċ.

Hekk naraw illi:

(1) Flok *-u* għall- *-h,* tidħol *-hu* u għalhekk flok *xorobuli, xorobulek*, kif wieħed jisma', għandna niktbu *xorobhuli, xorobhulek*, eċċ. (Ara Għadd 62).

(2) L-*ha* titbiddel f'*hie* billi biż-żieda ta' sillaba li tibda b'konsonanti, l-aċċent tal-kelma jaqbeż għal fuq il-vokali *a* (ara s-Sitta u Għoxrin Regola – l-Ewwel Taqsima). Ara: minn *xórob, xoròbha* nagħmlu *xorobhielu*, *xorobhielkom*, *xorobhielna*, eċċ. Hekk ukoll minn *râ* nagħmlu *raha*, imbagħad *rahieli, rahielu*, eċċ., minn *ġíbed, ġibìdha, ġibidhieli*; *séraq, seràqha, seraqhieli*, eċċ.

**Eżempji ta' Pronomi mehmużin mal-verbi**

| | | |
|---|---|---|
| Minn *refa(għ):* | *refagħni* | *= refagħ-ni* |
| | *refgħek* | *= ref(a)għ-ek* |
| | *refgħu* | *= ref(a)għ-u* |

| | |
|---|---|
| *refagħha* | = *refagħ-ha* |
| *refagħna* | = *refagħ-na* |
| *refagħhom* | = *refagħ-kom* |
| *refagħhom* | = *refagħ-hom* |

Minn *qatel*, *fehem*:

| | | | |
|---|---|---|---|
| *qatilni* | = *qatil-ni* | *fehemni* | = *fehem-ni* |
| *qatlek* | = *qat(e)l-ek* | *fehmek* | = *feh(e)m-ek* |
| *qatlu* | = *qat(e)l-u* | *fehmu* | = *feh(e)m-u* |
| *qatilha* | = *qatil-ha* | *fehemha* | = *fehem-ha* |
| *qatilna* | = *qatil-na* | *fehemna* | = *fehem-na* |
| *qatilkom* | = *qatil-kom* | *fehemkom* | = *fehem-kom* |
| *qatilhom* | = *qatil-hom* | *fehemhom* | = *fehem-hom.* |

**Eżempji ta' Pronomi magħqudin mal-prepożizzjoni LIL jew L mehmużin mal-verb**

Minn *ġabar, żebagħ* (mehmużin ma' *-li, -lek, -lu, -lha, -lna, -lkom, lhom*):

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *ġabarli* | = | *ġabar-li* | *żebagħli* | = | *żebagħ-li* |
| *ġabarlek* | = | *ġabar-lek* | *żebagħlek* | = | *żebagħ-lek* |
| *ġabarlu* | = | *ġabar-lu* | *żebagħlu* | = | *żebagħ-lu* |
| *ġabrilha* | = | *ġab(a)r-ilha* | *żebagħlha* | = | *żebagħ-lha* |
| *ġabrilna* | = | *ġab(a)-r-ilna* | *żebagħlna* | = | *żebagħ-lna* |
| *ġabrilkom* | = | *ġab(a)r-ilkom* | *żebagħlkom* | = | *żebagħ-lkom* |
| *ġabrilhom* | = | *ġab(a)r-ilhom* | *żebagħlhom* | = | *żebagħ-lhom* |
| *ġabruli* | = | *ġabru-li* | *żebgħuli* | = | *żebgħu-li* |
| *ġabrulek* | = | *ġabru-lek* | *żebgħulek* | = | *żebgħulek* |
| *ġabrulu* | = | *ġabru-lu* | *żebgħulu* | = | *żebgħu-lu* |
| *ġabrulha* | = | *ġabru-lha* | *żebgħulha* | = | *żebgħu-lha* |
| *ġabrulna* | = | *ġabru-lna* | *żebgħulna* | = | *żebgħu-lna* |
| *ġabrulkom* | = | *ġabru-lkom* | *żebgħulkom* | = | *żebgħu-lkom* |
| *ġabrulhom* | = | *ġabru-lhom* | *żebgħulhom* | = | *żebgħu-lhom* |

Mehmużin ma' *-huli, -hulek, -hulu, -hulha, -hulna, -hulkom, -hulhom*:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *ġabarhuli* | = | *ġabar-huli* | *żebagħhuli* | = *żebagħ-huli* |
| *ġabarhulek* | = | *ġabar-hulek* | *żebagħhulek* | = *żebagħ-hulek* |
| *ġabarhulu* | = | *ġabar-hulu* | *żebagħhulu* | = *żebagħ-hulu* |
| *ġabarhulha* | = | *ġabar-hulha* | *żebagħhulha* | = *żebagħ-hulha* |
| *ġabarhulna* | = | *ġabar-hulna* | *żebagħhulna* | = *żebagħ-hulna* |
| *ġabarhulkom* | = | *ġabar-hulkom* | *żebagħhulkom* | = *żebagħ hulkom* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *ġabarhulhom* | = | *ġabar-hulhom* | *żebagħhulhom* | = *żebagħ hulhom* |
| *ġabruhuli* | = | *ġabru-huli* | *żebgħuhuli* | = *żebgħu-huli* |
| *ġabruhulek* | = | *ġabru-hulek* | *żebgħuhulek* | = *żebgħu-hulek* |
| *ġabruhulu* | = | *ġabru-hulu* | *żebgħuhulu* | = *żebgħu-hulu* |
| *ġabruhulha* | = | *ġabru-hulha* | *żebgħuhulha* | = *żebgħu-hulha* |
| *ġabruhulna* | = | *ġabru-hulna* | *żebgħuhulna* | = *żebgħu-hulna* |
| *ġabruhulkom* | = | *ġabru-hulkom* | *żebgħuhulkom* | = *żebgħu-hulkom* |
| *ġabruhulhom* | = | *ġabru-hulhom* | *żebgħuhulhom* | = *żebgħu-hulhom* |

**Tehmiż ta' Partiċelli mal-Artiklu u ma' xi kliem ieħor**

Il-partiċelli li jingħaqdu mal-artiklu huma: *għal*, *bħal*, *sa*, *ma*(*għ*), *ta*(*għ*), *lil*, *minn*, *da* (flok *dan*), *ġewwa = ġo, bi, fi.*

Dawn mehmużin mal-artiklu jsiru: *għall-*, *bħall-*, *sal* , *mal-*, *tal-*, *lill-*, *mill-* (iż-żewġ *nn* isiru *ll* – ara Għadd 45), *dal-*, *ġol-*, *bil-*, *fil-*.

(1) Fuq li għedna fl-Għoxrin u fil-Wieħed u Għoxrin Regola, il-partiċelli *għâl(i), bħâl, lîl, dâ(n), mâ(għ), tâ(għ)* għandhom il-vokali tagħhom leħinha twil. Dawn jinħassu iżjed meta magħhom tingħaqad taqsima oħra bħal fil-kliem: *għalîh*, *għalîha*, *bħâlu*, *bħâlha*, *lilu, lilha, lilhom, miegħu, tiegħu. Għall-*, *bħall-*, *lill-*, bl-artiklu *l-* mehmuż f'tarf il-kelma, jieħdu l-aċċent maħtuf. Nagħrfu nagħżlu għalhekk bejn *għâl, bħâl, lîl* (bl-aċċent twil u mingħajr artiklu) u *għàll-*, *bħàll-*, *lìll-* (bl-aċċent *maħtuf* u *sħiħ* u bl-artiklu mehmuż).

*Màgħha* u *tàgħha* fejn il-*għ* tingħaqad mal-*h* f'ħoss imwaħħad u qawwi ta' *ħħ*, tbiddel ukoll l-aċċent twil tal-vokali f'*mâ*(*għ*) u *tâ*(*għ*) u jieħdu l-ħoss maħtuf ta' vokali b'aċċent *sħiħ*.

(2) Il-partiċelli *sa*, *ma(għ), ta(għ), da(n), bi, fi, ġô,* taħt id-Disa' Regola – l-Ewwel Taqsima, għandhom l-aċċent twil u għalhekk, bl-artiklu mehmuż f'taqsima ta' kelma, għandhom jieħdu konsonanti waħda u jinkitbu *sal-*, *mal-*, *tal-*, *dal-*, *bil-*, *fil-*, *ġol-*, u mhux *sall-*, *mall-*, *tall-*, *dall-*, *bill-*, *fill-*, *ġoll-* (Ħdax-il Regola) għad li aktarx jinħassu b'aċċent maħtuf.

(3) Fit-tehmiża tal-artiklu *l-* mal-prepożizzjonijiet *ma*(*għ*) u *ta*(*għ*), il-*għ* tinxtorob, u qabel konsonanti u le qabel vokali, niktbu *tal-*, *mal-* flok *tagħl-* u *magħl-*.

(4) Il-kelma *bħâl* ġejja minn *bi-ħâl* (jew *b-ħal*). Il-*b* jew *bî* qiegħda:

(i) flok il-*k* tal-Għarbi u tfisser *kif*. Ara *kal-lewż* (Għarbija) = *bħal-lewż* (Maltija), *kar-ruġul* (Għarbija) = *bħar-raġel* (Maltija), Sapeto, *Gramm*: *Araba*, p. 278.

(ii) flok *f* konsonanti li tixbah lill-*b*, kif dlonk tingħad fil-Għarbi ta' Tripli flok il-*k* jew *kif* (Griffini). Ara: *f-ax?* flok *kif ax?* u tfisser *bħaliex* jew *bħalliema*.

(iii) flok *fî* tinsab ukoll fil-Malti fil-qawl *bin-nhar*, *bil-lejl* flok *fin-nhar*, *fil-lejl*, kif ukoll wara il-verb *emmen* fil-qawl *ma nemminx bih*, *ma jemminx b'Alla*. Għalhekk ngħidu wkoll: *jiena nemmen f'Alla* jew *jiena nemmen b'Alla*.

Il-kelma *ħâl* ta' *bħal* tfisser *stat* u għalhekk *bħâl* qiegħda flok *fl-istat*, *fil-għamla* jew *fis-sura tal-ħaġa*. *Bħalu* = *fil-għamla* jew *fis-sura tiegħu*. L-Għarbi jgħid: *kif ħalek* biex ifisser: *kif inhu l-istat tiegħek?* jew *kif inti?* Meta ngħidu *dan bħal dak*, ma nkunux infissru ħlief dan il-kliem fil-qosor: *dan bil-ħâl ta' dak* jiġifieri *dan fil-ħâl ta' dak* jew aħjar: *dan fl-istat ta' dak.*

Inqisu li niktbu sewwa *bħal* u mhux *pħal*.

(5) Il-partiċelli *bi*, *fi*, mehmużin ma' partiċelli oħra u xi minn daqqiet ma' xi nomi wkoll, jingħaqdu f'kelma waħda. Ara: *bħâl, bil, bla, bih, biex (= bi-âx), fil, bxejn, fiex (= fi-âx), fih, flimkien, flok, fost (fi-wast).*

Man-nomi, jinkitbu magħżulin, bl-appostrofu bejniethom biex juru n-nuqqas tal-*i*. Ara: *b'Alla*, *b'ilsienu*, *f'għonqu*, *f'rasu*.

(6) Il-partiċella *minn* quddiem kelma li tibda b'vokali xi drabi ssir *mn* u tingħaqad magħha b'ħażż ta' sing. Ara: *mn-Alla*. Meta l-kelma tibda b'konsonanti, tibqa' *minn*. Ara: *minn fuq*, *minn hawn*, *minn hemm*, *minn għajr*.

Il-*minn* mixruba f'*mn* ma tiħux l-appostrofu għaliex warajha ma tiftiehem l-ebda vokali nieqsa. Ħażin min jikteb *mn'Alla* flok *mn-Alla*.

(7) Il-partiċella *xi* quddiem kelma li tibda b'konsonanti jew b'vokali, bħal *fi* u *bi*, tinkiteb *x'*. Ara: *x'għandu*, *x'minnek?* Kif ukoll *xi* (sħiħa) quddiem kelma li tibda b'żewġ konsonanti: *xi tgħidli? xi ġralek?*

Meta *xi* tfisser il-kelmiet waħdiet *(alcuni*, Taljana, *some*, Ingliża) tinkiteb *xi*, sa quddiem vokali Ara: *xi ommijiet*, *xi wħud* u mhux *x'uħud*.

(8) Il-partiċella *âx (= iex)* tingħaqad f'kelma waħda ma' partiċelli oħra bħalma huma *minn (mn), bi, fi, għal, ma(għ), ta(għ)* li jsiru *mniex*, *biex*, *fiex*, *għaliex*, *miex*, *tiex* bl-*â* miksura f'*ie*.

(9) Il-partiċella *xin* ukoll tingħaqad mal-pronom *hu*, *hi*, *huwa*, *hija*, *huma* jsiru *xinhu, xinhi, xinhuwa, xinhija, xinhuma.*

(10) Il-partiċella *kemm*, qabel nom, tinhemeż mal-partiċella *il* b'ħażż ta' linja u ssir *kemm-il*. Din il-partiċella mhix l-artiklu *l-* ta' qabel in-nom, imma partiċella oħra li tridha l-kelma *kemm*. Ara: *kemm-il raġel*, *kemm-il wieħed*, *kemm-il xkora*, *kemm-il darba*.

**T.ċ.** Kif urejna, l-ismijiet tal-għadd minn *ħdax* sa *dsatax* jieħdu wkoll il-partiċella *-il*. Ara: *ħdax-il ktieb*, *dsatax-il bniedem*.

70. Il-Partiċella *ma'*, *ta'*, *da(n)*, *di(n)*, *sa*, *bi*, *fi*, *minn*, *għal*, *bħal*, *lil*, *ġo*, jingħaqdu mal-artiklu kull meta l-kelma, li tiġi wara u li tibda b'konsonanti, tkun teħtieġ l-artiklu.

Ara: *bieb tal-kawba* li qiegħda flok *bieb ta' l-kawba*, *mort maz-ziju* flok *mort ma' z-ziju*, *dal-waqt* flok *dan il-waqt*, *dil-mejda* flok *din il-mejda*, *mort sal-Ħamrun* flok *mort sa l-Ħamrun*, *mejjet bil-għatx* flok *bi l-għatx*, *sibtu fil-ġnien* flok *fi l-ġnien*, *tfajtu fix-xkora* flok *tfajtu fi x-xkora*, *wasalt fil-għaxija* flok *fi l-għaxija*, *ħriġt mill-bieb* flok *minn il-bieb*, *min-Naxxar* flok *minn il-Naxxar*.

(1) Il-partiċelli *da(n), di(n), dak, dik* quddiem nom, fil-Malti, jitolbu l-artiklu: jiġifieri ma jimxux fuq ilsna oħra tal-Ewropa bħat-Taljan u l-Ingliż (*questo uomo*, *quella casa*, eċċ., *this man, that house*). Ara: *dak il-bieb, dik il-mejda, dak ir-raġel* jew *dar-raġel, din id-dar* jew *did-dar*.

(2) Il-prepożizzjonijiet bl-artiklu magħhom *mal-*, *tal-*, *dal-*, *dil-*, *sal-*, *bil-, fil-*, *ġol-*, *lill-*, *għall-*, *bħall-* jibqgħu magħqudin bil-ħażż tas-sing li bih l-artiklu jsib ruħu marbut mal-kelma (Għadd 40). Ara: *mal-baħar, tal-baħar, sal-baħar, bil-baħar, għall-baħar.*

(3) Dawn il-prepożizzjonijiet barra minn *fi* u *bi*, iħobbu jinfirdu mill-artiklu meta l-kelma ta' wara tibda b'vokali sew tal-leħen kemm tas-sura. Hawnhekk l-artiklu *l-* imur mal-vokali ta' wara u magħha jieħu sehem fis-sillaba ta' wara. Ara: *ma' l-iskejjel, ta' l-oqsma, sa l-isqaq, ġo l-isqaq, bħall-isqof, għall-arja*. Imma ikteb: *fl-iskejjel*, *bl-oqsma*, *fl-isqaq*.

(4) L-artiklu *l-* mehmuż mal-partiċelli jixxebbah u jingħaqad mal-konsonanti ta' bidu l-kelma meta din tkun waħda minn dawn l-ittri: *ċ, d, n, r, s, x, t, ż, z, ġ* (leħen ta' *ċ*). (Ara

Għadd 41). Għalhekk niktbu *tar-raġel, maċ-ċirku, sad-dar, min-nofs (minn-nofs), bħas-soltu*, eċċ. flok *tal-raġel, mal-ċirku, sal-dar, minn il-nofs* jew *mill-nofs, bħal il-soltu*, eċċ.

**Eżempji ta' Partiċelli mehmuża mal-Artiklu**

Ma', ta', sa, da, di, bi, fi:

*Mal-qoxra, tal-qoxra, sal-qoxra, dil-qoxra, bil-qoxra, fil-qoxra.*
*Mad-dar, tad-dar, sad-dar, did-dar, bid-dar, fid-dar.*
*Ma' l-oqbra, ta' l-oqbra, sa l-oqbra, dawn l-oqbra, bl-oqbra, fl-oqbra.*

Minn, għal, bħal, lil:

*Mill-knisja, għall-knisja, bħall-knisja, lill-knisja.*
*Mis-sema, għas-sema, bħas-sema, lis-sema.*
*Mill-ikrah, għall-ikrah, bħall-ikrah, lill-ikrah.*

71. Il-partiċelli *ma', ta', da(n), di(n), sa, bi, fi, minn, għal, bħal, lil, ġo*, imorru mingħajr artiklu meta l-kelma, li tiġi wara, ma tkunx teħtieġ l-artiklu.

Għalhekk niktbu *tlaqt ma' dgħajsa* u mhux *mad-dgħajsa* fejn il-kelma *dgħajsa* qiegħda biex tfiehem ħaġa li fuqha ma qtajna l-ebda ħsieb u għalhekk ma nuruhiex bl-artiklu. Hekk ukoll *hu ta' min hu* u mhux *hu tal-min hu, ta' kulħadd* u mhux *tal-kulħadd, ta' ħadd* u mhux *tal-ħadd, ta' ħaddieħor, mort ma' bniedem, ġejt ma' raġel, f'għodwa waħda, b'mistħija kbira, sa tarf it-triq, sa tul il-għodwa, minn sbieħ Alla, għal għonq it-triq, għal ebda bniedem, għal żmien twil*, eċċ. *Bħal dak, bħal kulħadd, bħal ħaddieħor, bħal bniedem agħma, għajjat bħal miġnun, għedt lil ħafna, sejjaħ lil ħabib (lil wieħed ħabib), lil min ġie ġie* u mhux *lill min ġie ġie*.

**T.ċ.** (1) Biex nagħrfu sewwa fejn għandu jidħol l-artiklu u fejn m'għandux jidħol, nistgħu flok il-partiċella li tkun, inqiegħdu l-prepożizzjoni *fuq* jew *taħt*. Jekk dawn jitolbu l-artiklu, il-partiċelli l-oħra li semmejna bħal *lil, bħal, għal* jinħtieġu wkoll li magħhom ngħaqqdu l-artiklu u niktbuhom *lill-, bħall-, għall-*. Għalhekk bħalma tikteb *fuq il-poplu* u mhux *fuq poplu* tikteb ukoll *bħall-poplu* u mhux *bħal poplu*; *dak ġie għall-poplu* u mhux *għal poplu*; *dak ħa lill-poplu* u mhux *lil poplu*. U bħalma tikteb *fuq is-siġra, fuq il-għorfa*, tikteb ukoll *lis-siġra, lill-għorfa, bħas-siġra, bħall-għorfa*. U bħalma tikteb *wieħed taħt ieħor, wieħed fuq ieħor* tikteb ukoll bla artiklu *wieħed lil ieħor, wieħed bħal ieħor, wieħed għal ieħor*.

(2) Nistgħu nagħrfu wkoll li l-partiċelli *lil, bħal, għal* jinhemżu mal-artiklu, jekk il-konsonanti ta' tarf il-kelma tingħaqad ma' waħda mill-konsonanti *ċ, d, n, r, s, x, t, ż, z, ġ*, li bihom tibda l-kelma ta' wara. Fejn ngħidu u niktbu *lit-tifel, bħat-tifel, għat-tifel* inqisu wkoll li niktbu *lill-mara, bħall-mara, għall-mara*; u fejn niktbu *lil tifel, bħal tifel, għal tifel*, inqisu wkoll li niktbu *lil mara, bħal mara, għal mara*; *lil raġel, bħal raġel, għal raġel*; *lil Ċensu, bħal Ċensu, għal Ċensu*.

Hawnhekk naraw ukoll illi fejn il-konsonanti *l* li biha tispiċċa l-partiċella ma tkunx l-artiklu *l-*, ix-xebh u l-għaqda tal-konsonanti *l* ma' waħda mill-konsonanti *ċ, d, n, r, s, x, t, ż, z, ġ* (li biha tkun tibda l-kelma ta' wara) ma jsiru qatt. Għalhekk ngħidu u niktbu: *lil ruħu, għal saħħtu, bħal Ċikku* u mhux *lir-ruħu, għas-saħħtu, għaċ-Ċikku.*

72. Meta l-partiċella ma tiħux l-artiklu ma tingħaqadx mal-kelma ta' wara bil-ħażż ta' linja, imma tibqa' magħżula għaliha.

Għalhekk bħalma niktbu *ta' Pietru, ma' missieri, sa Għawdex* mingħajr ma ngħaqqdu l-partiċella mal-kliem, inqisu li niktbu wkoll *għal Pietru, lil missieri, bħal Ġanni* u mhux *għall-Pietru, lill-missieri, bħall-Ġanni.*

———

73. Ma jiħdux artiklu qabilhom:
(1) L-ismijiet tan-nies.

Ara: *ta' Ċensu, ma' Ninu, lil Ninu, għal Ninu, bħal Pawlu.*

(2) Xi ismijiet ta' pajjiżi, ta' bliet, ta' rħula.

Ara: *ta' Franza, ta' Napli, ta' Malta, ta' Għawdex, għal Ta' Sannat, ta'/għal Birkirkara,* eċċ. Imma mbagħad kif ngħidu u niktbu: *il-Kanada, l-Italja, in-Naxxar, il-Għasri, il-Qrendi,* niktbu wkoll *għall-Kanada, għall-Italja, għan-Naxxar, għall-Qrendi.*

(3) L-ismijiet mehmużin ma' żieda ta' pronomi.

Ara: *fuq ħuk, ma' ħuk, għal ħuk, lil ħuk, bħal ħuk, wara biebek, għal biebek* u mhux *għall-ħuk, lill-ħuk, bħall-ħuk, għall-biebek.*

(4) Il-partiċelli *din, dik, dan, dak, dawn, dawk.*

Ara: *fuq din, taħt dik, ma' dan, għal dak, bħal dawn, lil dawk.*

———

Minn dan kollu li għedna naraw li l-partiċella *lil* imqassra f' *'il* jew f' *'l,* meta tkun mingħajr artiklu mehmuż magħha, ma tingħaqadx mal-kelma ta' wara bil-ħażż ta' linja: meta mbagħad tieħu l-artiklu, quddiem konsonanti, tingħaqad bil-ħażż ta' linja.

(1) *Lil* titqassar u ssir *'il* bejn żewġ konsonanti. Ara: *rajt 'il Karlu, kellimt 'il missierek,*

*'il żewġek, 'il sid id-dar* flok *rajt lil Karlu, kellimt lil missierek, lil żewġek, lil sid id-dar*.

(2) *Lil* titqassar u ssir *'l* qabel kelma li tibda b'vokali jew wara kelma li tispiċċa b'vokali.

Ara: *kellimt 'l Anni, 'l ommok*; *tlabt 'l Alla* flok *lil Anni, lil ommok, lil Alla*; *rajna 'l Karlu*, *rajna 'l missierek*. Hekk ukoll niktbu *weġġaħ 'l ommok*, fejn l-*l* hija biċċa mill-pronom *lil* u mhux l-artiklu *l-*.

(3) *Lill-* (bl-artiklu) titqassar u ssir *'ill-* meta taħbat bejn żewġ konsonanti: *għedt 'ill-ġenniena, ħriġt 'ill-kelb* flok *lill-ġenniena, lill-kelb*.

(4) *Lill-* (bl-artiklu) titqassar u ssir *'ll-* jew *'l-* meta qabel jew wara għandha vokali. Ara: *tlabna 'll-ommijiet* jew *'l-ommijiet*; *rabbejt 'll-ulied* jew *'l-ulied* flok *lill-ommijiet, lill-ulied*; *għedna 'll-ġenniena*, *ħriġna 'll-kelb* jew *'l-ġenniena, 'l-kelb.*

## GĦELUQ

### Ġabra ta' Regoli fuq il-Kitba tal-Għajn (GĦ)

L-iktar għeltijiet li jittieħdu fil-kitba Maltija huma dawk tal-ittri vokali *a*, *e* u *o* u l-konsonanti *għ*, meta dawn jaħbtu flimkien billi l-widna ma tfehimniex jekk il-*għ* tkunx trid toqgħod qabel vokali, wara vokali jew bejn żewġ vokali.

Nagħtu ftit regoli li bihom nistgħu nuru fil-qosor fejn u liema minn dawn l-ittri (waħda mill-vokali u l-konsonanti *għ*) għandha tiġi quddiem u liema wara:

(1) Fil-*passat* tal-verbi ewlenin ta' tliet konsonanti u żewġ vokali, il-konsonanti *għ*, għandha tinkiteb qabel — fis-suriet l-oħra tal-verb, il-konsonanti *għ* timxi wara l-vokali; għalhekk ikteb: *għámel*, *għáfas*, *għótor* (verbi fil-passat), waqt li mbagħad għandek tikteb: *agħmel*, *agħfas*, *ogħtor* (verbi fl-imperattiv). Hekk ukoll *magħmul*, *magħfus*, *tagħmel*, *tagħfas*, *tagħżel*, *tagħrok*, eċċ.

(2) Fil-verbi mnisslin mill-ewlenin (barra mit-*torox* u l-*moħfijin*) li jibdew bil-konsonanti *st*, il-konsonanti *għ*, bħala l-ewwel fost it-tlieta tal-għerq, tmur wara l-vokali. Ara: *stagħġeb*, *stagħna*, *stagħdar*; *nistagħġeb*, *nistagħna*, *nistagħdar*; *mistagħġeb*, *mistagħna*, *mistagħdar*.

(3) Fil-verbi ta' erba' konsonanti, il-*għ*, bħala l-ewwel fost l-erba' konsonanti tal-għerq, tinkiteb dejjem quddiem nett. Ara: *għarbel*, *ngħarbel*, *mgħarbel*, *għarbilna*, *jgħarbel*.

(4) Fil-verbi moħfijin (*concavi*), li fit-tielet persuna ġens raġel tal-passat għandhom żewġ konsonanti bejn vokali twila, il-konsonanti *għ* tmur qabel. Ara: *għêb*, *għâm*, *għêx*, *għên*, *għêr*, hekk ukoll fl-imperattiv *għib*, *għum*, *għix*, *għin*, *għir*.

(5) Fil-verbi torox (*sordi*), li fit-tielet persuna ġens raġel tal-passat, għandhom tliet konsonanti bejn vokali maħtufa bl-aħħar konsonanti mtennija, il-konsonanti *għ* tmur qabel. Ara: *għadd*, *għożż*, hekk ukoll fl-imperattiv *għoddni*, *għożżni*.

(6) Fl-aġġettivi tat-tixbih (*comparativi*), il-konsonanti *għ* tinkiteb wara l-vokali: *agħar*, *egħref*, *ogħla*, *ogħna*, kif il-konsonanti *ħ* u *ż* ta' *oħla*, *iżgħar*. Hekk ukoll fl-aġġettivi li jfissru *l-lewn*, *il-kruha tal-ġisem* u *l-għada*. Ara: *agħma*, *agħwar*, *agħrax* kif *isfar*, *aħmar*, *ismar*, *aħdar*, *oħxon*, *artab*, *ifqam* fejn l-ewwel konsonanti qiegħda wara l-vokali.

(7) Fil-partiċelli *ta*(*għ*) u *ma*(*għ*), magħqudin maż-żieda tal-pronom, il-konsonanti *għ* tmur wara l-vokali. Ara: *tagħna*, *magħna*, *tagħhom*, *tiegħi*, *miegħi*.

(8) Fil-plural tan-nomi, il-konsonanti *għ*, bħala t-tieni konsonanti fost erbgħa tmur qabel il-vokali. Ara: *mgħażel*, *mgħażaq*, *żgħażagħ*, *dgħaben*. F'suriet oħra, il-konsonanti *għ* bħala l-ewwel konsonanti tista' tmur qabel jew wara vokali tal-leħen (ara l-Wieħed u Tletin Regola, T.ċ. 2). Ara: *egħnuq* jew *għenuq*, *egħriebel* jew *għeriebel*, *egħtiebi* jew *għetiebi*.

(9) Fl-ismijiet (*astratti*) li joħorġu mill-verbi, il-konsonanti *għ* tmur qabel il-vokali. Ara: *għáma*, *għána*, *għáta*, *għóli*.

(10) Fl-ismijiet li għandhom il-vokali twila, il-konsonanti *għ* tmur qabel il-vokali. Ara: *għâref*, *għâli*, *għâni*, *ngħâs*, *qgħâd*, *tgħâbi*.

(11) Fl-ismijiet maskili, għadd farrad u fil-*passat* tal-verbi, tielet persuna maskil li għandhom il-vokali maħtufa, il-konsonanti *għ*, bħala konsonanti tan-nofs toqgħod bejn żewġ vokali. Ara: *xagħar*, *ċagħaq*, *bagħat*, *xogħol*, *qágħad*, *bágħat*, *mágħad*.

(12) Fl-ismijiet femminili u fi kliem ieħor li għandu l-aħħar ittra vokali, il-konsonanti *għ* bħala t-tieni konsonanti tmur wara l-vokali. Ara: *xagħra*, *xagħri*, *ċagħqi*, *bagħli*, *dagħmi*, *xogħli*.

---

Minn dawn kollha nistgħu nnisslu:

74. Biex fil-kitba ta' kelma tikxef il-qagħda tal-konsonanti *għ*, ħu kelma oħra bħalha li jkun fiha waħda mill-konsonanti l-ittra *q* jew *ħ* flok il-*għ* u fit-tiswir tagħha ara dawn l-ittri (il-*q* jew il-*ħ*) kif jaħbtu, hux qabel jew wara l-vokali. Qiegħed il-konsonanti *għ* tal-kelma li trid tikteb fl-istess qagħda tal-konsonanti *q* jew *ħ* tal-kelma l-oħra.

Għalhekk fuq *qaleb*, *qasam*, *ħaleb*, *ħamel* li jagħmlu *aqleb*, *maqlub*; *aqsam*, *maqsum*; *aħleb*, *maħlub*, *aħmel*, *maħmul* niktbu wkoll *għamel*, *agħmel*, *magħmul*; *għader*, *agħder*, *magħdur*. Iżjed: fuq *raħal*, *rħula* niktbu wkoll *bagħal*, *bgħula*; *nagħal*, *ngħula*; fuq *rħis*, *rħas* niktbu *żgħir*, *żgħar*; fuq *fetħa*, *ftuħ* niktbu *demgħa*, *dmugħ*; fuq *baqqun*, *bqaqen* niktbu wkoll *żagħżugħ*, *żgħażagħ*.

Flok l-ittra konsonanti *q* jew *ħ* nistgħu ninqdew b'kull ittra oħra konsonanti, li f'kelma ta' sura waħda mal-kelma li nkunu rridu niktbu, taqbel fil-qagħda ma' dik tal-*għ*.

Għalhekk kif niktbu: *żarbun*, *żraben* bl-ittra *r* fis-singular wara l-vokali u fil-plural qabel il-vokali, hekk ukoll niktbu *żagħżugħ*, *żgħażagħ* bl-ittra *għ* fis-singular wara l-vokali u fil-plural qabel il-vokali.

**T.ċ.** Kif urejna, il-konsonanti *għ*, fejn jiġi li titħaxken ma' oħra, tieħu l-vokali tal-leħen qabel jew wara. Għalhekk fuq il-kelmiet *pespus*, *psiepes*, nistgħu niktbu *bergħud*, *briegħed*; *fergħun*, *friegħen* fejn il-*għ* ta' dawn il-kelmiet taqbel mal-qagħda tat-tielet konsonanti *p* f'*pespus*, *psiepes*. Imma mbagħad minn *għanqud*, *għasluġ*, *għarbiel*, *għasfur*, kliem tal-istess sura bħal ta' *pespus* niktbu *għenieqed* jew *egħnieqed*, *għesieleġ* jew *egħsieleġ*, *għeriebel* jew *egħriebel*, *għasafar* jew *agħsafar* u mhux *għnieqed*, *għsieleġ*, *għriebel*, *għsafar* bħal *psiepes*.

### Tifsir ieħor fuq l-Alfabett

L-Alfabett Malti għandu mad-disgħa u għoxrin ittra li bihom infissru l-ilħna ta' kull kelma fil-kitba Maltija. Dawn l-ittri nuruhom b'ħażż ta' ittri Rumani: imma billi l-Latini ma għandhomx għajr 25 leħen u għalhekk mhux iżjed minn daqshekk ieħor ittri, xi ilħna tal-ilsien Malti li ma jinsabux fil-Latin, ġie kemm-il darba li kellhom jiftiehmu jew b'ittri barranin jew b'xi għelm żejjed fuq l-istess ittri tal-Alfabett Ruman li jersqu mal-leħen li rridu.

(1) L-ittri Maltin li jaqblu fil-leħen ma' dawk tal-Latin huma:
Konsonanti: B, D, F, H, J, L, M, N, P, R, S, T, V, Z.
Vokali: A, E, I, O, U.

Billi l-kitba Maltija jeħtiġilha tkun mibnija fuq Alfabett li fih kull ittra għandha tidher

għal leħen wieħed, u fejn kull leħen għandu jiġi miftiehem b'ittra waħda (l-Ewwel u t-Tieni Regola), xi ittri bħalma huma l-konsonanti *C* u *G* li daqqa jagħtu leħen u daqqa ieħor (skont il-vokali ta' wara), kellhom jingħażlu għalihom biex jidhru għal leħen wieħed: *ċ* (bil-punt fuqha) għal-leħen ta' *cia*, *ce*, *ci*, *cio*, *ciu* (Taljani) fi kliem bħal *ċanga*, *ċerna*, *ċirċ*, *ċong*, *ċurniena*; *ġ* (bil-punt fuqha) għal-leħen ta' *gia*, *ge*, *gi*, *gio*, *giu* (Taljani) fi kliem bħal *ġandra*, *ġellewża*, *ġiżi*, *ġonna*, *Ġużè*, *tieġ*, żewġ ittri ta' għamla u leħen jixxiebhu u għalhekk magħżulin b'għelm li jaqbel.

Dan l-għelm, illum magħruf mill-aħjar kittieba tal-Malti, ġie mogħti l-ewwel darba mill-"Accademia Filologica" fuq il-kitba tas-"Società Medica" u tal-"Amari". Ħafna mill-kittieba tal-ilsna tal-Lvant jinsabu wkoll b'sinjali oħra flok il-punt.

L-ittra *g* tidher għal-leħen ta' *ga*, *ghe*, *ghi*, *go*, *gu* (Taljani) f'kelmiet bħal *gandoffla*, *gerger*, *giddieb*, *gondla*, *gundalla*.

Il-Kummissjoni maħtura biex tagħżel Alfabett Malti (ara *Rapport fuk l-Alfabêt Malti magħżul mill-Cummissjoni tal-Għakda tal-Chittieba tal-Malti*, *1921*, p. 8), kienet għal dan il-leħen għażlet l-ittra *g* bil-qatgħa fuqha u dan sar biex ma titħallatx mal-leħen ta' *ge*, *gi (g)* quddiem il-vokali *e* u *i*, kif kienet u għadha tfisser fil-kitba Maltija miktuba fuq l-ortografija Taljana. F'laqgħa tal-imseħbin tal-"Għaqda" li saret fit-18 ta' Diċembru 1921, din l-ittra mingħajr il-qatgħa fuqha baqgħet biex tagħti l-leħen ta' *ga*, *ghe*, *ghi*, *go*, *gu* (Taljani). Ara: *gendus*, *gidem*, *gidi*, *gerger*, *gemgem*, *giddieb*, flok *¯gendus (g* bil-qatgħa fuqha), *¯gidem*, *¯gidi*, *¯gerger*, *¯gemgem*, *¯giddieb* kif kienu ġejjin miktuba. Il-*g* (bla punt jew qatgħa) għandha dan il-leħen fil-kitba ta' "Patrizi" u tax-"Xirka Xemija".

L-ittra li għal-leħen ta' *ca*, *che*, *chi*, *co*, *cu* (Taljani) tista' tissieħeb ma' dik ta' *g*, kienet tkun bil-jedd kollu l-ittra *c*, imma flokha tidħol aħjar il-*k* (*kappa* Griega) li mingħajr ma tfixkel quddiem iż-żewġ vokali *e* u *i* tagħti minnha nfisha l-leħen li rridu. Insibu għalhekk il-*k* għal-leħen ta' *ca*, *che*, *chi*, *co*, *cu* fil-kitba Taljana stess tas-seklu erbatax (1300) flok iċ-*c* u l-*ch* tal-lum. (Guarnerio, *L'Intacco latino della Gutturale Ce*, *ci*, p. 50, *Arch: Glott. Ital. Disp. IV).* Ara: *kappa* flok *cappa*, *ki* flok *chi*. Ħafna mill-aħjar kittieba tal-Malti u tal-ilsna tal-Lvant inqdew ukoll biha, fosthom Vassalli, ix-Xirka Xemija, Stumme, Gasselin, Vaccari u saħansitra nsibuha fl-Esperanto.

L-ittra *k* minflok il-*ca*, *che* (Taljani) tidher ukoll fil-kitba ta' De Soldanis (1750) u fi vrejjes ta' Gio. Fco Bonamico dwar l-1672 miktubin għall-Gran Mastru Nicola Cotoner. (Ara l-ewwel eżempju ta' Kitba Maltija).

L-ittra *x* bil-leħen ta' *ks* Latina ma setgħetx taqdi l-kitba Maltija mibnija fuq ittri ta' leħen

wieħed għal kull ittra. Fl-Alfabett Malti għandha l-leħen ta' *sc (esce)* Taljana. Din tidher fl-eqdem ħżuż ta' kitba Maltija meħuda aktarx mill-Isqalli fil-kitba ta' dwar is-sena 1400. Ara: *cuxini, nixuno*.

(2) L-ittri Maltin li għandhom il-leħen tagħhom li ma jinsabx fil-Latin huma:

*Għ* (għajn), *H* (ha), *Q* (qaf), *W* (waw) u *Ż* (ża).

Il-*għ* għall-*għajn* huma ittri li bihom s'issa nqdew il-kittieba kollha tal-Malti minn żmien De Soldanis fuq il-kitba tat-traskritturi Taljani li ħażżew il-kitba Għarbija b'ittri Latini. Biss Vassalli, Falzon u xi oħrajn kienu għażlu ħżuż barranin li ma mxewx.

Il-Kummissjoni tal-"Għaqda" biex timxi fuq il-bidu ta' "Alfabett Fonetiku", għaqqdet iż-żewġ ittri f'waħda bħalma tidher f'xi kitba Maltija ta' dwar l-1846. (Ara l-eżempji ta' kitba Maltija).

Il-*ħ* għal-leħen ta' *ħa*, hija ittra li tidher għall-kitba Maltija minn żmien is-sena 1800 u aktarx qabel. Inqdew biha s-"Società Filologica", ix-"Xirka Xemija" u "Falzon", u sal-lum l-aħjar kittieba tal-Malti.

Fil-grammatika ta' Vassalli u ta' Panzavecchia, il-għamla tal-ittra *h* fil-leħen ta' *ha* ġiet imħassra u għalhekk it-tipa bħal ittra ġdida ma mxietx.

Il-*q* għandha l-leħen ta' *ca*, *che*, *chi*, *co*, *cu* (Taljani) mill-gerżuma bħal fil-kelmiet *qadim*, *qoffa*, *ħalq*.

Din l-ittra li tinsab ukoll fl-Alfabett Latin u Taljan biex tagħti l-leħen ta' *qu (cu)* (ara: *quam*, *quasi*), hi waħda mill-ittri żejda li għal-leħen ta' *ku*, bħal fil-kelma *kwiener*, *kwiekeb* fil-kitba Maltija ma tinħtieġx u għalhekk fuq il-kitba ta' oħrajn bħal Stumme, Gasselin, Vaccari, Vassalli, Falzon u x-Xirka Xemija, ġiet magħżula biex nifhmu biha l-leħen ta' *qaf*. Hija l-iktar ittra li fil-leħen tagħha tista' tersaq lejn il-leħen barrani ta' *ku* mill-gerżuma. Din l-ittra nsibuha wkoll f'xi kitba bil-Malti dwar l-1672. (F'poeżija ta' Bonamico, ara l-ewwel eżempju ta' kitba Maltija).

Il-leħen ta' *waw* fil-Malti, bħalma hu fil-kliem *għawweġ, wara, wardija,* huwa leħen ta' ittra konsonanti dgħajfa barranija fl-Alfabett Latin, għalkemm jinħass fi kliem Taljan bħal *quale*, *guerra*, *guisa*, *guardia* u wisq iżjed fl-Ingliż *was*, *war*, *warder*. Il-Kummissjoni għal dan il-leħen kienet għażlet l-*ū* bil-qatgħa fuqha, l-ewwel nett biex tagħżilha mill-*u* vokali, it-tieni biex tfiehem biha *u* mħaxxna fil-leħen. (Ara *Rapport,* eċċ., p. 9).

Il-laqgħa tal-"Kittieba tal-Malti", flok l-*ū* għażlet l-ittra *w*, bix-xewqa li kemm tista' ma ddaħħalx tipi ġodda u għaliex ukoll dehrilha (u l-ħsieb tagħha qabel ma' dak tal-Kummissjoni – ara *Rapport*, eċċ., p. 10) li l-ittra sħiħa ta' *w* tfisser aħjar il-leħen Malti tal-*waw*. L-ittra *w* mhux ħlief il-qagħda ta' żewġ *v* Latini jew ta' żewġ *u*.

Flok l-ittra *w* tal-lum l-Ingliżi kienu jinqdew b'ittra oħra għamla ta' *p* ta' nisel gotiku u flokha għall-ewwel daħħlu l-ittri *vu*. Dwar is-seklu ħdax insibu mbagħad flokhom l-ittri *uu* kif ukoll iż-żewġ *vv* bl-istess leħen. Dawn fl-aħħar nett ġew magħqudin f'ittra waħda *w* u b'hekk jidher li din l-ittra mhi xejn ta' nisel Ingliż u li qabel ma ngħaqdu f'ittra waħda kienu mehmużin bħall-ittri *ff, æ, fl* tat-tipi Rumani (Taylor)

Dwar is-sena 1000 u fuqhom, din l-ittra nsibuha fid-dokumenti Rumani għal-leħen ta' *vu*. Ara: *serws*.

Għal-leħen ta' *waw*, inqdew biha l-aħjar kit-tieba fosthom Amari, A. P. Caussin De Percival, Griffini, Vaccari u Fra Gabriele Maria d'Aleppo. Fil-kitba Maltija jidher li daħħalha l-ewwel wieħed il-Prof. Zerafa fl-Alfabett maħsub għall-kitba bil-Malti tas-"Società Medica" (1841).

L-ittra *ż (z* bit-tikka fuqha) hija *ż-żeta* Franċiża u l-*esse* ħelwa Taljana. Tersaq lejn iz-*zeta* fil-kelma *zokk, ziju*; imma b'ħoss imżarżar bħal fil-kelma *żunżana*.

Fuq il-kitba ta' *ġ* (*g* bil-punt), iż-*ż* (*z* bil-punt) ġiet ukoll magħżula biex tagħti dan il-leħen Malti biex ikun magħżul minn dak ta' *z (ts)* li aktarx insibuh fi kliem ġej mit-Taljan. Kitbu biha sew is-"Società Filologica Maltese" kemm ukoll ix-"Xirka Xemija". Magħrufa llum mill-aħjar kittieba tal-Malti.

(3) L-ittri tal-Alfabett Malti li ma jinsabux fl-Alfabett Għarbi huma *Ċ, G, P, V, Z,* li għal min irid jiftakarhom sewwa jista' jgħaqqadhom f'kelma waħda u jsejħilhom *Ċegapeveza*. Dawn l-ittri aktarx issibhom fi kliem imnissel mit-Taljan jew Sqalli. Issibhom ukoll f'għadd ċkejken ta' kliem li hu tassew Malti – fil-bidu ta' kliem b'erba' konsonanti. Ara: *ċaqċaq, gerger, pespes, venven, zekzek*.

(4) L-ittri Għarbin li llum ma jinsabux fl-Alfabett Malti huma:

(1) TSA ث, THA ط, THZA ظ

(2) DZAL ذ, DHAD ض

(3) SSAD ص
(4) KHA خ
(5) GĦAJN (għajn ħoxna) غ.

Dawn kollha fil-Malti, barra l-*għajn* f'xi rħula ta' Għawdex, raqqu l-leħen tagħhom u saru leħen wieħed ta' (1) T, (2) D jew T, (3) S, (4) Ħ, (5) GĦ jew Ħ. Għalhekk insemmgħu u niktbu *tlieta* flok *tslieta*, *tawru* flok *tsawru*, *tul* flok *thul*, *darab* flok *dharab*, *daqna* flok *dzaqna*, *taraġ* flok *daraġ*, *sajd* flok *ssajd*, *ħobż* flok *kħobż*, *għani* (*'âni*) flok *għani*, *ħasel* flok *għasel*, *ħafer* flok *għafer*.

Ma hemmx ħlief Vassalli u Falzon li fil-kliem Malti għażlu bejn il-leħen ta' *ħa* u *kħa*. Ara: *ħabib* u *ħobża* (*kħobża*), ta' *għajn* (*'âjn*) u *għajn* (*għ* imħaxxna). Ara: *għamel* (*'âmel*) u *għalaq* (bil-leħen ta' *għ* minn qiegħ il-gerżuma). Il-*għ* bil-leħen imħaxxen nistgħu ngħidu li għadu jinħass biss fil-kliem *żgħażagħ*, *foroġħ*, *żebagħ*. (Ara T.ċ. Għadd 59 – it-Tieni Taqsima).